# “Multiplikazzjonijiet Mewwieġa”

# It-Traduzzjoni Ekoloġika Marbuta max-Xbihat tal-Baħar fil-Poeżiji Kontemporanji Maltin

**Ilona Victoria Sciberras**

[redacted]

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta’ Malta,

għall-Grad tal-Maġisteru fl-Istudji tat-Traduzzjoni u t-Terminoloġija

Ġunju 2025

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

**FACULTY/INSTITUTE/CENTRE/SCHOOL** Fakultà tal-Arti

## DECLARATIONS BY POSTGRADUATE STUDENTS

### (a) Authenticity of Dissertation

I hereby declare that I am the legitimate author of this Dissertation and that it is my original work.

No portion of this work has been submitted in support of an application for another degree or qualification of this or any other university or institution of higher education.

I hold the University of Malta harmless against any third party claims with regard to copyright violation, breach of confidentiality, defamation and any other third party right infringement.

### (b) Research Code of Practice and Ethics Review Procedures

I declare that I have abided by the University's Research Ethics Review Procedures. Research

Ethics C Data Protection form code ARTS-2025-00339.

*Għal dawk li ma jkollhomx l-opportunità jġorru l-bagoll akkademiku,*

*imma b'kelma ta' kuraġġ jew b'daħka (anke jekk salpaw),*

*ikunu sors ta' sostenn għall-istudent.*

*B'dedika speċjali għal Paul.*

-----

*Il-mewġ tal-mewt jilgħab bina,*
*aktar minn mewt il-mewġ,*
*f'baħar dlam bla qamar fuq frejgatina,*
*li għal dejjem tibqa' twasslek sa xtajta ġeblija.*

*The waves of death play with us,*
*More than the death within the waves,*
*On a moonless sea aboard a small frigate,*
*That forever bears us to a rocky shore.*

# Radd il-Ħajr

Qabelxejn, nirringrazzja lit-tutriċi Prof. Clare Vassallo u l-kotutriċi Dr Claudine Borg, li mill-bidu tat-traġitt emmnu fija, tawni ħemel ta' pariri siewja u ispirawni bid-determinazzjoni u l-professjonalità tagħhom. Ħajr lill-membri kollha tad-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni u t-Terminoloġija li b'passjoni għaddewlna l-imħabba għas-suġġett, l-għarfien u fuq kollox emmnu fil-kapaċitajiet tal-istudenti kollha.

Nestendi l-gratitudni tiegħi lejn dawn li b'xi mod jew ieħor għenuni ngħaqqad il-biċċiet fl-istudju:

- Lil Elizabeth Grech, Leanne Ellul, Adrian Grima u Immanuel Mifsud li jimpenjaw irwieħhom u jittrattaw l-element marittimu b'sensittività ekoloġika, u fuq kollox ippermettewli nuża l-prodotti artistiċi tagħhom għar-riċerka.
- Lis-Sur Dwayne Ellul u Prof. Bernard Micallef mid-Dipartiment tal-Malti flimkien ma' Prof. Sergio Portelli mid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni u t-Terminoloġija li għenuni nfassal it-terminu "Blue Humanities" bil-Malti.
- Lil dawk kollha li wittew it-triq għall-qasam tat-Traduzzjoni Ekoloġika u dawk li jitħabtu mal-kurrent biex iħarsu l-baħar u l-art bħala d-dar naturali tagħna.
- Lil dawk li kienu ta' sostenn emozzjonali u ta' spalla qalb il-mewġ: in-nies tal-Għaqda tal-Malti - Università, il-kollegi tax-xogħol, u lill-ħbieb tal-qalb. Magħhom inżid il-familja tiegħi li dejjem appoġġjatni, partikolarment lil ommi Christine, missieri Victor, ħuti Nathalie u Leanne, in-neputijiet Christy u Dylan-Paul u n-Nanna Vitorin.
- Finalment, lill-għalliema u l-letturi kollha ta' rieda tajba, li kelli x-xorti niltaqa' magħhom f'kull stadju ta' ħajti, u mingħajr ma jafu ispirawni biex nasal sa hawn.

# Sinteżi

Din it-teżi tittratta t-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu fil-kuntest lokali, speċjalment fl-era tal-kriżi klimatika. Din tistħarreġ it-traduzzjoni tax-xbihat marbuta mal-baħar u mal-ambjent akkwatiku f'sens wiesa' biex tipprova timla l-kuxjenza tal-qarrejja b'aktar sensittività ekoloġika madwar il-globu. L-Istudji Umanistiċi Blu ntrabtu mat-Traduzzjoni Ekoloġika għax akkademiċi miż-żewġ dixxiplini bħal Steve Mentz (2024, p. 3-5) u Michael Cronin (2024, p.18) isostnu li l-bidla fl-imġiba tal-bnedmin teħtieġ kollaborazzjoni b'approċċ multilingwi.

L-istħarriġ fuq it-traduzzjoni tal-poeżiji kontemporanji sar fuq ix-xogħlijiet ta' erba' poeti: Leanne Ellul, Elizabeth Grech, Immanuel Mifsud u Adrian Grima. Intużaw it-traduzzjonijiet għall-Ingliż tal-poeżiji mill-ġabriet *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla* ta' Ellul li ftit mill-poeżiji tagħha ġew tradotti minn Albert Gatt, u *bejn baħar u baħar* ta' Grech ġie tradott fil-ġabra *Between Seas* minn Irene Mangion. Dawn iż-żewġ poeti ma jittrattawx il-kriżi klimatika direttament, iżda ċerti għażliet lingwistiċi li tlaqqagħna magħhom it-traduzzjoni jew it-temi li tipproġetta joħorġu aspetti intriganti fir-relazzjoni ta' bejn il-bnedmin u l-ilma. Aktar minn hekk, l-istudju ma kienx komparattiv biss, iżda kellu l-element prattiku wkoll minħabba li ġew tradotti sitt poeżiji mill-ġabra *Riħ min-Nofsinhar* sabiex l-istudju japplika t-teorija li qed jgħaddi, jiġifieri li jibdew jiġu tradotti testi li espliċitament jittrattaw il-kriżi klimatika. Dawn il-poeżiji ntgħażlu għaliex jittrattaw b'mod ċar temi relatati mal-kriżi klimatika, bħaż-żieda fil-livell tal-baħar, l-ispostament tan-nies, u l-konsegwenzi politiċi u emozzjonali tagħhom, u għalhekk joffru bażi b'saħħitha biex tiġi investigata l-possibbiltà tat-traduzzjoni bħala att ekoloġiku.

Dan l-istudju jibda bi sfond fuq l-element marittimu fil-kuntest tal-komunità Maltija li jista' jiġi applikat għal oħrajn, li ħajjithom ntgħaġnet u għadha tissawwar mill-ilma li

jiċċirkonda gżirithom. Imbagħad tingħata ħarsa kritika lejn it-teorija akkademika dwar l- Istudji Umanistiċi Blu u t-Traduzzjoni Ekoloġika, li tiġi segwita minn kapitlu fuq it- traduzzjoni tal-metafora li toffri pedament għall-fehim aktar b'saħħtu tat-traduzzjoni tax-xbihat tal-poeżiji. It-tielet kapitlu se jiffoka fuq il-metodoloġija li ntużat biex intgħażlu l-poeti u fuq il-qafas li fuqu ġie bbażat l-istudju. Il-kapitli segwenti se jittrattaw l-analiżi tal-poeżiji li kienu tradotti, u dawk li ġew tradotti għall-għanjiet ta' dan l-istħarriġ. Finalment, il-konklużjoni se tiġbor il-qofol tal-istudju u turi li t-Traduzzjoni Ekoloġika flimkien mal-Istudji Umanistiċi Blu, għandhom jippermettu lill-prodotti lokali jidwu mal-globu bil-possibbiltà li jagħmlu differenza soċjalment u kulturalment.

**Kliem muftieħ: Traduzzjoni Ekoloġika, Studji Umanistiċi Blu, Traduzzjoni tal-Metafora, Ambjent Marittimu u Kriżi Klimatika.**

# Il-Werrej

"Multiplikazzjonijiet Mewwieġa"....................i

It-Traduzzjoni Ekoloġika Marbuta max-Xbihat tal-Baħar fil-Poeżiji Kontemporanji Maltin i

1. Introduzzjoni .................... 10

2. Il-Baħar u lil Hinn Minnu .................... 14

2.1. Daħla .................... 14

2.2. Il-baħar bħala s-sinsla tal-identità Maltija .................... 14

2.3. Malta Mediterranja f'baħar imqalleb .................... 17

2.4. Traduzzjonijiet għal baħar wieħed .................... 22

3. Il-Metafora Maqluba .................... 27

3.1. Daħla .................... 27

3.2. It-traduzzjoni tal-poeżija fil-qosor .................... 27

3.3. It-tipi ta' traduzzjoni tal-metafora .................... 29

3.4. Il-labirint fit-traduzzjoni tal-metafora .................... 30

3.5. Il-modi tat-traduzzjoni tal-metafora .................... 31

3.6. Konklużjoni .................... 33

4. Metodoloġija .................... 35

4.1. Daħla .................... 35

4.2. L-istrateġija għall-kapitlu *Ġrieħi Mielħa Jimmultiplikaw* .................... 36

4.3. L-istrateġija għall-kapitlu Il-Kullana tal-Iġsma Fluwidi .................... 37

5. Ġrieħi mielħa jimmultiplikaw .................... 40

It-Traduzzjoni Ekoloġika minn *Riħ min-Nofsinhar* .................... 40

5.1. Daħla .................... 40

5.2. It-traduzzjoni tas-sitt poeżiji .................... 40

5.2.1. Il-Ballata ta' Kiribati .................... 41

5.2.2. Tal-Ġelati jew it-tropikalizzazzjoni tal-Mediterran* .................... 44

5.2.3. Ola Ola Ola .................... 45

5.2.4. Is-Saħna tal-President ... 46

5.2.5. Aqta' Fjura u Ibni Kamra, Jew iċ-Ċajta tad-Dollaru ... 47

5.2.6. Todo Relación ... 48

5.3. Il-baħar imaxtar ix-xtut ... 49

5.4. Il-kuxjenza ekoloġika u implikazzjonijiet politiċi fit-traduzzjoni ... 53

5.5. Ħajjiet bejn sema u ilma ... 60

5.6. Konklużjoni ... 65

6. Il-kullana tal-iġsma fluwidi ... 67

6.1. Daħla ... 67

6.2. Ġestazzjoni akkwatika perenni ... 67

6.3. Il-baħar inkarnat fit-traduzzjoni ... 74

6.4. L-identità fluwida ... 83

6.5. Konklużjoni ... 90

7. Multiplikazzjoni mewwieġa? ... 91

8. Referenzi ... 95

# 1. Introduzzjoni

L-għażla tas-suġġett għal studju fit-tul qatt ma tkun faċli, iżda meta nibtet l-idea li ninsġu żewġ dixxiplini intriganti flimkien, it-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu, ġie deċiż li jiġu mistħarrġa l-metafori marbuta magħhom fil-poeżiji tradotti mill-Malti għall-Ingliż. Il-poeżiji mistħarrġa tal-erba' awturi magħżula - Leanne Ellul, Adrian Grima, Elizabeth Grech u Immanuel Mifsud - jinkludu poeżiji tradotti lesti u oħrajn li ġew tradotti għall-għanjiet tal-istudju. Għaldaqstant, l-istudju magħmul minn stħarriġ komparattiv u analitiku, iżda għandu element prattiku wkoll. Il-kapitli jinkludu letteratura fuq iż-żewġ dixxiplini msemmija, teorija dwar il-metafora fil-poeżija u żewġ kapitli analitiċi fuq il-metafori tradotti f'poeżiji kontemporanji Maltin.

Qabelxejn, se tingħata definizzjoni tat-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu li ġew adattati mit-teoriji ta' Hugs Gengshen Hu (2020, p.11) u Serpil Oppermann (2023, p.1), rispettivament:

- It-Traduzzjoni Ekoloġika tirreferi għal qafas teoretiku u prattiku li jħares lejn it-traduzzjoni bħala ekosistema u mezz li jista' jippromwovi d-diversità kulturali u l-kawżi ambjentali. L-ekoloġija tal-lingwa u l-kultura tingħaqad mal-ekoloġija tal-ambjent naturali.
- L-Istudji Umanistiċi Blu jirreferu għall-ilmijiet tal-pjaneta minn punto di vista soċjokulturali, letterarja, storika, estetika u etika, fost perspettiva oħra, u joħorġu l-implikazzjonijiet soċjali usa' tax-xjenzi idroloġiċi.

Ir-riċerka se tanalizza l-poeżiji diġà tradotti mill-ġabriet *bejn baħar u baħar* ta' Elizabeth Grech u *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla* ta' Leanne Ellul. Il-poeżiji tagħhom ġew tradotti mill-Malti għall-Ingliż minn Irene Mangion u Albert Gatt, rispettivament.

Aktar minn hekk, l-element prattiku tat-teżi sar bil-ktieb *Riħ min-Nofsinhar* li jittratta t-tibdil fil-klima direttament. Dan il-ktieb fih kummentarji xjentifiċi u fehmiet ta' diversi persuni, iżda għall- għanjiet tat-teżi ġew tradotti biss sitt poeżiji ta' Immanuel Mifsud u Adrian Grima. Terġa' u tgħid, inizjalment ma kienx pjanat li ssir prattika f'din it-teżi, iżda l-ġabra tant intriganti ma setgħetx titħalla barra ġaladarba tidħol kexxun fis-suġġett diskuss. Intgħażlu dawn il-poeti għax huma poeti kontemporanji li jittrattaw ix-xbihat tal-baħar b'modi differenti, u għalkemm hemm poeti oħra pertinenti, ġie deċiż li niffukaw fuq erbgħa biss li setgħu jiġu amalgamati fit-tali analiżi.

L-għan tal-istudju huwa li jħares lejn it-traduzzjoni tal-metafori tal-baħar u jixħet attenzjoni lejn l-immaġini tiegħu f'relazzjoni mal-art niexfa fil-kuntest tal-kriżi klimatika. ekoloġija. Mistoqsija importanti li r-riċerka żammitha fil-qalba tagħha kienet kif it-tradutturi jistgħu jagħżlu xogħlijiet u jittraduċu b'tali mod li jkunu aktar impenjati ekoloġikament. Għaldaqstant, ir-riċerka se tfittex li ttella' fil-wiċċ l-irwol li jista' jkollha t-traduzzjoni fl-attiviżmu ekoloġiku billi tiffoka fuq l-element marittimu. Aktar minn hekk, se jidher kif il-kitbiet lokali jistgħu jikkontribwixxi għad-djalogu globali dwar it-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu.

Qabelxejn, kien importanti wkoll li nagħtu importanza lit-terminoloġija użata għaż-żewġ dixxiplini ewlenin minħabba li lokalment għadhom fil-fażi tal-konċepiment. L-istudju jirreferi għat-Traduzzjoni Ekoloġika b'ittri kapitali għax din it-teżi tipproponi li tittieħed bħala fergħa oħra awtonoma fl-Istudji tat-Traduzzjoni. Aktar minn hekk, kien jeħtieġ li jinħoloq terminu għal "Blue Humanities" bil-Malti għax ma nstabitx riċerka bil-Malti fuq is-suġġett. Għaldaqstant, saret konsultazzjoni ma' letturi mid-Dipartiment tal-Malti u d-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni u t-Terminoloġija fl-Università ta' Malta biex niżguraw li t-terminu għadu ma ntużax minnhom sa issa. Il-letturi ħarġu b'diversi suġġerimenti fosthom

'l-Umanistika Blu', 'l-Umanistika l-Blu', 'Dixxiplini Umanistiċi Blu' u 'l-Istudji Umanistiċi Blu'. Il-Prof. Sergio Portelli ssuġġerixxa li jintuża t-terminu l-Istudji Umanistiċi Blu abbażi tal-kriterji li se jissemmew fis-sentenzi segwenti. Portelli sostna li d- dokumenti tal-Unjoni Ewropea jippreferu "studji umanistiċi", anki jekk jeżistu varjanti oħrajn. Barra minn hekk, f'korrispondenza bl-email, Portelli żied jgħid li "ekonomija blu" diġà teżisti minħabba l-blue economy. B'hekk, ġie konkluż li tintuża "l-Istudji Umanistiċi Blu", u importanti li mhux "studji umanitarji" għax din tal-aħħar tirreferi għal "humanitarian" u mhux "humanistic".

L-ewwel kapitlu Il-Baħar u lil Hinn Minnu se jittratta l-letteratura fuq l-Istudji Umanistiċi Blu u t-Traduzzjoni Ekoloġika li jwittu t-triq għall-analiżi tal-poeżiji. Hawnhekk se tingħata ħarsa lejn in-nisġa tal-baħar fil-kultura Maltija u l-effett tal-element fuq komunitajiet kostali, anki fil-kuntest tal-kriżi klimatika. Eventwalment, il-kapitlu jiftaħ aktar fuq il-ħtieġa li l-letteratura Maltija tinstema' mal-globu permezz tat-traduzzjoni biex tinfirex ma' aktar qarrejja madwar id-dinja, speċjalment kitbiet li jittrattaw il-baħar minħabba l-ħtieġa għall-kollaborazzjoni ta' bosta ġnus. Id-diskussjoni turi li Michael Cronin (2024, p. 18) min- naħa tat-Traduzzjoni Ekoloġika u anke indirettament Steve Mentz (2024, p. 3-5) min-naħa tal-Istudji Umanistiċi Blu jaqblu li l-kriżi klimatika teħtieġ approċċ multilingwi, u għalhekk it-Traduzzjoni Ekoloġika b'rabta marittima ma għandhiex tinqata' 'l barra mir-realtà ta' żmienna.

Il-kapitlu segwenti, *Il-Metafora Maqluba*, jagħti ħarsa ħafifa lejn il-metafora fit-traduzzjoni tal-poeżija biex jinftiehem is-sinifikat ta' figura letterarja. Ħaġa importanti hi li l-istudju mhux se jikkategorizza l-metafori tal-poeżiji skont dak li jintqal fit-tieni kapitlu, iżda huwa biss bażi teoretika essenzjali għall-analiżi u l-qari tat-teżi. It-tielet kapitlu jittratta l-metodoloġija użata għall-analiżi komparattiva tal-poeżiji, u għat-traduzzjoni tas-sitt poeżiji mill-ġabra *Riħ min-Nofsinhar*.

Ir-raba' kapitlu, *Ġrieħi Mielħa Jimmultiplikaw*, jittratta t-traduzzjoni li saret għal sitt poeżiji mill-ġabra *Riħ min-Nofsinhar.* Dan kien tentattiv għal traduzzjoni li tista' tkun

aċċessata globalment sabiex jiġu diskussi t-temi li joħorġu miż-żewġ verżjonijiet tal-poeżiji. Għaldaqstant, it-traduzzjoni ma kellhiex l-iskop li tkun wisq kreattiva biex iżżomm ir-rima, iżda riedet tkun qrib ħafna tat-Test Sors (minn hawn 'il quddiem, TS) sabiex tittratta l-kriżi klimatika nfisha. Il-kapitlu jirreferi għal teoriji u eżempji mir-realtà biex jiddiskuti kif it-traduzzjoni bħala prodott letterarju tista' ġġib l-individwi madwar id-dinja konxji ta' ċerti realtajiet u tgħinhom jibdlu l-attitudni tagħhom fil-konfront tal-ambjent. Min-naħa l-oħra, il-ħames kapitlu jippreżenta poeżiji li ma jittrattawx il-kriżi klimatika b'mod dirett, iżda xorta jistgħu jintużaw għall-istess għan. Dan huwa *Il-Kullana tal-Iġsma Fluwidi*, li jittratta t-traduzzjoni tal-poeżiji ta' Elizabeth Grech u Leanne Ellul, li t-tnejn jinqdew bix-xbihat tal-baħar biex jinsġu l-ħsus ġewwiena tal-bniedem. Aktar minn hekk, se jidher li ċerti għażliet lingwistiċi fil-proċess tat-traduzzjoni jistgħu jipproduċu testi li jkunu sensittivi aktar għall-ekoloġija, u l-irbit emozzjonali ta' diversi komunitajiet mal-baħar.

Finalment, l-istudju jintemm bil-konklużjoni li turi kif l-element li ħafna drabi jitqies bħala strument, li jiġi mniġġes u sfruttat, jeħtieġlu aktar attenzjoni mill-individwi madwar id-dinja minħabba l-kriżi klimatika li kulma jmur qed timmultiplika. B'hekk, it-Traduzzjoni Ekoloġika tista' tingħaqad mal-Istudji Umanistiċi Blu biex joħolqu pont bejn il-ġnus u jippromwovu testi ekoloġikament sensittivi.

# 2. Il-Baħar u lil Hinn Minnu

## 2.1. Daħla

Il-baħar bħala s-sinsla tal-identità Maltija jitfaċċa f'diversi sferi li huma saljenti għall-identità bħar-reliġjon, il-lingwa u l-letteratura (Gambin, 2003, p. 4). Ma jistax jiġi nnegat li kulma jmur qed jiżdied it-tħassib fuq dan l-element naturali minħabba t-tibdil fil-klima. Għad li f'Malta trid tiżdied il-ħeġġa u r-rieda għall-bidla fil-mentalità b'rabta mal-ambjent, it-traduzzjoni tal-poeżiji kontemporanji għall-Ingliż tista' tintuża bħala għodda politika biex komunitajiet li ma jafux il-Malti jifhmu r-rabta intrinsika bejn l-ambjent marittimu u nies bħall-Maltin li huma ċċirkondati bil-baħar. L-ibħra territorjali, xjentifikament, huma marbuta f'entità waħda globali, iżda dan jiġi rrappreżentat f'biċċiet tal-możajk differenti kulturalment. Għaldaqstant, it-traduzzjoni tal-poeżiji Maltin għal lingwi oħra hija għodda essenzjali biex jinfirex is-sinifikat tal-baħar f'era ekoloġikament fraġli. B'hekk biss jista' jitkattar l-għarfien u titħeġġeġ il-kollaborazzjoni globali biex jitnaqqas l-impatt fuq il-pjaneta. Dan se jiġi diskuss fid-dawl ta' teorija mill-Istudji Umanistiċi Blu u mit-Traduzzjoni Ekoloġika, fosthom it-teorija ta' Michael Cronin.

## 2.2. Il-baħar bħala s-sinsla tal-identità Maltija

Minn ewl id-dinja, id-destin ta' Malta u l-identità Maltija ħadu s-sura tagħhom min-natura tal-gżira li ġġorr magħha żewġ funzjonijiet kuntrastanti minħabba l-baħar, l-iżolament u l-konnettività (Gambin, 2015, p. 1). Timmy Gambin (2015, p. 2) josserva li l-baħar kien l-element li għaġen il-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin, kemm jekk kienet għażla tagħhom kif ukoll jekk le. Il-funzjoni kuntrastanti tal-baħar hija riflessa b'mod ċar fil-ħajja kontemporanja. Pereżempju, il-proposta riċenti għal aktar awtonomija fit-tmexxija ta' Għawdex turi li huwa spazju distint minkejja l-qrubija tiegħu ma' Malta (Ellul, 2025).

Għaldaqstant, il-baħar li jifred iż-żewġ gżejjer mhuwiex biss ostaklu fiżiku, iżda simboliku għal identità speċifika, "despite the small size of the Maltese archipelago, Gozo had a truly distinct identity" (Sant, 2023, p. 108). Għaldaqstant, anki f'dimensjoni intrareġjonali ssib baħar jaqsam, li jimmanifesta differenzi kbar ukoll fuq skala interreġjonali u globali. Aktar minn hekk, l-influwenza tal-baħar skulat fil-ħajja kulturali tal-gżejjer.

Il-baħar bħala s-sinsla tal-identità Maltija għandu sehem saljenti f'oqsma bħar-reliġjon, il-lingwa u l-letteratura. Ħafna drabi l-fidi tal-Maltin li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana, tiġi affermata bil-figura reliġjuża ta' San Pawl. Ir-rakkont bibliku tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Att 27 u Att 28 baqa' mnaqqax f'ruħ il-komunità Maltija u fl-immaġini kollettiva tagħha. Din in-narrazzjoni, vera jew le, mhux biss tissemma f'kuntesti reliġjużi, iżda l-figura ta' San Pawl spiċċat ukoll emblema politika u kulturali (Sciberras, 2023, p. 9). Helen M. Rozwadoski (2018, p. 7) issostni li l-isfreġju tal-oċeani ma jsirx biss minħabba l-ikel u l-ivvjaġġar, iżda anke għall-fini tal-miti u l-kultura. Għaldaqstant, il-baħar u l-maltemp kienu l-fatturi li wasslu biex San Pawl spiċċa fuq il-blata li senslet l-Istorja reliġjuża tal-Maltin. B'hekk, il-baħar jista' jitqies il-benniena tal-kultura Maltija minħabba li l-ġrajja ta' San Pawl kienet parti mit-tradizzjoni tal-poeti Romantiċi. Dun Karm Psaila saħansitra kiteb għoxrin poeżija b'omaġġ għal San Pawl fil-ġabra *In-Nawfraġju jew Ħmistax il-Warda li Fetħu fuq ix-Xtajta Fejn Rifes San Pawl* (Cutajar, 2018, p. 121).

Il-baħar aktarx huwa wkoll benniena għal-lingwistika Maltija. Gambin (2003, p. 8) isostni li l-lingwa tal-komunità Maltija għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll ġaladarba ħajjitha marbuta intrinsikament mal-baħar. Dan jidwi l-fehma ta' Edward Sapir (2001, p. 14) u Benjamin Lee Whorf (1965, p. 61) li jħarsu lejn il-vokabolarju ta' lingwa bħala mera tal-ambjent fiżiku u soċjali tal-kelliema tagħha. Pereżempju, dan huwa rifless fit-

tipoloġija mnissla mill-Għarbi bħall-Marsa li tfisser port jew fil-prefissi ta' postijiet qrib il-baħar bħal Marsaxlokk u Marsaskala (Leopardi, 1959, p. 187). Jeżistu wkoll diversi espressjonijiet fejn il-baħar jissimbolizza l-possibbiltajiet u l-isfidi bħal 'il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa' jew 'bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti' (Aquilina, 1987, pp. 60–61). Skont Oliver Friggieri (1986, p. 37), il-lingwa kwotidjana hija l-barklor li twassal il-lingwa f'port letterarju, li skontu huwa lsien partikolari "mqiegħed, impost, fuq l-ilsien komuni jew normali."

Il-lingwaġġ marittimu jew li b'xi mod għandu relazzjoni miegħu jista' jintuża fil-letteratura biex tiġi esplorata t-tema nfisha bħalma jiġri fil-poeżija epika "Odissea" ta' Omeru jew "The Rhyme of the Ancient Mariner" ta' Samuel Taylor Coleridge ('Il-baħar - Adrian Grima', 2022). Madankollu, Friggieri (1986, p. 86) jispjega li ħafna drabi l-oġġett, li f'dan il-każ huwa l-baħar, ma jintużax biss għall-esplorazzjoni tal-element innifsu, iżda biex iperreċ is-sentimenti umani, "l-oġġett li jnebbaħ lill-artist jispiċċa biex jikxef lill-artist, jew lill-bniedem innifsu rrappreżentat mill-artist, u mhux lill-oġġett." Terġa' u tgħid, Adrian Grima (2022) iħares lejn il-letteratura Maltija bħala ironika għaliex minkejja li l-komunità ċċirkondata bil-baħar, ftit li xejn issib kitbiet li jittrattaw il-kumplessità tiegħu jew jesploraw l-element innifsu fid-dettall. Skont l-awtur, dan jintrabat man-nuqqas ta' ħila tar-rakkont mill-awturi sedentarji u urbanizzati.

Minkejja li l-baħar qajla jiġi rrakkontat, it-traġitt letterarju Malti jippreżenta versi jgħumu fl-ilma mielaħ bil-metafori u s-simboliżmu tal-baħar f'ġeneri differenti. Dan jitfaċċa sa mill-eqdem test letterarju, fil-Kantilena, bil-versi "ħajran għall-għarqa" u "nitla' u nerġa' ninżel dejjem fil-baħar il-għali," li skont Friggieri (2015, p. 87) turi r-rieda tal-persona biex jitqabad f'baħar qalil wara ċirkostanzi sfortunati. Il-poeti Romantiċi bħal Dun Karm Psaila, Ġużè Muscat Azzopardi u Ġorġ Zammit u l-Moderni bħal Victor Fenech, Achille Mizzi u

Daniel Massa wkoll jinqdew bil-baħar b'diversi modi. Fil-bidu tas-seklu 21, Grima (2003, p. 224) jirrimarka li sakemm tfaċċa Daniel Massa fix-xena, b'mod ġenerali l-baħar dejjem kellu preżenza distanti u mistika minħabba li ma joffri ebda stabbiltà bħall-art. Il-preżenza tal-baħar ma naqsitx mill-poeżiji kontemporanji bħal dawk ta' Elizabeth Grech u Leanne Ellul, u oħrajn bħal Adrian Grima u Immanuel Mifsud (2008) li jittrattawh fil-kuntest tal-kriżi klimatika fil-ġabra *Riħ min-Nofsinhar*.

It-traduzzjoni tista' sservi bħala pont li jestendi l-vuċi kulturali, soċjali u ekoloġika tal-letteratura Maltija lil hinn mill-ixtut familjari tagħha, u tqegħedha fi sfera globali. Għaldaqstant, l-istudju se jesplora t-traduzzjonijiet ta' poeżiji b'rabta intima mal-baħar li timmanifesta ruħha f'diversi modi, pereżempju bħala simbolu ta' identità, espressjoni fuq ir-relazzjonijiet umani u anke biex jinxteħet dawl fuq it-tħassib ekoloġiku. Il-proċess tat-traduzzjoni jrid jinnaviga l-għeruq kulturali tal-espressjonijiet Maltin u jrendihom effettivi fi spazju ġdid. Scott Slovic (2016, p. 316) josserva li l-metafori letterarji fuq il-baħar jinfluwenzaw kif il-bnedmin jipperċepixxu u jinteraġixxu mal-ambjent marittimu, b'indikazzjoni li t-traduzzjoni minnha nfisha tista' tkun forma ta' attiviżmu ekoloġiku. Għaldaqstant, it-traduzzjoni tista' sservi bħala għodda biex tarrikkixxi jew tipproduċi t-testi b'lingwi oħra u toħloq aktar għarfien fuq l-interdipendenza ekoloġika u kulturali.

## 2.3. Malta Mediterranja f'baħar imqalleb

Il-baħar essenzjalment huwa spazju wieħed minħabba li l-ilmijiet mielħa tad-dinja huma konnessi u nqasmu biss biex jaqdu l-iskopijiet tal-bniedem, bħalma tispjega Sidney Dorbin (2021, p. 1) "The ocean. Singular. The "bodies" of saltwater that cover the planet are connected, or, more accurately, are singular aquatic body divided only by human cartograpy." L-ekoloġija tal-baħar bħala fergħa mill-Istudji Umanistiċi Blu tenfasizza li l-bniedem irid iħares lejn il-baħar minn lenti oħra, b'kuxjenza aktar ekoloġikament sensittiva (Dorbin, 2021, pp. 2–3).

Dan għaliex mal-milja taż-żmien diversi kulturi assoċjawh mal-pussess minħabba l-poter u s-sovranità tagħhom (Dorbin, 2021, pp. 2–3). L-Istudji Umanistiċi Blu ma jħarsux biss lejn il-baħar, iżda jmissu mar-rabta bejn ir-relazzjoni tal-bniedem mal-ilma fil- forom kollha tiegħu bħax-xita, il-lagi u l-umdità wkoll (Mentz, 2024, p. 17). Steve Mentz (2024, p. 2) ifisser l-Istudji Umanistiċi Blu bħala dixxiplina li tgħaqqad l-ilma mal- intellettwalità tal-bniedem bħall-ideoloġiji, l-arti, il-letteratura u s-sistemi soċjali, "I treat the blue humanities as a singular collective: the blue humanities combines water with human
ideas."

Dorbin (2021, pp. 7–8) issostni li l-akkademja ma xeħtitx biżżejjed attenzjoni fuq ir- rappreżentazzjoni tal-baħar fil-letteratura u l-importanza tiegħu fi kwistjonijiet globali u ambjentali. Għaldaqstant, tissuġġerixxi li l-ekokritika li tistħarreġ ir-relazzjoni bejn il-letteratura u l-ambjent titwessa' biex tiffoka wkoll fuq l-oċeani u l-baħar, ġaladarba x-xogħlijiet letterarji jinfluwenzaw il-fehmiet tal-bnedmin u l-immaġini kollettiva, "I […] emphasize the need to expand the ecocritical lens to more attentive inclusions of matters oceanic, given both the tremendous corpus of literary and textual representations of ocean that contribute to cultural imaginaries and the vital role of ocean in global ecologies and environmental crises" (Dorbin, 2021, pp. 7–8). Dan jidwi fi Steve Mentz (2024, p. 24) li jfisser l-Istudji Umanistiċi Blu bħala forma ta' kritika kulturali u letteratura li jpoġġu l-ilma fil-qalba tad-diskors. Fuq kollox Mentz (2024, p. 24) jgħid li dawn joffru alternattiva għall-approċċ tradizzjonali li ffoka fuq l-ambjent terrestri, "it poses a blue counterchallenge to the obsessively green visions of ecocriticism." Skont John R. Gillis (2013), l-attenzjoni kienet

tinxteħet aktar fuq l-art niexfa għax sas-seklu dsatax il-baħar kien meqjus bħala għodda utilitarja aktar milli estetika.

Charlotte Matheison (2016, pp. 2–4) li tħares lejn ir-rappreżentazzjoni kulturali tal-baħar bħala sors għani biex tinftiehem ir-relazzjoni bejn il-baħar u l-bnedmin f'perjodi storiċi u kulturali differenti, issostni li dan ma jimplikax biss riflessjonijiet passivi, iżda tarah bħala element attiv li jsawwar il-perċezzjoni u l-interazzjoni tal-essri mal-baħar. Dan jidwi f'Philip E. Steinberg (2001, p. 10) li jispjega l-influwenza tal-proċessi soċjali u fiżiċi fuq il-baħar, "like land, [the sea], shapes and is shaped by social and physical processes." Dan huwa partikolarment rilevanti f'dinja li kulma jmur qed ikollha tiffaċċja diversi fenomeni bħall-kriżijiet ambjentali u l-migrazzjoni (dan l-aspett mhux se jiġi mistħarreġ). Skont Mentz (2024, p. xviii), l-Istudji Umanistiċi Blu qed jevolvu f'perjodu meta l-kundizzjonijiet ekoloġiċi kontinwament qed jinbidlu minħabba t-tibdil fil-klima, "as seas rise, glaciers melt, and warmer air absorbs more moisture, the blue humanities will have much to say and do in our changing ecological conditions."

Malta, fil-qalba ta' baħar magħluq, il-Mediterran, trid tiffaċċja mewġ qalil minħabba li hija ċċirkondata bil-baħar. Ir-relazzjoni bejn Malta u l-Mediterran hija partikolari, għaliex, bħalma tispjega Leanne Ellul (2013, p. 117) "filwaqt li l-baħar Mediterran qiegħed f'nofs tant artijiet, Malta qiegħda f'nofs dan il-baħar." Jon Barnett u John Campbell (2010, p. 167) sammru fuq il-metafora tat-Titanic biex jenfassizaw il-fraġilità ta' gżejjer żgħar u t-tibdil fil-klima b'referenza għall-Oċean Paċifiku, "Island nations, […] ready to sink without trace, much like the Titanic did." Din il-vulnerabbiltà mhijiex ristretta biss għall-Oċean Paċifiku, iżda anke għal gżejjer Mediterranji. Grima (2008, p. 6) ukoll juri li t-tibdil fil-klima huwa kwistjoni importanti għar-reġjun u l-pajjiż, "There is also increasing awareness about the effects of global warming and climate change on the Mediterranean (and Malta)." Mark

Harwood (2023, p. 81) ukoll jaċċenna għall-isfidi li għandhom gżejjer żgħar bħal Malta, primarjament minħabba ż-żieda fit-temperaturi u t-taqlib tat-temp, "a rise in mean annual ambient temperature of 1.5°C over the last 50 years; changes in precipitation patterns; as well as increased sea acidification and warming." Aktar minn hekk, esperti tal-klima qed josservaw li l-Mediterran qed isir baħar perikoluż għat-tbaħħir, speċjalment minħabba maltempati qawwija u frekwenti fix-xhur tas-sajf, kawża tat-tisħin globali (Cinelli and Gavin, 2024). Din il-fraġilità tidwi d-deskrizzjoni tal-ħajja Mediterranja fi kliem Fernand Braudel (1995, p. 154), "a precarious, restricted, and threatened life, such was the lot of the islands."

It-tibdil fil-klima huwa sfida ewlenija li qed jaffettwa r-reġjun tal-Mediterran, inkluż lil Malta. Dan jeħtieġ azzjoni globali u kollaborattiva, peress li huwa influwenzat minn attivitajiet li jseħħu fir-reġjun u lil hinn minnu. Aktar minn hekk, Rosabelle Boswell (2022, p. 6) targumenta li d-dinja marittima tinsab fi kriżi u teħtieġ interventi urġenti u kollettivi fuq livelli nazzjonali, reġjonali u globali: "urgent and collaborative action at national, regional and global levels is needed now to safeguard the health of marine ecosystems and other natural contexts." Din ma timplikax biss soluzzjonijiet xjentifiċi jew politiċi, imma tinkludi wkoll id-dimensjoni soċjali u kulturali relatata mal-baħar. Boswell (2022, pp. 3–5) tenfasizza li, minkejja l-importanza tal-politika globali bħal tan-Nazzjonijiet Uniti, ma tingħatax biżżejjed attenzjoni fuq l-irwol tal-prodotti kulturali u soċjali li jittrattaw id-dinja marittima. Skont Boswell (2022, p. 5), dawn għandhom potenzjal biex jarrikkixxu r-relazzjoni bejn il-bniedem u l-baħar, għax "these narratives enrich and diversify our understanding of human interaction with the essential resource that is the ocean."

Il-letteratura, inkluż dik tradotta, tista' sservi biex jiġu esplorati dawn ir-relazzjonijiet u mifhuma f'kuntesti differenti minħabba li l-bnedmin iħarsu lejn il-baħar b'modi differenti, "humans hold diverse perspectives of the sea and coast."(Boswell, 2022, p. 1). Dawn id-

diverġenzi fil-perspettivi huma l-qofol tal-argument ta' Silvana Caserta (2022, p. 8) li taċċentwa l-perspettivi letterarji fil-Mediterran biex jiġu osservati l-influwenzi, il-konverġenzi u d-differenzi, billi tanalizza "the different ways in which the Mediterranean is narrated across its shores." Dan għaliex bħalma jsostni David Abulafia (2005, p. 67) il-Mediterran minnu nnifsu huwa kostellazzjoni ta' ibħra bl-Istorja tagħhom, "a group of interconnected seas, sub-Mediterraneans with their own history of cross-cultural exchange." Għaldaqstant, it-traduzzjoni għall-Ingliż, jew lingwi oħra, tista' tippermetti li l-letteratura Maltija tkun parti mill-kostellazzjoni tal-Mediterran u tal-globu, ġaladarba l-baħar u l- elementi likwidi l-oħra huma interkonnessi.

Ir-riċerka tal-poeżiji Maltin miktuba bl-Ingliż hija saljenti biex il-letteratura titberraħ għal udjenza aktar wiesgħa, speċjalment f'kuntest globali fejn il-kriżi klimatika teħtieġ il-kollaborazzjoni tranżnazzjonali. Bħalma ssostni Clare Vassallo (2013, p. 54), "a translator might provide a second version of a work that can address a wider readership and take the local text into a broader global context." Fil-każ tal-poeżiji li se jiġu analizzati, l-użu tal- Ingliż bħala l-lingwa tat-traduzzjoni jista' jservi bħala għodda għall-għarfien ambjentali. Madankollu, dan l-użu mhuwiex newtrali għaliex il-lingwa Ingliża tista' tiġi assoċjata wkoll man-narrattivi dominanti tal-kapitaliżmu u n-neoliberaliżmu li jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika. Maria Cristina Caimotto (2020, p. 204) tittratta din il-kwistjoni u tindika li "depending on which narrative we are referring to, the English language can represent either a symbol of environmental and ecological destruction or a symbol of rural idyll and democratic ideals."

It-traduzzjoni tal-letteratura, partikolarment minn reġjuni bħal Malta li hija kkaratterizzata mill-ubikwità tal-baħar, tamplifika d-djalogu kulturali u ekoloġiku li kulma jmur qed isir saljenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet globali. Terġa' u tgħid, f'*Islands of the*

*Mind*, jidher li l-pont li jgħaqqad il-gżejjer mal-arċipelagu jinkludi l-letteratura (Gillis, 2004). Mentz (2024, p. 9) jaċċentwa l-interdipendenza globali li tant hija pertinenti għall-gżejjer, "The island-centered world-making of transatlantic movements has become in subsequent scholarship a principle of global connection with special relevance for our age of environmental disruption". L-Istudji Umanistiċi Blu, li jiffukaw fuq ir-relazzjoni bejn l-ilma, il-kultura u l-isfidi ekoloġiċi joffru pedament biex il-letteratura tiġi mistħarrġa bħala prodott tal-kultura tagħha u tar-reġjun. It-traduzzjoni b'laqta ekoloġika tagħti opportunità biex iż-żewġ dixxiplini, it-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu, jitlaqqgħu flimkien.

It-tarġa li jmiss se turi l-irwol tat-traduzzjoni fit-tixrid tal-għarfien, u bħala prodott tista' tintuża biex tixpruna l-azzjoni politika. Christina Schäffner (2007, p. 146) turi li t-traduzzjoni u l-għażliet tat-traduttur jistgħu jqanqlu reazzjonijiet partikolari lejn xi kwistjoni, "Translations, as products, are thus used as tools for political action, i.e. they are politices. Such a use of translations far more or less hidden political action is not confined to political texts in a narrower sense...engagement on the part of translators themselves can also take forms that go beyond linguistic choices for the target text." Dan jixhed li t-traduzzjoni mhix xi eżerċizzju trivjali, iżda għandha implikazzjonijiet politiċi wkoll. Għaldaqstant, kemm jekk konxjament jew le, it-traduzzjoni tista' tippromwovi għanjiet politiċi, tippreserva l-identità kulturali jew tinkoraġixxi l-bidla soċjali.

## 2.4. Traduzzjonijiet għal baħar wieħed

Mentz (2024, p. 18) jargumenta li l-futur tal-Istudji Umanistiċi Blu jeħtieġ approċċ globali u multilingwi minħabba l-konnettività tal-elementi. Dan jimxi id f'id mat-teorija tat-Traduzzjoni Ekoloġika ta' Michael Cronin (2016, p. 1) li taċċentwa għall-interdipendenza tal-pajjiżi, u minħabba f'hekk, il-kriżijiet ekoloġiċi jitremblu għal kullimkien. Skontu, it-traduzzjoni hija s-soluzzjoni għal din l-interdipendenza għaliex isostni li, "Translation is also

'made to connect ideas' and of the ideas that has come to the fore in the contemporary world is that of climate change" (Cronin, 2016, p. 1). L-argument ta' Cronin idur mal-irwol tat-traduzzjoni bħala għodda għad-diversità tal-għarfien ekoloġiku u l-esperjenza umana, "translation as a body of ideas and a set of practices [...] this interconnectedness and vulnerability in the age of human-induced climate change" (Cronin, 2016, p. 1).
Għaldaqstant, it-traduzzjoni ta' poeżiji Maltin li tixħet l-attenzjoni fuq il-baħar tista' tberraħ ir-relazzjoni bejn il-komunitajiet u l-baħar biex tesponi l-ħajja tal-individwi b'diversi modi, bit-tama li titqajjem aktar kuxjenza fuq l-importanza tal-kollaborazzjoni.

Cronin (2016, p. 3) isostni li t-traduzzjoni ma tistax tibqa' barra mid-djalogu ekoloġiku fis-suġġetti tax-xjenzi soċjali, u għandha tieħu bis-serjetà l-idea li t-traduzzjoni u t-tradutturi ma jeżistux f'xi vakwu, "translation and translators do not exist in isolation but that they are 'an inextricable and integral part of a larger physical and living world". Barra minn hekk, Mentz (2024, p. 5) juri li l-poeżija li tittratta l-baħar hija għodda b'saħħitha għax għandha diversi saffi, l-għeruq tagħha jinsabu fl-esperjenza umana nfisha filwaqt li tittratta dimensjonijiet usa'. Mentz (2024, p. 3) jgħid ukoll li l-Istudji Umanistiċi Blu jitmewġu bejn l- attenzjoni għad-dettall marittimu u l-ħsibijiet poetiċi, "for literary writers and scholars, the ocean seems especially attractive because of its metaphorical vastness." Minkejja li Mentz ma jsemmix it-traduzzjoni direttament, jimplikaha bl-approċċ multilingwi li jsemmi, u għalhekk iż-żewġ dixxiplini jistgħu jirkbu fuq l-istess dgħajsa. B'mod simili, Cronin (2016, p. 7) iħares lejn it-traduzzjoni bħala għodda politika fil-kuntest kulturali u ekoloġiku għaliex isostni li l-lingwa u t-traduzzjoni jistgħu jkunu t-tapizzerija għas-sensittività ekoloġika li tqiegħed it-traduzzjoni fi sfera politika usa'.

L-akkademiku (Cronin, 2016, p. 7) jissuġġerixxi li d-dinamika tat-traduzzjoni u l-perspettivi kulturali jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba umana, li potenzjalment tista' sservi bħala

forma ta' attiviżmu għaliex tħeġġeġ lil ħaddieħor jindokra l-ambjent u d-diversità kulturali, "if language difference is key to cultural diversity, how these differences and diversity are portrayed will have inevitable consequences for how an ecological sensitivity develops around language and translation". Il-"konsegwenzi inevitabbli" jaċċentwaw l-effetti etiċi u politiċi fit-traduzzjoni. Dan għaliex id-deċiżjonijiet lingwistiċi mhumiex arbitrarji, iżda jġorru implikazzjonijiet politiċi fis-sens tal-affarijiet li qed jiġu amplifikati, kif qed jiġu ffurmati n-narrattivi kulturali u kif qed jinftiehmu l-implikazzjonijiet ekoloġiċi. Bl-istess mod, iżda dwar is-suġġett tal-migrazzjoni, Caserta (2022, p. 22) li tittratta l-migrazzjoni fil-Mediterran, tirreferi għal Iain Chambers, biex turi li x-xogħlijiet artistiċi jistgħu jisfidaw narrattivi omoġenji dwar il-kwistjoni, "artistic works can [...] complicate the dominant discourse of migration, restoring its complex and multidimensional character, which rejects stability and refuses easy categorizations." Megan Berkobien (2020, p. 4) ukoll tisħaq li t-tradutturi tal- letteratura għandhom potenzjal biex jaħdmu aktar minħabba l-interdipendenza, "for building together, after all, requires that the instruction manual be accessible across languages and lifeways".

Fl-artiklu tagħhom dwar is-sehem tat-traduzzjoni għal għan ekoloġiku, Meiou Zhao u Jiyong Geng (2024, p. 8), jiddefenixxu t-Traduzzjoni Ekoloġika permezz ta' tliet fergħat, u t-teorija ta' Cronin daħlet biss f'waħda mill-fergħat. Terġa' u tgħid, dawn jiddistingwuha mit-Traduzzjoni Ekoloġika għax skonthom din tal-aħħar tiffoka fuq il-qari mill-qrib tat-test letterarju li jikkonċentra fuq it-tiswir tar-relazzjoni bejn il-bniedem man- natura fit-traduzzjoni (Zhao and Geng, 2024, pp. 44–46). Huma jargumentaw li t-teorija ta' Cronin tħares aktar lejn lat politiku tal-ekoloġija, jiġifieri l-irwol tat-traduzzjoni bħala kwistjoni soċjali, u għalhekk joħolqu fergħa oħra li tittratta l-qari mill-qrib tat-testi tradotti b'tema ambjentali (Zhao and Geng, 2024, p. 45). Din tal-aħħar hija approċċ aktar sottili għat- traduzzjoni li tgħaqqadha mal-ħsieb ekoloġiku, mhux billi tindirizza l-kriżijiet ekoloġiċi nfushom, iżda billi tgħarbel it-traduzzjoni tal-aspetti kulturali, letterarji u lingwistiċi li jinfluwenzaw il-fehma u l-perċezzjoni

dwar l-ambjent u r-relazzjoni tiegħu mal-bnedmin, "To put it simply, this micro-paradigm tracks and analyzes certain poetics, ideas, or concepts, rather than the actual environmental problems that macro-paradigm focuses on (Zhao and Geng, 2024, p. 45)".

Din ir-riċerka se tħares lejn iż-żewġ dimensjonijiet, il-mikro u l-makro, biex turi kif jistgħu jiġu diskussi flimkien. Zhao u Geng (2024, p. 45) jgħidu li l-paradimma mikro tiffoka fuq il-valuri, il-kunċetti, il-perċezzjonijiet u t-twemmin fir-relazzjoni bejn il-bniedem u n-natura. Għaldaqstant, isostnu li l-analiżi għandha tfittex tistħarreġ id-dinamika tat-traduzzjoni tar-relazzjoni bejn il-bniedem u n-natura, u tosserva jekk ġewx ippreżentati xi ideat ekoloġiċi ġodda (Zhao and Geng, 2024, p. 46). Bl-istess mod, Carmen Valero Garcés (2011, p. 261) issaqsi dwar it-trasformazzjoni tal-ambjent fit-traduzzjoni, "Does s/he 'see' the same landscape, does s/he perceive the same smells and senses as the author of the source text (ST)? Or or the contrary, does the translator go beyond the borders of the bioregionalism and transfer the text to a new ecological reality?"

Aktar minn hekk, dan l-istudju jsaqsi għaliex din hija fergħa separata mit-teorija ta' Cronin. Qabelxejn, il-letteratura, f'dan il-każ tradotta, għandha rabta mas- soċjetà li "ma tistax tingħeleb jew tinħarab" (Friggieri, 1986, p. 70). Barra minn hekk, tista' tkun ċavetta li tgħarraf lill-komunitajiet li ma jifhmux il-Malti u tixpruna l-ħeġġa għall-kollaborazzjoni. Megan Berkobien (2020, p. 5) ukoll tħares lejn it-traduzzjoni tal-letteratura bħala għodda li tista' twassal għal dinja aħjar u bħal Cronin tgħid li the only way to bring that world into being is through translation." Dan jidwi f'Arran Stibbe (2015, p. 7) għax isostni li l-Istudji Umanistiċi bħat-traduzzjoni huma marbuta intrinsikament mad-dinja, "No longer is the object of study – whether the mind, the human, society, culture or religion – seen in isolation, but as an extricable and integral part of a larger physical and living world."

Kif jissuġġerixxi Cronin, il-lingwa tagħmel differenza u dan ġieli rrenda b'mod effettiv. Pereżempju, Meng Ji (2020, p. 155) sostniet li dokumentarji li ttrattaw l-ambjent fiċ-Ċina kattru l-għarfien fuq il-ħarsien ambjentali, u l-enfasi saret fuq il-lingwa użata, "her particular language and communication style has fostered a strong sense of unshirkable social responsibility among individual Chinese citizens."

Sa issa d-diskors fl-istudji tat-traduzzjoni minn lenti ekoloġika wkoll ikkonċentra aktar fuq l-art milli fuq il-baħar. Għaldaqstant, bħalma ssostni Dorbin (2021, pp. 7–8) jeħtieġ li l-lenti ekoloġika fit-traduzzjoni titwessa' aktar biex tinkorpora l-element tal-baħar ġaladarba l-kriżijiet ekoloġiċi u soċjoekonomiċi li jaffettwaw il-baħar jeħtieġu kollaborazzjoni globali. Il-vuċijiet bħal ta' Dorbin u Mentz li jidwu l-aġenda tal-Istudji Umanistiċi Blu u Cronin fuq in-naħa tat-Traduzzjoni Ekoloġika juru li t-traduzzjoni hija għodda saljenti meħtieġa biex jitkattar l-għarfien ekoloġiku mad-dinja, u l-poeżija tradotta li tittratta l-baħar tista' tkun waħda miċ-ċwievet għal din l-opportunità.

# 3. Il-Metafora Maqluba

## 3.1. Daħla

It-traduzzjoni tal-metafora se tkun fil-qofol tal-istħarriġ tal-kapitlu, iżda qabelxejn se jingħata daqsxejn kuntest fuq it-traduzzjoni tal-poeżija b'mod ġenerali, minħabba li l-metafora tiffunzjona u tirreżona fl-ispazju sħiħ tal-poeżija nfisha. Għaldaqstant, ir-riċerka fuq it-traduzzjoni tal-poeżija tista' twitti ftit l-aspettattivi tat-traduzzjoni tal-metafora nfisha.

## 3.2. It-traduzzjoni tal-poeżija fil-qosor

Diversi kritiċi bħal Roman Jakobson (1959, p. 160) emmnu li l-poeżija ma tistax tiġi tradotta. Il-fehma tat-traduzzjoni impossibbli kienet ġejja mill-ħsieb ta' konnessjoni kbira bejn ix-xbihat tal-poeżija u l-istruttura lingwistika (Bohuslav, 1970, p. 136). Madankollu, l- idea bdiet titwarrab maż-żmien u bdiet dieħla l-idea ta' approċċ barrani jew li t-test mira jsib elementi li jikkumpensaw is-sors (Blakesley, 2014, p. 26). Jakobson (1959, p. 160) stess kien diġà semma li fil-poeżija tista' sseħħ traspożizzjoni kreattiva, jiġifieri tiġi addattata biex tirrifletti s-sens fil-lingwa mira. Din il-fehma tidwi fi kritiċi oħra bħal Susan Bassnett (1998, p. 58), Maria Khotimsky (2016, p. 6) u Jacob Blakesley (2014, p. 37). Dan tal-aħħar isostni li t-traduzzjoni ta' test poetiku tista' biss tipproduċi test li jixbah iżda mhux ekwivalenti għat-test sors, u b'hekk jispiċċaw "true separate works of art" (2014, p. 37). Dudley Fitts (1959, p. 33) jispjega li l-għan aħħari tat-traduzzjoni tal-poeżija mhuwiex li tirreplika x-xogħol, iżda li l-poeżija terġa' tiġi intepretata għal-lingwa mira, "the possibility of a parallel art, a technic that will find in the resources of its own language an answer to, and not merely a representation of, the special totality of the original." Għaldaqstant, bl-analoġija ta' Bassnett (1998, p. 58) jista' jingħad li ż-żerriegħa tal-poeżija trid titħawwel f'għalqa oħra biex tinbet pjanta ġdida.

Traduttur għandu jkun midħla tal-ġeneru tal-poeżija nnifsu biex jagħraf kif tiġi organizzata l-poeżija fit-totalità tagħha. Il-poeżija għandha l-potenzjal li ġġorr il-piż artistiku minħabba li jintgħaġnu flimkien diversi elementi bħas-sintassi, il-morfoloġija u l-fonemi li huma parti integrali mill-ġeneru (Jakobson, 1959, p. 160). Edith Grossman (2010, p. 95) issostni li l-lingwa tal-poeżija fis-sens tas-sintassi, il-lessiku u l-istruttura jkollha tinbidel drastikament minkejja li x-xogħol fl-essenza tiegħu jiġifieri l-kontenut emottiv "must remain the same." Għaldaqstant, Raffel Burton (1988, p. 12) isostni li l-għarfien lingwistiku huwa saljenti fuq diversi livelli biex tekniki letterarji bħall-metafora u xbihat oħra jinnavigaw il- ħsieb lejn ansjetajiet tar-ruħ umana deċifrabbli. Madankollu, element importanti ieħor li jidħol huwa l-aspett fonetiku, aktarx imżewweġ mas-semantika speċjalment bit-teknika tal-paranomasja (Jakobson, 1959, p. 160). Clare Sullivan (2019, p. 271) ukoll turi li l-ħoss u r-ritmu tal-poeżija jiddeterminaw il-forma u t-tifsir tal-prodott artistiku. Grossman (2010, p. 95) issaqsi "How can you separate the inseparable?" jew fil-kliem poetiku ta' William Butler Yeats (2017, p. 43), "How can we know the dancer from the dance?". Għaldaqstant, l-istudju jista' jagħti attenzjoni l-fonoloġija tal-metafori tal-baħar biex jinnota x'effett iħallu.

Charles Briffa (2015, p. 99) iħares lejn il-poeta bħala "astronawt tal-ħsieb" li jivvjaġġa f'dinja konnotattiva bil-metafori biex iberraħ id-dinja ġewwiena tiegħu. Briffa (2015, p. 105) jistqarr li t-traduzzjoni tal-poeżija hija aktar impenjattiva mill-proża minħabba li l-lingwa tagħha "bosta drabi hija kkondensata u intensifikata, hija ċċarġjata b'ħafna konnotazzjonijiet." Mhux qed jingħad li l-metafora hija l-aktar aspett saljenti tal-poeżija għax teoristi bħal Grossman (2010, p. 96) iħarsu lejn aspetti oħra bħall-mużikalità tal-versi, "I believe that of all these poetic elements [inkluża l-metafora], the most important is rhythm." Madankollu, l-għan tal-istudju jitlob li tingħata attenzjoni lit-traduzzjoni tal-metafori relatati mal-baħar biex titqajjem kuxjenza fuq l-għajxien tal-komunitajiet iċċirkondati mill-element.

## 3.3. It-tipi ta' traduzzjoni tal-metafora

Raymond van den Broeck (1981, p. 74) isostni li t-teorija tat-traduzzjoni tal-metafora ma għandhiex tiffoka fuq id-definizzjoni tagħha, iżda fuq il-kategoriji, l-użu u l-funzjoni tagħha. Trid issir distinzjoni bejn l-użu tal-lingwaġġ kreattiv u l-ħajja ta' kuljum għax il-metafora f'tal-ewwel ikollha rilevanza għall-funzjoni (Broeck, 1981, p. 78). Skont Andreas Musolff et al. (2014, p. 1) it-tipi kollha tal-metafora huma essenzjalment mibnija fuq l-esperjenza tal-bniedem, u jgħid li l-metafora kunċettwali mhijiex l-itqal waħda biex tiġi addattata f'kuntest ġdid. Madankollu, Peter Newmark (Newmark, 1988, p. 104) jissuġġerixxi li l-metafora ġġib magħha sfidi kbar meta jgħid li "the most particular problem is the translation of metaphor."

Broeck (1981, p. 74) jaqsam il-kategoriji tal-metafora fi tlieta, li huma l-metafori lessikalizzati jew mejta, il-metafori konvenzjonali li jkunu familjari għal ġenerazzjoni jew skola letterarja partikolari u l-metafori privati li joħolqu poeti individwali. Il-metafora mejta trid tingħata attenzjoni partikolari għax jekk tiġi tradotta b'mod elaborat, iċċaqqam it-ton u l-elementi suġġestivi tal-poeżija (Waard, 1973, p. 20). Loubna Haddi (2019, p. 63) li tiddistingwi bejn il-metafora mejta u ħajja ssostni li tal-ewwel għandha tiġi tradotta daqslikieku ma kinitx lingwa letterarja. Jan De Waard (1973, p. 24) ukoll jittrattaha b'mod simili għax jissuġġerixxi li l-metafori mejta għandhom jinqalbu b'oħrajn mejta ekwivalenti fil-lingwa mira.

Id-distinzjoni bejn il-metafora mejta u l-oħra aktar kreattiva mhijiex diskors superfluwu. Raffel Burton (1988, p. 108) saħansitra jgħid li l-metafora mhijiex il-pilastru ta' kull poeżija u t-tradutturi ma għandhomx jaqgħu fin-nassa li jżidu effetti immaġisti jew retoriċi fejn huma assenti. L-iskarsezza tal-metafora ġiet immarkata bħala periklu minn traduttur tad-*Divina Commedia* ta' Dante għax id-diskors ried jibqa' sempliċi bis-sustanza

mingħajr ebda tiżjin żejjed (Burton, 1988, p. 107). F'termini ta' Antoine Berman (1985, p. 253), dan id-dekor eċċessiv jew "ennoblement", jista' jiġi meqjus bħala deformazzjoni testwali. Fl-istess waqt, Waard (1973, p. 19) jgħid li huwa problematiku wkoll meta jinħallu l-metafori fil-lingwa mira minħabba li jitħalla effett kbir fuq il-messaġġ.

## 3.4. Il-labirint fit-traduzzjoni tal-metafora

Il-metafori privati mhumiex maħluqa f'xi vakwu iżda huma riżultat tas-sistema lingwistika, soċjokulturali u letterarja (Broeck, 1981, p. 79). Broeck (1981, p. 80) isostni li differenzi żgħar bejn is-sistemi lingwistiċi jistgħu joħolqu limitazzjonijiet fuq it-traduzzjoni. Waard (1973, p. 18) jispjega li kemm lingwi relatati kif ukoll dawk li mhumiex jippreżentaw konverġenzi fit-traduzzjoni tal-metafora. Dawn jixhdu li l-metafori bħal figuri oħra tad- diskors huma bbażati fuq elementi konvenzjonali jiġifieri diffiċli li lingwa oħra se jkollha l- istess konnotazzjonijiet għall-istess kelma (Waard, 1973, p. 18).

L-element soċjokulturali huwa dominanti ħafna fil-letteratura, inkluż fil-metafori. Skont Musolff et al. (2014, p. 74), it-traduzzjoni tal-metafora hija influwenzata primarjament minn similaritajiet u/jew differenzi kunċettwali kulturali. Bl-istess mod, Broeck (1981, p. 81) jispjega li l-poeżija għandha sfidi minħabba l-assoċjazzjonijiet kulturali tat-test sors li jrid jibqa' l-essenza tagħhom fit-test mira. Newmark (1988, p. 106) ukoll jaċċenna għas-simboliżmu kulturali tal-metafora fejn l-oġġett jirrappreżenta kunċett, u għalhekk jissuġġerixxi li metafori bi xbihat kulturali huma itqal biex jiġu tradotti minn metafori universali jew personali. Fil-każ tal-istħarriġ tat-teżi, huwa importanti li tingħata ħarsa lejn kif jiġu tradotti x-xbihat relatati mal-baħar għax bħalma jsostni John Felstiner (1980, p. 32), l-għażla ta' kelma fuq oħra trendi assoċjazzjonijiet differenti, "the right ryhme or image when it comes can trigger an unlooked-for and now indispensable meaning."

Id-differenzi kulturali jinfluwenzaw l-interpretazzjoni u l-aċċettabbiltà tal-interpretazzjoni tal-lingwa. Għaldaqstant, dak li jinstema' naturali għal kultura, jista' jidher stramb jew offensiv għal kultura oħra. Dan jidwi f'André Lefevere (1992, p. 37) li jsostni "collocations of concepts or words that do not unduly strain one culture's concept of what is acceptable (logically, emotionally, even morally) may be found beyond the pale of the acceptable by members of another culture." Loubna Haddi (2019, p. 60) ukoll issostni li l-metafori użati fil-poeżija għandhom relazzjoni intima mal-patrimonju kulturali tal-poeta. Pereżempju, Newmark (1988, pp. 96–97) jispjega li l-karatteristiċi ġeografiċi u ekoloġiċi (li huma rilevanti għal dan l-istudju) huma distinti minn termini kulturali oħrajn, speċjalment minħabba li ħafna pajjiżi jkollhom ismijiet lokali għalihom. Naturalment, dan jitwaħħad mal-interpretazzjoni estetika u letterarja individwali tal-awtur, u għalhekk Abdal Göksenin u Yaman Büşra (2017, pp. 49–50) isostnu li l-poeżija u x-xbihat tagħha jistgħu jitqiesu bħala "rewriting" minħabba li t-traduttur jinterpreta u jikteb mill-ġdid. Biex jingħata eżempju, Göksenin u Büşra (2017, p. 53) jirreferu għall-metafora ontoloġika (wieħed mit-tliet tipi ta' metafori li jelenkaw George Lakoff u Mark Johnson) li ħafna drabi tistrieħ fuq l-esperjenzi kulturali u ma tirreżonax universalment. Din it-tip ta' metafora li tirreferi għall-espressjoni ta' kunċetti astratti bħall-emozzjonijiet u l-ideat daqslikieku kienu oġġetti tanġibbli jew entitajiet (Lakoff and Johnson, 1980, p. 25). Għaldaqstant, it-traduzzjoni aktarx toħloq metafori ġodda rilevanti għall-kultura tal-lingwa mira.

## 3.5. Il-modi tat-traduzzjoni tal-metafora

Broeck (1981, p. 77) jissuġġerixxi li t-teorija tat-traduzzjoni mhijiex mistennija tippreskrivi l-metodu għat-traduzzjoni tal-metafora, iżda tista' tipprepara l-flanni biex jitħawlu x-xtieli bl-aħjar mod. Għaldaqstant, it-teorija tista' biss tassumi kif jistgħu jiġu trasferiti l-metafori fil-lingwa mira, u kif jistgħu jiġu tradotti abbażi tat-teorija tat-traduzzjoni

inġenerali jew abbażi ta' kif ġew tradotti, jiġifieri fil-prattika tat-traduzzjoni (Broeck, 1981, p. 77). Skont Broeck, il-metafora fil-poeżija aktarx tiġi maqluba abbażi ta' tliet possibbiltajiet li huma t-traduzzjoni 'sensu stricto', is-sostituzzjoni u l-parafrażi. It-traduzzjoni 'sensu stricto' tirreferi għall-metafori li fihom jiġu ppreservati x-xbihat u l-assoċjazzjonijiet tagħhom għax fil-lingwa mira jeżistu termini li jikkorrispondu għal dawk tal-lingwa sors. Din it-tip ta' traduzzjoni tista' tipproduċi wkoll metafori li ma jinftehmux jew li ma jinstemgħux naturali (Broeck, 1981, p. 77). Madankollu, Lefevere (1992, p. 37) jgħid li l-metafora minnha nfisha teħtieġ taħbil il-moħħ biex tinftiehem u tagħti l-potenzjal lil-lingwa mira biex testendi l-lingwaġġ espressiv tagħha. Għaldaqstant, it-traduzzjoni tista' tikkunsidra li tieħu mill-element barrani ġaladarba ma tnaqqarx is-sustanza tal-lingwa mira. Terġa' u tgħid, it-traduzzjoni għandha tikkunsidra l-fjuri li jistgħu jwarrdu fil-lingwa mira minħabba ideat ġodda bil-metafori – "translators might do well consider the potential benefits of the "unacceptable" before rejecting it (Lefevere, 1992, p. 37)." Newmark (1988, p. 112) ukoll jiffavorixxi din it-tip ta' traduzzjoni għaliex isostni li fil-qalba tagħha jkun hemm il-messaġġ li ried iwassal il-kittieb, il-personalità u l-lenti tiegħu fuq il-ħajja, u fuq kollox jemmen li tista' tarrikkixxi l-lingwa mira – "such metaphors [original] are a source of enrichment for the target language."

It-tieni tip ta' traduzzjoni li jirreferi għaliha Broeck (1981, p. 77) hija s-sostituzzjoni**,** li fiha x-xbieha tiġi mibdula b'oħra familjari għal-lingwa mira, iżda ġġorr l-istess konnotazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet. Dan il-metodu ssemma wkoll minn Lefevere (1992, p. 37) minħabba li jiffavorixxi l-preservazzjoni tal-metafora, u għalhekk enfasizza li l-bieb għandu jinfetaħ għas-sostituzzjoni u l-addattament meta ma jkunx hemm għażla oħra biss. Dan jidwi f'Waard (1973, p. 20) li jsemmi kif Katharina Reiss tħoss li l-metafora dejjem għandha tiġi tradotta b'oħra, anki jekk tkun differenti. Waard (1973, p. 23) żied li t-traduzzjoni għandha tuża metafora mil-lingwa mira, anki jekk isiru xi modifikazzjonijiet.

Terġa' u tgħid, xi drabi l-metafora jkollha ċċedi għal diskors li mhuwiex letterarju (Waard, 1973, p. 24). Bl-istess mod, Lefevere (1992, p. 38) ma jinnegax li jiġu mwarrba xi metafori minħabba li jkunu maqtugħa wisq mill-kuntest kulturali u soċjali tal-lingwa mira. Madankollu, is-sostituzzjoni ma għandhiex issir minħabba interpretazzjoni insuffiċjenti tat-test (Bohuslav, 1970, p. 137).

L-aħħar tip ta' traduzzjoni msemmija minn Broeck (1981, p. 77) hija l-parafrażi li tingħaqad mat-teoristi msemmija aktar 'il fuq li jsemmu li l-metafora tinbidel f'espressjoni li mhijiex letterarja. Broeck (1981, p. 77) ifisser din it-traduzzjoni tal-metafora bħala "plain speech" għax l-espressjoni fil-lingwa sors tersaq lejn livell ta' kummentarju, aktar milli ta' traduzzjoni, għax is-sens biss ikun jikkorrispondi mentri fis-sostituzzjoni tinbidel ix-xbieha, iżda l-assoċjazzjoni tibqa' l-istess (Broeck, 1981, pp. 77–78). Madankollu, it-tliet tipi ta' traduzzjonijiet – is-sensu stricto, is-sostituzzjoni u l-parafrażi – mhumiex l-uniċi metodi. Pereżempju, il-metafora ġieli tiġi tradotta bħala similitudni għaliex skont Waard (1973, p. 23) "very frequently a simile is a very effective way of rendering a metaphor". Paul Ricoeur (2003, p. 27) jispjega l-qrubija bejn il-metafori u s-similitudni għax jenfasizza li similitudnijiet tajbin jistgħu jiffunzjonaw bħala metafora minħabba li t-tnejn jippreżentaw relazzjoni bejn żewġ elementi, u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom tarrikkixxi l-potenzjal espressiv – "Successful similes [...] are in a sense metaphors, since they involve two relations [literally: they are said or made on the basis of two] like the proportional metaphor."

**3.6. Konklużjoni**

It-traduzzjoni tal-metafora teħtieġ għarfien lingwistiku, kulturali u letterarju profond għaliex ma tirriflettix biss l-esperjenza personali tal-poeta, iżda anke ta' identità kulturali u soċjali tat-test oriġinali. Għaldaqstant, kull metafora titlob attenzjoni partikolari biex jinżamm il-valur estetiku fil-lingwa mira. Bħalma jgħid Aristotli (2012, p. 67 1459a) fil-ktieb tiegħu

*Dwar l-Arti tal-Poeżija*, il-metafora hija turija ta' ġenju għax tixhed il-kapaċità tal-awtur li "josserva dak li huwa simili." Għaldaqstant, it-traduzzjoni ma għandhiex tippreżenta biss is-simboliżmu tal-verżjoni tas-sors, iżda għandha tirrifletti wkoll l-istess sengħa meta jkun possibbli fil-lingwa mira. Ġew mistħarrġa l-approċċi differenti – sensu stricto, sostituzzjoni u l-parafrażi – li jispjegaw kif tista' tiġi imminata l-essenza tal-metafora, u kif tista' titħawwel fil-lingwa mira wkoll.

Fuq kollox, it-traduzzjoni tal-metafora tista' tiqies bħala pont bejn żewġ dinjiet lingwistiċi u kulturali fejn huwa impossibbli li tiġi esportata l-verżjoni oriġinali fit-totalità tagħha, iżda l-importanti li r-ruħ tal-poeżija tibqa' taħji. Din it-teżi, li se tiffoka fuq ix-xbihat tal-baħar fil-poeżiji tradotti ta' Grech, Ellul, Mifsud u Grima, mhijiex se tikkategorizza espliċitament il-metafori skont it-tipi msemmija, iżda dan il-kapitlu huwa essenzjali biex l-analiżi tax-xbihat ikollha bażi xjentifika fuq it-tħaddim tal-metafora fit-traduzzjoni tal- poeżija. Madankollu, mhuwiex jiġi nnegat li se jiġu msemmija aspetti fl-analiżi li juru l- funzjoni tal-metafora f'għalqa lessikali ġdida.

# 4. Metodoloġija

## 4.1. Daħla

L-għanjiet tal-istudju ħtieġu li jiġu analizzati poeżiji b'tematika marittima, u għaldaqstant l-istudju ġie bbażat fuq żewġ tipi ta' metodoloġiji għall-poeżiji mistħarrġa: analiżi komparattiva tal-poeżiji li ġew tradotti minn tradutturi oħra u jinqdew bil-baħar biex jittrattaw il-ħsus ġewwiena tal-bnedmin, u l-analiżi tal-poeżiji li ġew tradotti għall-għan tal-istudju u li jittrattaw it-tibdil fil-klima b'mod dirett. Dan il-kapitlu se jispjega l-metodoloġija li ntużat biex sar dan l-istudju li għandu l-għan li jistħarreġ it-traduzzjoni tal-metafori tal-baħar fil-poeżiji biex jidher l-irwol li jista' jkollha t-traduzzjoni fl-attiviżmu ekoloġiku, fost oħrajn.

L-ewwel idea kienet li ssir biss analiżi komparattiva ta' xi poeżiji tradotti mill-ġabriet *bejn baħar u baħar* ta' Elizabeth Grech u *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla* ta' Leanne Ellul minħabba l-użu vast tal-baħar użat miż-żewġ poeti u t-tradutturi tax-xogħol tagħhom. Ftit wara li beda l-proċess tar-riċerka, għażilt li ndaħħal l-element prattiku bil-ġabra intriganti *Riħ min-Nofsinhar*, għax it-tema ekoloġika toħroġ aktar fid-dieher u setgħet tarrikixxi l-istudju. Għaldaqstant, l-istudju addotta approċċi differenti fiż-żewġ kapitli analitiċi għaliex f'wieħed saret analiżi komparattiva mentri fl-ieħor sar xogħol prattiku tat-traduzzjoni. Dan sar sabiex tintwera kif it-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu jistgħu jiġu studjati minn angoli differenti, filwaqt li t-traduzzjoni tal-poeżiji mill-Malti għall-Ingliż tixhed li t-testi ekoloġiċi verament jistgħu jberrħu r-realtajiet ta' komunitajiet differenti madwar id-dinja.

Id-diskussjoni fit-teżi pruvat turi li t- traduzzjoni hija l-għodda biex tittrasporta ideat ġodda bit-tama li tiġi instigata bidla fl-attitudni tal-qarrejja, u għaldaqstant, l-importanza ngħatat kemm lill-poeżiji li juniversalizzaw il-fluwidità tal-bnedmin bħal ta' Ellul u Grech, kif ukoll poeżiji li jittrattaw l-urġenza tal-kriżi klimatika mingħajr tidwir mal-lewża bħal ta' Mifsud u Grima.

Għalhekk, l-analiżi komparattiva tal-poeżiji tradotti u anke l-analiżi ta' xi poeżiji tradotti hija idea innovattiva biex għall-ewwel darba fix-xena lokali, it-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu jiġu studjati flimkien fil-kuntest tal-kriżi klimatika.

## 4.2. L-istrateġija għall-kapitlu *Ġrieħi Mielħa Jimmultiplikaw*

Waqt il-fażi ta' qari profond fuq ix-xogħlijiet ta' Grech/Mangion u Ellul/Gatt, tfaċċat il-ġabra *Riħ min-Nofsinhar* li fiha tnax-il poeżija taż-żewġ kittieba li nzertaw irġiel - Immanuel Mifsud u Adrian Grima, filwaqt li hemm ukoll kummentarju xjentifiku u fehmiet ta' individwi fuq it-tibdil fil-klima. Din il-ġabra qatt ma ġiet tradotta, u għalhekk ġie deċiż li jinqalbu l-aktar sitt poeżiji rilevanti, għall-Ingliż, biex jagħtu opportunità li tiġi ttrattata t-tema marittima aktar mill-qrib. Is-sitt poeżiji magħżula huma marbuta mat-tema marittima, u minkejja li żewġ poeżiji ('Is-Saħna tal-President' u 'Todo Relación') huma assenti mix-xbihat marittimi, jippreżentaw temi li jintrabtu mal-baħar indirettament. Pereżempju, 'Is-Saħna tal-President' xorta għandha rilevanza minħabba l-irwol tal-politiku fit-tibdil fil-klima li jinstiga bidliet fil-baħar.

Minħabba l-għan tal-istudju b'fokus fuq it-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanstiċi Blu, l-analiżi ma ffokatx b'mod dirett fuq l-istrateġiji użati fit-traduzzjoni tas-sitt poeżiji, iżda ħarset lejn l-aspetti li joħorġu mill-metafori taż-żewġ verżjonijiet. Għaldaqstant, l-iskopos tat-traduzzjoni ma mmirax li tiġi proġettata r-rima, iżda li jiġi maqlub dak li jgħid it-TS vers b'vers skont il-forma mogħtija, u fejn kien possibbli ġie proġettat ton simili jew elementi figurattivi oħra. Fuq kollox, l-għan aħħari kien li jgħaddi s-sens b'forma qrib ħafna tal-verżjoni Maltija biex iż-żewġ verżjonijiet iservu ta' pedament għal diskussjoni kontemporanja fuq il-kriżi klimatika b'fowkus fuq il-baħar. B'kuntrarju għat-traduzzjonijiet ta' Mangion u Gatt, dawn ġew tradotti biss bħala mezz għad-diskussjoni u mhumiex irfinati bħal dawk li ġew ippubblikati għax attwalment l-iskopos qed jixħet l-attenzjoni fuq it-traduzzjoni bħala strument għal għan komparattiv.

L-analiżi tal-kapitlu *Ġrieħi Mielħa Jimmultiplikaw* huwa msejjes fuq stħarriġ lingwistiku, tematiku u teoretiku. B'differenza mill-kapitlu *Il-Kullana tal-Iġsma Fluwidi,* dan

iffoka aktar fuq ir-riċerka li tittratta l-kriżi ambjentali xjentifikament u għalhekk ġew ippreżentati dettalji ambjentali li jixhdu l-urġenza li jippreżentaw il-poeżiji. Fuq kollox, din il-metodoloġija ntużat biex jintwera kif il-poeżija u t-traduzzjoni tagħha jistgħu jkunu ċ-ċavetta għal aktar għarfien ambjentali biex eventwalment jinstigaw bidla fl-attitudni tal-qarrejja madwar il-globu. Dan inbena fuq riċerka minn diversi oqsma u li nkitbet minn diversi persuni prominenti bħal Rachel Carson, Naomi Klein, il-Papa Franġisku u Hugs Gengshen Hu.

L-analiżi ta' dan il-kapitlu saret tematikament u tqassmet fi tliet partijiet. L-ewwel parti tiddiskuti l-motif tal-livell tal-baħar, it-tieni parti titkellem fuq l-implikazzjonijiet politiċi u l-aħħar parti tittratta l-effetti soċjoekonomiċi li jlaqqgħuna magħhom iż-żewġ verżjonijiet. Il-punt tat-tluq fit-tliet partijiet kien kummentarju fuq it-traduzzjoni, jiġifieri kif ġew ippreżentati t-temi fiha. Is-sitt poeżiji se jiġu ppreżentati wara d-daħla tal-kapitlu, iżda għall-kummentarju fit-tliet sezzjonijiet, se jiġu misluta l-kwotazzjonijiet li jsaħħu l-analiżi. Dawn se jkunu f'tabella b'żewġ kolonni, fuq ix-xellug se tiġi ppreżentata l-verżjoni Maltija u l-verżjoni Ingliża fuq il-lemin, filwaqt li l-ismijiet tal-poeżiji se jkunu fir-ringiela orizzontali fil-grassett. Ħaġa oħra importanti f'dan il-kapitlu hija li huwa msejjes fuq riċerka xjentifika marbuta mal-baħar, l-ambjent u l-politika li jintisġu flimkien biex eventwalment jixhdu l-importanza u l-ħtieġa tat-Traduzzjoni Ekoloġika.

## 4.3. L-istrateġija għall-kapitlu Il-Kullana tal-Iġsma Fluwidi

Il-poeżija Maltija għandha ħafna kitbiet li jinqdew bix-xbihat tal-baħar, iżda għall-analiżi komparattiva, intgħażlu l-poeżiji ta' żewġ kittieba kontemporanji li nzertaw nisa u ġew mistħarrġa biss il-poeżiji tagħhom ppubblikati f'ġabra stampata jew online. Fil-każ ta' *Between Seas*, li hija l-ġabra tradotta ta' *bejn baħar u baħar*, ġiet mistħarrġa bħala ġabra stampata, u t-traduzzjoni ta' xi poeżiji mill-ġabra *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla* nstabu

minn fuq siti online. Il-fowkus waqgħet fuq dawn għax jinsġu ħafna mill-ħsus ġewwiena f'kannizzata marittima, u l-poeżiji li jissemmew fl-istudju ntgħażlu minħabba l-qawwa tax-xbihat tal-baħar fiż-żewġ verżjonijiet tal-poeżiji. F'artiklu ta' *The Malta Independent* (2019) dwar Elizabeth Grech jintqal li l-ilma għandu forza qawwija fil-poeżija tagħha, "water, as her poetry indicates, is her favourite element […] Grech makes it amply clear that the sea had always been extremely important to her." Ta' min isemmi wkoll li dawn il-poeżiji ġew tradotti għal lingwi oħra bħat-Taljan, il-Franċiż u l-Għarbi, iżda minħabba n-nuqqas ta' għarfien lingwistiku fihom, l-istudju kkonċentra biss fuq it-testi bl-Ingliż.

Il-mikrotraduzzjoni u l-makrotraduzzjoni li Zhao u Geng (2024, p. 45) jidentifikaw għall-proċess tat-Traduzzjoni Ekoloġika ntużaw biex isir l-istudju tal-poeżiji. Dan għaliex il-kitbiet għaddew mill-għarbiel lingwistiku biex jiġu osservati ż-żieda jew l-assenza ta' xbihat ekoloġiċi bil-lessiku li ntuża, pereżempju d-differenza bejn 'nibet' u 'sprout' fil-poeżija ta' Elizabeth Grech/Irene Mangion. Ġew identifikati wkoll il-lessiku u l-metafori marbuta mal-baħar, bħall-għawm, il-mewġ, l-għadis, in-nixfa u x-xita biex jiġu analizzati fil-kuntest tat-TM. Dan sabiex jinftiehem is-sinifikat li potenzjalment joħroġ mit-traduzzjoni f'kuntest aktar wiesa' u l-effett li jista' jħalli fid-dawl tal-kriżi ekoloġika minkejja li ma jittrattawx il-kriżi ekoloġika direttament. Sussegwentament, l-analiżi tal-poeżiji fetħet id-diskors fuq ir-relazzjoni bejn l-esperjenza emozzjonali marbuta mal-baħar skont fehim fenomenoloġiku tal-ġisem, interpretat ix-xogħol tat-traduzzjoni fil-kuntest ibbażat fuq it-teorija ta' akkademiċi bħal Astrida Neimanis (2018), Marlene Dirschauer (2023), Steve Mentz (2024) u Michael Cronin (2016). Għaldaqstant, il-proċess involva l-analiżi lingwistika mikrotestwali ta' elementi stilistiċi u tal-lessiku, u l-qari ta' teoriji li jsaħħu l-intepretazzjoni.

L-analiżi ta' dawn il-poeżiji wkoll saret tematikament fi tliet partijiet, u l-poeżiji li ntgħażlu kien jorbtu mat-tema diskussa, jiġifieri ma jfissirx li ma hemmx aktar poeżiji li

jsemmu l-element marittimu. L-ewwel sezzjoni ffukat fuq l-universalità fluwida, it-tieni parti fuq il-fluwidità f'forma korporali u t-tielet parti torbot l-aspett emottiv u l-identità mal-baħar. Kull sezzjoni bbażat id-diskussjoni fuq poeżiji partikolari li se jiġu ppreżentati fit-tabelli, bil-verżjoni Maltija fuq ix-xelluġ u l-verżjoni Ingliża fuq il-lemin. Il-poeżija ewlenija se tiġi ppreżentata qabel ma ssir id-diskussjoni dwarha, iżda l-kummentarju li jsegwi jinkludi versi minn poeżiji oħra taż-żewġ poeti u ż-żewġ tradutturi biex isaħħu l-kummentarju. Dawn mhux se jidhru bħala poeżija sħiħa minkejja li isimhom se jitniżżel fil-ġenb. Fit-tieni parti li ġġib l-isem *Il-Baħar Inkarnat fit-Traduzzjoni* se ssir analiżi lessikali ta' xi vokabolarju marbut mal-baħar fil-poeżiji taż-żewġ verżjonijiet ta' Grech/Mangion, u għalhekk il-versi misluta se jiġu ppreżentati f'tabella b'isimhom miktub f'kolonna għaliha.

Dawn huma poeżiji ewlenin mill-ġabriet ta' Grech/Mangion u Ellul/Gatt li huma fiċ-ċentru tal-analiżi: 'baħar' (EG) - 'Sea' (IM), 'jien u int' (EG) - 'You and I' (IM), 'kliem' (EG) - 'Words' (IM), 'Fuq Idek' (LE) - 'On your hand' (AG), 'leħnek' (EG) - 'Voices' (IM), 'Fuq għedtlek 1' (LE) - 'On Telling 1' (AG), 'Fuq għedtlek 2' (LE) - 'On Telling 2' (AG).

## 4.4. Konklużjoni

Il-metodoloġija spjegat il-qafas tat-teżi taż-żewġ kapitli li ġejjin biex tfiehem kif it-traduzzjoni ġiet mistħarrġa bħala att interpretattiv f'kuntest ekoloġiku li jħaddan il- kumplessità lessikali, ix-xbihat marittimi u l-urġenza ambjentali.

# 5. Ġrieħi mielħa jimmultiplikaw - It-Traduzzjoni Ekoloġika minn *Riħ min-Nofsinhar*

## 5.1. Daħla

Dan il-kapitlu se jħares lejn it-tema marittima fit-traduzzjoni tiegħi ta' xi poeżiji ta' Immanuel Mifsud u Adrian Grima mill-ġabra *Riħ Min-Nofsinhar.* L-attenzjoni tat-traduzzjoni mhix se tinxteħet fuq il-proċess innifsu, iżda fuq il-metafori, jew in-nuqqas tagħhom, u t-temi li joħorġu minnhom b'rabta mal-baħar. Għaldaqstant, l-għan se jkun li nħarsu lejn it-traduzzjoni letterarja bħala għodda kritika għal diskorsi ekoloġiċi globali. Hugs Gengshen Hu (2020, p. 177) isostni li l-missjoni tat-Traduzzjoni Ekoloġika għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli permezz ta' mezzi differenti, inkluża t-traduzzjoni ta' testi ekoloġiċi: "Eco-translatology helps to study and exchange the eco-thoughts that affect the translator and target text, thus playing a constructive role in the promotion of the developent of eco-civilization." Dan l-approċċ jista' jitwessa' għall-Istudji Umanistiċi Blu wkoll li jħarsu lejn il-baħar bħala spazju simboliku, storiku u ekoloġiku. Għaldaqstant, it-traduzzjoni letterarja ta' poeżiji bħal dawn tista' tixħet aktar dawl fuq il-kriżi ekoloġika li kulma jmur qed taffettwa l-baħar, l-ekosistemi tiegħu u l-għajxien tan-nies, speċjalment lill-komunitajiet li jgħixu mal-kosta. It-ton ironiku, ir-rima u s-sarkażmu fil-ġabra li jippreżentaw sfida għat-traduzzjoni – minkejja li mhux se jiġu esplorati fid-dettall minħabba l-għan tal-kapitlu – jaċċentwaw li "the oceanic world – the ocean as world – represents a tragic mismatch between human capacities and environmental alterity (Mentz, 2019, p. 387)."

## 5.2. It-traduzzjoni tas-sitt poeżiji

## 5.2.1. Il-Ballata ta' Kiribati

| **Immanuel Mifsud**<br>**Il-Ballata tal-Kiribati** | **Trad.**<br>**The Ballad of Kiribati** |
|---|---|
| Mill-korall tal-Kiribati<br>Ħierġa għanja kollha niket<br>Għax l-art sbejħa lewn il-ġawhar<br>Issa l-mewġ donnu jrid jiret. | From the corals of Kiribati<br>Out comes a song of sorrow<br>For the beautiful jewel-coloured land<br>Now will be inherited by the waves. |
| Tal-muntanji l-qċaċet bojod<br>Qed idubu kull mument,<br>U l-korall tal-Kiribati<br>Beda jinseġ dal-lament: | The white peaks of the mountains<br>Are melting every moment,<br>And the corals of Kiribati<br>Have begun weaving this lament: |
| *F'post 'il bogħod hemm art ġganteska*<br>*B'ħafna ċmieni bid-duħħan.*<br>*Hekk tiħtieġ l-ekonomija:*<br>*Li l-muntanji jsiru sħan.* | *Far away lies a gigantic land*<br>*With many chimneys of smoke.*<br>*That is what the economy requires:*<br>*That the mountains are heated.* |
| *L-ilmijiet li jdawru l-gżejjer*<br>*Qed jogħlew 'il fuq 'il fuq,*<br>*Qed iħejju n-nies ħwejjiġhom,*<br>*Qed iħejju t-triq għat-tluq.* | *The waters surrounding the islands*<br>*Rise higher and higher,*<br>*Those people are gathering their things,*<br>*Those people are preparing to leave.* |
| *Għax flok jinżel, l-ilma tiela',*<br>*Mar jixxabbat fuq il-blat,*<br>*Għarraq taħtu r-ramel abjad,*<br>*Mar iterraq fit-triqat.* | *Instead of falling, the water is rising,*<br>*Spreading over the rocks,*<br>*Drowning the white sand beneath it,*<br>*Moving up towards the streets.* |
| *Setgħu biss jibqgħu jħarsu*<br>*U jittallbu ftit tal-ħniena:*<br>*"Nitolbukom biex tilqgħuna*<br>*Għax kulħadd donnu nesiena."* | *They could only keep staring*<br>*And beg for mercy:*<br>*"We plead to be welcomed*<br>*For everyone seems to have forgotten us."* |
| *Meta marru fl-art ġganteska*<br>*Ħalli jkellmu 'l min nesiehom,*<br>*Dan qam pront bir-ragħwa f'ħalqu*<br>*Qallhom dan biex iweġibhom:* | *When they reached the gigantic land*<br>*To speak to those who had forgotten them,*<br>*One man quickly rose with foaming mouth*<br>*And said this in reply:* |
| X'nitnejjek mill-Kiribati.<br>Jiena komdu f'dan ir-ranch.<br>X'jimpurtani li m'hemmx xita<br>U li d-djar għarraq il-mewġ. | I don't give a fuck about Kiribati.<br>I'm comfortable on this ranch.<br>I don't care that there's no rain<br>And houses were drowned by waves. |
| X'naħti jien jekk Alla ġġennen- | It's not my fault if God's gone crazy – |

| | |
|---|---|
| Bagħat il-mewġ minflok ix-xita?<br>Misskom tinżlu tgħidu talba<br>Biex lill-art jieqaf jisħitha. | And sent waves instead of rain?<br>You should kneel and pray<br>To keep His curse away. |
| Id-duħħan li qed issemmu<br>Jitla' 'l fuq bla jagħmel ħsara.<br>Għandi bżonn biex niddefendi<br>Kontra min ġie hawn jispara. | The smoke that you mention<br>Rises up without any harm.<br>I need to defend it<br>Against those who come to attack. |
| L-armamenti l-importanti;<br>Illi d-dollaru jkun sod.<br>Misskom taqbdu erba' dgħajjes<br>U ssalpaw xi mkien 'il bogħod | The weapons are important;<br>That the dollar remains strong.<br>You should grab some boats<br>And sail to somewhere far away. |
| X'jifhmu dawn il-ftit sajjieda<br>Fuq kif taħdem it-tiġrija<br>Tal-muniti u l-armamenti?<br>X'jifhmu dawn fl-ekonomija? | What do these few fishermen know<br>About the dynamics of the chase<br>Of dollars and armaments<br>What do they know of economy? |
| Hekk hemm bżonn f'din it-tellieqa:<br>Illi narmu ftit duħħan,<br>Ħa fis-sħana nagħmlu ż-żiffa<br>U fix-xitwa nkunu sħan. | That's what's required in this chase:<br>That we let off some smoke,<br>To create breeze in the heat<br>And some warmth in winter's freeze. |
| Hekk jinħtieġ f'din it-tellieqa:<br>Illi nobżqu f'wiċċ is-sema,<br>Illi ndardu l-ilma ġieri,<br>U l-ġar tagħna jmur jintrema! | That's what's required in this chase:<br>Spitting in the sky,<br>Mudying fresh water,<br>And sending our neighbour to hell. |
| Xi l-madoffi tippretendu?<br>Din hi l-liġi tan-natura:<br>Illi jkollok naħa fqira<br>U li oħra tkun sinjura. | What the heck do you expect?<br>This is the law of nature:<br>That you have one side poor<br>And the other rich. |
| Tkomplux twerżqu, tkomplux tgergru,<br>Offrejtilkom soluzzjoni:<br>Aqbdu d-dgħajjes u ibdew aqdfu,<br>Agħmlu ġieħ 'l-emigrazzjoni. | Stop your shouting and grumbling,<br>I've offered a solution<br>Grab those boats and start to row,<br>Do your best for emigration. |
| *Mill-korall tal-Kiribati*<br>*Ħierġa għanja kollha niket*<br>*Għax l-art sbejħa lewn il-ġawhar*<br>*Issa l-mewġ donnu jrid jiret.* | *From the corals of Kiribati*<br>*Out comes a song of sorrow*<br>*For the beatiful jewel-coloured land*<br>*Now will be inherited by the waves.* |
| *Tal-muntanji l-qċaċet bojod*<br>*Qed idubu kull mument,*<br>*U l-korall tal-Kiribati*<br>*Beda jinseġ dal-lament:* | *The white peaks of the mountains*<br>*Are melting every moment,*<br>*And the corals of Kiribati* |

| | |
|---|---|
| Jiġi jum – dalwaqt se jasal –<br>Ħadd ma jibqa' fil-laguna.<br>Wieħed wieħed, waħda waħda<br>Jispiċċaw biex jitilquna.<br><br>Għal snin sħaħ bla qatra xita,<br>Sa nixfulhom l-ilmijiet<br>Kellhom jgħixu fuq is-siġar<br>Għaliex beżgħu mill-mewġiet<br><br>Illi telgħu ħa jgħarrquhom<br>Għaliex ħadd ma sema' t-talba<br>Ta' min beka fuq ix-xtajta<br>U minn ruħu ħarġet karba.<br><br>Jiġi jum – dalwaqt se jasal –<br>Meta jridu u ma jridux,<br>Jaqbdu sorra u jitilqu<br>U 'l hawnhekk żgur ma jiġux.<br><br>Għax hawnhekk ikun mar staħba,<br>Għax hawnhekk ikun intemm,<br>Għax hawnhekk isir memorja<br>Li niftakru biss kemm kemm.<br><br>U la jitlaq l-aħħar raġel,<br>l-aħħar mara, l-aħħar tfal,<br>jibqgħu biss l-ilħna maħnuqa<br>ta' dal-gżejjer, tal-korall. | *Have begun weaving this lament:*<br><br>A day will come – it will soon come –<br>There'll be no one left in the lake.<br>One by one, each in turn,<br>They'll leave us.<br><br>Years without a drop of rain,<br>Until their waters dried up<br>They had to live in the trees<br>For they feared the waves<br><br>That rose to drown them<br>For no one heard the prayers<br>Of he who wept on the shore<br>And from his soul emerged a sob.<br><br>A day will come – it will soon come –<br>Whether they'd want or not,<br>They grab their sack and leave<br>And here to never return.<br><br>For here will be hidden,<br>For here will end,<br>For here will be a memory,<br>That we'll barely be remembered.<br><br>And when the last man leaves,<br>The last woman, the last child,<br>Only hoars voices will remain<br>Of these islands, of the coral. |

## 5.2.2. Tal-Ġelati jew it-tropikalizzazzjoni tal-Mediterran*

| **Adrian Grima**<br>**Tal-Ġelati**<br>**jew it-tropikalizzazzjoni tal-Mediterran*** | **Trad.**<br>**The Ice-Cream Van**<br>**or the tropicalisation of the Mediterranean*** |
|---|---|
| Il-baħar qed jogħla, qed jibla' r-ramliet,<br>fejn bejtu minn dejjem il-fkieren<br>li jieklu mill-bram bil-mijiet.<br>Il-baħar qed jisħon, qed jikber, u miegħu<br>Il-bram qed jiżdied;<br>Ifekren bla sabar fejn qabel kont tara kif folla<br>Tinvadi bla ħniena l-bajjiet.<br><br>It-tfal mhux qed jgħumu,<br>mhux jgħoddsu bil-flippers,<br>mhux jibnu l-kastelli u jħaffru l-passaġġi<br>li jċedu bħas-silġ taħt in-nar;<br>mhux jiġu t-turisti, bil-ġilda ġa roża,<br>bl-umbrella tal-kiri, bit-tifel jippoża,<br>bis-sunblock jiddewweb<br>taħt xemx tarmi r-raġġ' ultra vjola.<br><br>U m'hawnx tal-ġelati.<br>Qed jarma, qed jgħidu,<br>faċċata tal-bieb tal-iskola,<br><br>Il-baħar bla ndiema,<br>bla ħniena,<br>qed jogħla.<br><br>*Wara konverżazzjoni ma' Annalise Falzon | The sea is rising, swallowing sands,<br>where turtles have always laid their eggs<br>and eaten jellyfish by the hundreds.<br>The sea is warming, expanding, and with it<br>the jellyfish multiply;<br>turtles searching impatiently where once so many<br>crowds would take over the bays.<br><br>Children no longer swim,<br>they're not diving with flippers,<br>they're not building castles or digging passages<br>that collapse like ice under fire;<br>tourists aren't coming, with their already pink skin,<br>under rented umbrellas, with a posing son,<br>and melting sunblock<br>beneath a sun emitting ultraviolet rays.<br><br>The ice-cream van is not here.<br>They say it's setting up,<br>in front of the school,<br><br>The sea, without mercy,<br>ruthlessly,<br>is rising.<br><br>*After a conversation with Annalise Falzon |

## 5.2.3. Ola Ola Ola

| **Immanuel Mifsud**<br>**Ola Ola Ola** | **Trad.**<br>**Ola Ola Ola** |
|---|---|
| Ma tridx għerf, ma tridx wisq skola<br>Sabiex tkejjel l-ultra-vjola,<br>Sabiex tisma’ t-tfal bis-sogħla<br>Jew biex tħoss il-baħar jogħla. | You don’t need wisdom, not much schooling<br>To measure the ultraviolet,<br>To hear the children coughing,<br>Or to feel the sea rising. |

## 5.2.4. Is-Saħna tal-President

| **Adrian Grima**<br>**Is-Saħna tal-President** | **Trad.**<br>**The Heat of the President** |
|---|---|
| Min qal li hawn xi kambjament fil-klima?<br>Xi prużuntuż, xi ċuċ, xi Adrian Grima?<br>U dan min hu? Xi ġaħan minn xi gżira?<br>Li jifhem donnu f'kollox, xi ras kbira? | Who said that there's any change in climate?<br>Some pretentious fool, an idiot, an Adrian Grima?<br>And who's he? A fool from an island?<br>Who thinks he knows it all, some big head? |
| Il-klima mhix tinbidel, qed inħossha.<br>Possibbli kieku jien ma nħosshiex?<br>Ix-xemx mhux xorta tisreġ minn filgħodu?<br>U tinżel qisha balzmu fuq il-friex? | The climate is not changing, I can feel it myself.<br>Is it possible that I wouldn't feel it?<br>Doesn't the sun still shine from the morning?<br>Doesn't it go down like balm on the sheets? |
| Għax forsi nitfgħu ftit duħħan ġol-arja?<br>Għax forsi qed nużaw naqr'iktar żejt?<br>Kemm intom delikati – ħarsu lejja:<br>fiż-żejt twelidt u ndlikt, fiż-żejt trabbejt.<br>Minkejja dan ma taralix żejt f'wiċċi<br>Tgħid kieku nibqa' hawnhekk, bilqiegħda,<br>'nċiċċi? | Cause maybe we're dumping a little more smoke in the air?<br>Cause maybe we're using a little more oil?<br>You're so fussy – just look at me:<br>In oil I was born, and was smeared, and in oil I was raised.<br>Despite this I'm not ashamed<br>Do you think otherwise, I'd be here, comfortably sitting? |
| X'tibdil qed tħoss fil-klima, hawn illejla?<br>Possibbli kieku jiena ma nħossux?<br>Din klima ta' demokrazija sbejħa<br>Ta' fidi u paċi ġusta fost il-ġnus! | What climate change are you feeling, here tonight?<br>D'you really think I wouldn't feel it?<br>This climate of sweet democracy<br>Of faith and peace amongst nations! |
| Ħallina minnek, qalbi, Adrian Grima,<br>ma tafx li mhu jiġrilha xejn il-klima?<br>Ħa nqabbdek ftit ma' Dick, li jiġi taħti,<br>dak daħal fiha sew u jaf min jaħti. | Oh forget it, darling, Adrian Grima,<br>Don't you know nothing's gonna happen to the climate?<br>I'll put you in touch with Dick, he works for me,<br>He knows his stuff and who's to blame. |
| Se jkolli nieqaf hawn għax qed jgħajtuli,<br>irrid niffirma l-karti li jgħadduli.<br>Imm'inti serraħ rasek, ħalli f'idi,<br>jien mhux nitkellem hekk minħabba ġidi;<br>dan kollu allarmiżmu ftit għajjien:<br>id-dinja mhix tinbidel, lanqas jien. | I have to stop here cause they're calling me,<br>I need to sign the papers they're handing me.<br>But put your mind at rest, leave it in my hands,<br>I don't speak this way because of my wealth;<br>This is all repetitive alarmism:<br>The world is not changing, and neither am I. |

## 5.2.5. Aqta' Fjura u Ibni Kamra, Jew iċ-Ċajta tad-Dollaru

| **Immanuel Mifsud**<br>**Aqta' Fjura u Ibni Kamra,**<br>**Jew iċ-Ċajta tad-Dollaru** | **Trad.**<br>**Cut a Flower and Build a Room,**<br>**Or the Joke of the Dollar** |
|---|---|
| Aqta' fjura u ibni kamra;<br>Aqla' siġra u tella' dar;<br>Imxi metru, ibni villa;<br>Tinkwetax...dak li sar sar. | Cut a flower and build a room;<br>Uproot a tree and build a house;<br>Take a step, build a villa<br>Don't you worry…what's done is done. |
| Mur pass ieħor u ibni torri;<br>Itla' fl-għoli, miss is-sħab;<br>Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,<br>Kulma ħlejt kien naqra trab. | Take another step and build a tower;<br>Rise up high, touch the sky;<br>Don't worry about ruining fields,<br>All you wasted was a bit of dust. |
| Dur mal-kosta, fittex rokna;<br>Arma l-boathouse fuq il-blat;<br>Anki 'l-baħar agħmel tiegħek<br>U ħallik mill-pixxispad. | Search the coast, find a spot;<br>Set up a boathouse on the rocks;<br>Use the sea, make it yours<br>And don't bother with the swordfish. |
| Tagħtix kas li l-baħar tiela' –<br>Itla' fl-għoli anki int:<br>Bnejt it-torri, itla' fuqu,<br>Ibda gawdi dak li ħdimt. | Ignore the rising seas –<br>Even you should move up high:<br>Enter the tower that you've built,<br>And enjoy what you've worked for. |
| Issa isma' x'qed jgħidulek:<br>Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.<br>Hemm ftit metri ħdejn il-villa,<br>Li kont minnek nibni pool. | Now listen to what they're telling you:<br>Don't be near the sea for long.<br>There are a few meters beside the villa<br>If I were you, I'd build a pool. |
| U jaqbillek tinsa l-baħar<br>Għax mid-dehra tah tal-qamar:<br>Tmurx fix-xemx u tmurx fid-dlam<br>Għax imtela tilja bram. | And you'd better forget the sea<br>Cause it seems to be going crazy:<br>Don't swim in the sun, don't swim in the dark<br>For it's full to the brim with jellyfish. |
| Aqta' fjura u ibni kamra.<br>Jiena nifhem: 'tini widen;<br>Meta mbagħad tkun lest minn kollox,<br>Ħu nifs qawwi u mur indifen. | Cut a flower and build a room.<br>I understand: listen to me;<br>Then when all is done,<br>Take a deep breath and go get buried. |

## 5.2.6. Todo Relación

| **Adrian Grima**<br>**Todo Relación** | **Trad.**<br>**Todo Relación** |
|---|---|
| I<br>Meta mbagħad ġiet ix-xita<br>ma riedet tehda b’xejn.<br>La bis-skiet, la bil-qalb, la bl-ilfiq.<br>U stennejna l-għadira tifrex dirgħajha twal,<br>tibla’ x-xtut u r-raba’,<br>in-nhar. | I<br>When the rain came<br>Nothing would calm it down.<br>Not with silence, not with heart, not with tears.<br>And we waited for the waters to stretch out their long arms,<br>swallowing the coasts and the fields,<br>the day. |
| U kaxkru kollox magħhom l-ilmijiet:<br>iż-żerriegħa li ċċelebrajna,<br>il-patata, il-quinoa, l-istaġun.<br>Fittixna fiex inqasna,<br>kellimna ’l Pachamama,<br>is-sema, it-Titicaca,<br>il-mejtin tagħna;<br>staqsejna kif ksirna l-patt minn awl id-dinja<br>li jgħaqqadna. | And everything was dragged away with the waters:<br>the seeds we celebrated,<br>the potatoes, the quinoa, the season,<br>We asked where we had gone wrong,<br>we spoke to Pachamama,<br>to the sky, to Titicaca,<br>to our dead ones,<br>we asked how we’d violated the ancient pact<br>that binds us. |
| Imbagħad stennejna x-xita tehda,<br>il-lago vivo jerġa’ lura mill-widien u r-raba’.<br>Min kiser l-għaqda sewwa l-ħsara.<br>U aħna nġbarna fl-għelieqi biex nitolbu maħfra.<br>Todo es rito,<br>todo es armonìa,<br>mas-sema,<br>mal-bhejjem,<br>ma’ Pachamama,<br>bejnietna, f’qalbna - sa taqliba oħra. | Then we waited for the rain to ease,<br>for the lago vivo to return from the valleys and fields.<br>Whoever broke the unity repaired the damage.<br>And we gathered in the fields to beg for forgiveness.<br>Todo es rito,<br>Todo es armonìa,<br>with the sky,<br>with the animals,<br>with Pachamama,<br>between us, and in our hearts - until the next upheaval. |
| II | II |
| Imma għada jum ġdid;<br>is-sena d-dieħla, sena ġdida.<br>Puno mhix beżżiegħa.<br>“La Pachamana nos alimenta.” | But tomorrow’s another day;<br>next year, a new year.<br>Puno is not fearful.<br>“La Pachamana nos alimenta.” |
| Sakemm wara n-nixfa terġa’ tiġi x-xita. | Until after the drought comes the rain. |

## 5.3. Il-baħar imaxtar ix-xtut

Il-kriżi klimatika tinsab fil-qalba tal-poeżiji tradotti li tixħet attenzjoni fuq l-interdipendenza tal-elementi li jirrifletti f'diversi xejriet fosthom fil-livell tal-baħar. Ħames poeżiji fil-ġabra jtanbru fuq l-espansjoni tal-baħar u fenomeni oħra bħad-deżertifikazzjoni li jaffettwaw lid-dinja kollha.

*Tabella 1: Lista tal-versi li jirreferu għaż-żieda fil-livell tal-baħar*

| **Immanuel Mifsud**<br>**Il-Ballata tal-Kiribati** | **Trad.**<br>**The Ballad of Kiribati** |
|---|---|
| • 'L-ilmijiet li jdawru l-gżejjer / Qed jogħlew 'il fuq 'il fuq'.'<br>• 'Għax flok jinżel, l-ilma tiela''<br>• 'U li d-djar għarraq il-mewġ'.<br>• 'Issa l-mewġ donnu jrid jiret'.<br>• 'Għaliex beżgħu mill-mewġiet' | • 'Waters surrounding the islands / Rise higher and higher.'<br>• 'Instead of falling, the water is rising'<br>• 'And houses were drowned by waves'<br>• 'Now will be inherited by the waves'<br>• 'For they feared the waves'. |
| **Adrian Grima**<br>**Tal-Ġelati**<br>**jew it-tropikalizzazzjoni tal-Mediterran*** | **Trad.**<br>**The Ice-Cream Van**<br>**or the tropicalisation of the Mediterranean*** |
| • 'Il-baħar qed jogħla, qed jibla' r-ramliet,'<br>• 'Il-baħar qed jisħon, qed jikber'<br>• 'Il-baħar bla ndiema / bla ħniena, / qed jogħla' | • 'The sea is rising, swallowing sands'<br>• 'The sea is warming, expanding'<br>• 'The sea, without mercy/ Ruthlessly, / is rising.' |
| **Immanuel Mifsud**<br>**Ola Ola Ola** | **Trad.**<br>**Ola Ola Ola** |
| • 'Jew biex tħoss il-baħar jogħla.' | • 'or to feel the sea rising' |
| **Immanuel Mifsud**<br>**Aqta' Fjura u Ibni Kamra,**<br>**Jew iċ-Ċajta tad-Dollaru** | **Trad.**<br>**Cut a Flower and Build a Room,**<br>**Or the Joke of the Dollar** |
| • 'Tagħtix kas li l-baħar tiela' –'<br>• 'U jaqbillek tinsa l-baħar / Għax mid-dehra tah tal-qamar:' | • 'Ignore the rising seas – '<br>• 'And you'd better forget the sea / cause it seems to be going crazy' |
| **Adrian Grima** | **Trad.** |

| Todo Relación | Todo Relación |
|---|---|
| ● ‘tibla’ x-xtut u r-raba’, / in-nhar.’ | ● ‘swallowing the coasts and the fields, / the day’. |

Il-motif tal-espansjoni tal-ilma jidwi f’dawn it-traduzzjonijiet. Il-kittieba u l-bijoloġista fuq affarijiet marittimi Rachel Carson (1951, pp. 98–99) issostni li dan mhuwiex xi fenomenu ġdid - “what is happening is nothing new […] the sea is forever repeating its encroachments upon the continents.” Madankollu, il-motif fit-traduzzjoni jdoqq mota kiebja minħabba l-antropoċentriżmu u l-proċess mgħaġġel li miexi bih. Ir-Rapport Globali tar-Riskji tal-2025 jelenka li l-livell tal-baħar huwa t-tielet l-akbar theddida fid-dinja (Elsner, Atkinson and Zahidi, 2025, p. 77). Akkademiċi bħal Yujie Chen u Rudi Mai (2024, p. 102) qed jappellaw għall-monitoraġġ, ir-riċerka u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-livelli tal-baħar fuq livell reġjonali u globali sabiex jiġu żviluppati miżuri effettivi u jitnaqqsu l-konsegwenzi distruttivi. Fl-istess waqt, Dorbin (2021, p. 64) targumenta li l-ġlieda kontra l-kriżi klimatika mhix biss kwistjoni xjentifika imma immaġinattiva u kulturali, “oceans drive climate, and we cannot address climate change without deep considerations of ocean […] for attention to climate change and sea rise in cultural imaginary as indispensable in considering ocean.” Għaldaqstant, it-traduzzjoni tista’ tintuża biex tqajjem kuxjenza għall-kwistjoni kruċjali u sensittiva bħal-livell tal-baħar, għax it-traduzzjoni mhijiex biss għodda għat-trasferiment tal-kliem, iżda twassal ideat u esperjenzi ġodda lill-qarrejja.

It-traduzzjoni pproduċiet verżjoni qrib tat-TS, u għalhekk m’hemmx ħafna metafori densi għax il-kittieba ma laħħmux il-kitba b’dan il-mod fil-verżjoni Maltija. Antoine Cassar (2009, p. 70) ukoll josserva li, fid-dawl tal-kuntest urġenti li fih kellu jitwassal il-messaġġ, “the authors appear to have consciously sacrificed aesthetics and metaphor in favor of a

clearer message, in contrast to the more dense, probing poetry usually composed by both of them." Għaldaqstant, it-traduzzjoni tenfasizza l-verbi li juru l-azzjoni distruttiva tal-baħar, pereżempju, 'rise higher and higher', 'drowned by waves', 'will be inherited', 'feared the waves', 'swallowing sands', 'the sea, without mercy' u 'feel the sea rising'.

L-Istudji Umanistiċi Blu jħarsu lejn xogħlijiet li ma joffrux ħsibijiet statiċi dwar l-ilma, iżda jippreżentaw proċess dinamiku ta' reazzjoni u interpretazzjoni li l-kumplessità tal-ilma ġġib magħha, "Blue humanities scholars and artists shape our words and images in dialogue with water's physical and cultural instabilities (Mentz, 2024, p. 31)." Għaldaqstant, it-traduzzjoni b'lingwaġġ aħrax kellha tirrifletti l-istess sentiment bħat-TS, li jistgħu jnaffru l-bniedem mill-potenza tan-natura. Fl-istess waqt, jirriflettu l-idea filosofika ta' Emily Brady (2013, pp. 197-202) li tfisser kif ċertu "distanced fear" toħloq relazzjoni estetika-morali, li ssensel responsabbiltà ambjentali fil-qarrejja. Dan il-lingwaġġ jallinja mar-realtà u għażliet lingwistiċi li saħansitra jidhru fix-xogħol ġurnalistiku. Pereżempju, Damian Carrington (2019) spjega kif il-gazzetta *The Guardian* għażlet li tuża terminoloġija aktar qawwija biex tirrifletti s-sitwazzjoni katastrofika pereżempju "climate emergency" minflok "climate change". Fuq dan l-artiklu online, Carrington (2019) qal li l-Editriċi Katharine Viner sostniet "increasingly, climate scientists and organisations from the UN to the Met Office are changing their terminology, and using stronger language to describe the situation we're in."

Din il-linja ta' ħsieb mexxiet it-traduzzjoni għall-Ingliż, u diversi drabi r-rima kellha tiġi ssagrifikata biex ma jkunx hemm logħob bil-kliem u t-tema toħroġ ċara. Il-poeżija konċiża, diretta u effettiva 'Ola Ola Ola' tħaddem l-assonanza fit-tarf tal-versi tat-TS li aktarx tirrifletti l-awmentazzjoni tas-sitwazzjoni, iżda din it-teknika kellha ċċedi fil-verżjoni Ingliża. Terġa' u tgħid, il-fonetika Maltija ta' isem il-poeżija tat-TS tfisser "rise" b'implikazzjoni għal-livell tal-baħar li jissemma espliċitament fil-kitba nnifisha. L-istess isem tħalla fit-TM

għax jinstema' qisu xi alarm bħat-tislima Spanjola "Hola". Dan l-approċċ li jżomm elementi barranin fit-TM jidwi wkoll fi kliem Berman (1985, p. 247) għax jargumenta li t-traduzzjoni ma għandhiex teradika jew tinnewtralizza t-togħma barranija tat-test, "Translation is the "trial of the foreign".

L-idea perpetwa fil-ġabra ta' dan l-influss tal-ilma fuq l-art tirreżona mal-Istudji Umanistiċi Blu u t-Traduzzjoni Ekoloġika li jħarsu lejn approċċ multilingwi biex il-messaġġ jinftiehem. Mentz (2024, p.7) jafferma li l-affari trid tittieħed b'aktar serjetà għax il-kriżi klimatika qed tibla' d-dinja u qed taqleb iċ-ċiklu tal-ilma, "Rising sea levels and high- intensity rainstorms are making our environment wetter. Higher temperatures produce heavier rains since warm air holds more moisture." Għaldaqstant, it-traduzzjoni ta' poeżiji ekoloġiċi tista' tqarreb dawn l-esperjenzi lejn qarrejja madwar id-dinja biex tgħinhom jibdlu l-attitudni tagħhom għax bħalma juri Gengshen Hu (2020, p. 176) "there are countless cases of translated texts changing people's concepts and behaviour and promotion social evolution with translation as the medium."

Din is-sitwazzjoni hija ta' theddida globali għax bħalma jispjegaw Chen u Mai (2024, p. 3) it-temperaturi għoljin qed iġiegħlu l-ilma baħar jespandi bil-konsegwenza li jdubu s- saffi tas-silġ u jiżdiedu mal-volum tal-baħar, tant li jispiċċaw biex jeqirdu l-għajxien tal-komunitajiet kostali:

> As ice sheets gradually merge into the ocean, global sea levels rise year by year, threatening the ecosystems and human settlements in coastal areas. Rising sea levels have led to frequent coastal flooding, eroding coastlines, destroying habitats, affecting fishery resources, and also increasing the risk of storm surges, posing a threat to coastal cities (Chen u Mai, 2024, p. 103).

Dan jaffettwa l-għajxien tal-komunitajiet kostali u saħanistra s-sistema taċ-ċirkolazzjoni tal-oċean minħabba l-influss ta' ilma ġieri, li jista' jimmodifika s-salinità u d-densità tal-ilma baħar (Chen and Mai, 2024, p. 103). Chen u Mai (2024, p.103) jargumentaw

ukoll li, min-naħa l-oħra, iċ-ċiklu tat-temp kollu se jinbidel għax postijiet bl-ilma jkomplu jixxarrbu, u postijiet aridi jkomplu jinxfu, bil-konsegwenza ta' klima li ma tiffunzjonax kif sippost globalment. Għaldaqstant, it-Traduzzjoni Ekoloġika qed timpenja ruħha u tenfasizza l-għaqda bejn iċ-ċiklu organiku tal-baħar u l-art, u turi kif il-lingwa u t-traduzzjoni jistgħu jixprunaw ħsibijiet kritiċi fuq is-suġġett. Naturalment, l-aġir jista' biss inaqqas u mhux jeradika dan il-fenomenu għax bħalma ssostni Naomi Klein (2014, p. 28) "seas would still rise and the storms would still come, but we would stand a much greater chance of preventing truly catastrophic warming."

## 5.4. Il-kuxjenza ekoloġika u implikazzjonijiet politiċi fit-traduzzjoni

Fl-enċiklika tradotta għal diversi lingwi, inkluż għall-Malti - "Laudato si'" - il-Papa Franġisku (2024, p. 7) jenfasizza li n-natura hija "d-dar komuni tagħna." Hu jagħraf li parti mill-kriżi klimatika marbuta mal-ilma hija wkoll "kwistjoni edukattiva u kulturali" (Il-Papa Franġisku, 2024, p. 37). Għaldaqstant, dan jenfasizza l-bżonn ta' bidla fil-mentalità li tittraxxendi l-politika u x-xjenza sabiex il-bniedem ordinarju jintebaħ bil-ġerarkiji li jsuqu d-dinja. F'dan il-kuntest, it-Traduzzjoni Ekoloġika għandha rwol kruċjali għax tixħet dawl fuq il-lingwaġġ simboliku u kritiku tat-TS, u tagħti kas tan-"networks" sottili ta' sinifikat li jsawru xogħol letterarju (Berman u Venuti, 1985, p. 255). Fil-ballata sardonika 'The Ballad of Kiribati' kien saljenti li jinżamm lingwaġġ bħal - 'inherited by the waves', 'economy', 'God's gone crazy', 'smoke', 'the dollar remains strong', 'chase', 'law of nature', 'poor' u 'rich' . Dawn jillustraw il-mentalità dominanti tal-poter li ssuq id-dinja, u fl-istess ħin tindika r-relazzjoni turbulenti bejn in-natura u l-bniedem minħabba r-regħba u l-flus li jgħożżu xi wħud.

It-traduzzjoni kellha żżomm it-terminoloġija ekonomika biex taċċenna għall-kultura kapitalista li b'għamad tilfet il-boxxla ekoloġika. Naomi Klein (2014, p. 10) issostni li l-

fanatiżmu tal-kapitaliżmu bit-tkabbir ekonomiku u l-profitt qed jagħmi lill-kbarat, mhux iħarsu fit-tul u qed jibqgħu jużaw prattiċi distruttivi bħall-karburanti fossili li jaċċelleraw il- kriżi klimatika: "the global economy is upping the ante from conventional sources of fossil fuels to even dirtier and more dangerous versions." Terġa' u tgħid, il-poter jinqeda bir-reliġjon - 'It's not my fault if God's gone crazy'/'And sent waves instead of rain?' – biex ifarfar mir-responsabbiltà politika tal-kriżi klimatika. Għaldaqstant, il-baħar mhuwiex biss entità naturali jew ekoloġika, iżda minsuġ fil-kultura, il-poter u l-ekonomija. L-immaġini tal-baħar mil-lenti tal-politiku tikxef sistema ideoloġika u ekonomika, "The way in which the sea is narrated, perceived, and inhabited is not simply reducible to its ecological aspects, but also belongs to the superstructural realm of culture as productive force in society" (Menozzi, 2020, p. 11).

Din id-diskussjoni tawmenta aktar fit-traduzzjoni tal-poeżija 'The Heat of the President', li hija assenti mix-xbihat marittimi, iżda ġiet tradotta minħabba l-istqarrijiet li jirriflettu l-attitudni li qed teskala u fl-istess waqt qed iddenni s-sitwazzjoni klimatika. Il-kitba tippreżenta ċ-ċaħda tal-problema mill-politiku – 'the climate is not changing, I can feel it myself.' It-traduzzjoni ta' din il-poeżija kienet gwidata mill-għanjiet ekoloġiċi, iżda ma riditx ittaffi t-ton ironiku bi kritika għall-klassi politika. Għaldaqstant, kliem bħal 'ċuċ' – 'idiot' u 'ġaħan' – 'fool', 'ħallina minnek' – 'oh forget it', seta' tilef xi ftit mill-piż umoristiku li jrendi fil-kuntest politiku Malti, iżda aktarx jevoka reazzjoni simili f'qarrejja oħra madwar id- dinja.

It-ton sarkastiku jieħu aktar saħħa meta jsemmi 'this climate of sweet democracy,' li tilgħab bil-kelma 'klima' – 'climate' jew il-mistoqsijiet retoriċi li jirriduċu l-gravità tas-sitwazzjoni, 'Doesn't the sun still shine from the morning?'. It-traduzzjoni tal-vers tixħet dawl fuq id-demokrazija u l-funzjoni tagħha fir-rigward tal-kriżi klimatika. Povitkina (2018,

p. 412) targumenta li l-mexxejja demokratiċi huma suxxettibbli ħafna għall-influwenzi mill-interessi tal-privat, ħafna drabi a skapitu tal-ambjent. Lil hinn minn dan, il-korruzzjoni timmina l-ward li jista' jberkel mid-demokrazija, u tintensifika l-ħsara ekoloġika (Povitkina, 2018, p. 416).

It-traduzzjoni tal-poeżija ironika għall-aħħar, 'Cut a Flower and Build a Room', toħroġ rabja kbira għall-ispekulaturi li jipprivatizzaw l-ambjent marittimu b'detriment tal-bijodiversità u l-ekosistema. L-Istudji Umanistiċi Blu jikkundannaw dan l-aġir ukoll għax iħarsu lejn il-baħar bħala spazju estensiv fejn jinsab il-legat u jissawru l-identitajiet tal-kultura umana (Mentz, 2024, p. 3). Il-frustrazzjoni li tispikka fil-poeżija tasal bil-kontradizzjoni, l-ironija u r-rima li aktarx ittaffew ftit bit-traduzzjoni, iżda l-għan ekoloġiku tat-TS baqa' fiċ-ċentru tax-xogħol tat-TM. L-aktar strofa pertinenti bix-xbihat tal-baħar hija din li ġejja:

*Tabella 2: Tliet strofi misluta mill-poeżija li huma marbuta mal-isfreġju ambjentali*

| **Immanuel Mifsud<br>Aqta' Fjura u Ibni Kamra,<br>Jew iċ-Ċajta tad-Dollaru** | **Trad.<br>Cut a Flower and Build a Room,<br>Or the Joke of the Dollar** |
|---|---|
| [...]<br>Dur mal-kosta, fittex rokna;<br>Arma boathouse fuq il-blat;<br>Anki 'l-baħar agħmel tiegħek<br>U ħallik mill-pixxispad.<br><br>Tagħtix kas li l-baħar tiela'-<br>Itla' fl-għoli anki int:<br>Bnejt it-torri, itla' fuqu,<br>Ibda gawdi dak li ħdimt.<br><br>Issa isma' x'qed jgħidulek:<br>Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.<br>Hemm ftit metri ħdejn il-villa,<br>Li kont minnek nibni pool.<br>[...] | [...]<br>Search the coast, find a spot;<br>Set up a boathouse on the rocks;<br>Use the sea, make it yours<br>And don't bother with the swordfish.<br><br>Ignore the rising seas –<br>Even you should move up high:<br>Enter the tower that you've built,<br>And enjoy what you've worked for.<br><br>Now listen to what they're telling you:<br>Don't be near the sea for long.<br>There's a few meters by the villa<br>If I were you, I'd build a pool.<br>[...] |

Dawn iż-żewġ strofi jixhdu li t-traduzzjoni ħaddmet ir-rima minimament biex iżżomm l-istess sens u tibqa' ħarira mużikali biex eventwalment jispikkaw il-protagonisti: l-ispekulaturi u politiċi ekoloġikament insensittivi minħabba l-għamad ekonomiku. Il-mużikalità baqgħet f'versi bħal 'rise up high, touch the sky', fejn intużat 'sky' minflok 'cloud' biex tinħoloq ir-rima interna. Ċertu kliem bħal 'rokna' li litteralment tiġi tradotta għal 'corner' - ġie tradott bħala 'spot' biex tiġi enfasizzata l-kilba għal kull tip ta' spazju, żgħir kemm hu żgħir. Terġa' u tgħid, 'spot' tirreferi għal kwalunke spazju ċkejken li seta' kien ukoll il-ħabitat ta' xi speċi marittimi. It-traduzzjoni tat kas ta' dawn id-dettalji għax sitwazzjonijiet bħal dawn ilhom snin jimmultiplikaw irwieħhom f'diversi bnadi tad-dinja. Riċentament, attivisti ambjentali minn Ibiża wissew kontra l-proġett massiċċ f'Kemmuna qabel ma ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar. Dawn sostnew li f'Ibiża batew ħafna minħabba proġett tal-istess kumpanija u wissew fuq il-ħrafa tal-wegħdiet sostenibbli li huwa xejn għajr detriment għall-bijodiversità (Cilia, 2025).

Dan id-diskors jista' jaqa' wkoll fil-kwadrett tal-Istudji Umanistiċi Blu u t-tibdil fil-klima. Bennett et al. (2015, p. 63) jispjegaw li jista' jagħti l-każ li wħud jinqdew bil-kriżi ekoloġika għall-iżvilupp jew it-teħid tal-baħar – "ocean grabbing". Dan għaliex jista' jkun hemm motivazzjoni ambjentali li tiġġustifika r-restrizzjoni f'post partikolari, "the main drivers of ocean grabbing are: global demands, development pressures, local demography, financial markets, political processes, global environmental change and environmental declines" (Bennett, Govan and Satterfield, 2015, p. 63). Madankollu, dawn jistgħu jwasslu għat-teħid tal-ġid komuni mill-komunitajiet lokali, speċjalment jekk fil-proċess politiku ma jiġix ikkonsultat il-pubbliku. Aktar minn hekk, it-Traduzzjoni Ekoloġika tista' tesponi lill-qarrejja għal dawn ir-realtajiet, imma tħeġġiġhom ukoll jagħżlu b'mod kritiku, ideoloġiku u etiku, pereżempju billi joqogħdu b'seba' mitt għajn għar-retorika ta' sostenibbiltà marittima li sservi l-interessi tan-neoliberaliżmu. Dorbin (2021, p. 227) ukoll tisħaq li l-arti tinseġ il-

perspettiva tal-baħar, "blue ecocriticism engages with the cultural and textual manifestations of representations of ocean in order to expand ecocriticism's engagement with one of the Earth's most substantial environments, which also faces some of the most pressing environmental crises on the planet."

Id-diskussjoni preċedenti timmarka li t-traduzzjoni hija saljenti għall-kollaborazzjoni biex il-qarrejja jifhmu l-preokkupazzjonijiet ta' nies minn ġnus differenti. Terġa' u tgħid, hija fundamentali għax tirrifletti r-realtà li qed jgħixu n-nies madwar id-dinja, u saħanistra tiġi diskussa bejn nies minn pajjiżi differenti. Pereżempju, f'Marzu tal-2025, saret konferenza nazzjonali f'Napli dwar il-"mare libero" jew bil-Malti, "baħar ħieles." Il-Kap tal-Partit tal-ADPD - Malta's Green Party, Sandra Gauci (ADPD, 2025), tkellmet bit-Taljan f'isem Malta kontra l-privatizzazzjoni tal-kosta Maltija u kkritikat l-artifiċjalità bħall-pixxini li qed jieħdu post in-natura, "La gente che hanno deciso di venire ad abitare a St. Pauls' Bay, dove sono consigliera comunale, lo hanno fatto ovviamente per il mare. Ma col tempo, questo privilegio si sta riducendo, diventando sempre più piccolo, e con esso diminiusce anche la qualità della nostra vita." [1] Aktar minn hekk, l-istqarrija bit-Taljan tixhed ukoll l-importanza tal-multilingwiżmu għall-kollaborazzjoni ambjentali.

Diversi politiċi jibqgħu jiċħdu l-isfida tal-kriżi klimatika minħabba l-ideoloġija politika u ekonomika tan-neoliberaliżmu. Madankollu, bosta oħrajn jinnegaw il-problema għax tinħass diffiċli u kumplessa biex jibqgħu aġġornati kontinwament, "climate change is like that; it's hard to keep it in your head for very long. We engage in this odd form of on-again-off again ecological amnesia for perfectly rational reasons. We deny because we fear that letting in the full reality of this crisis will change everything. And we are right." (Klein,

[1] Traduzzjoni għall-Malti: "In-nies li jiddeċiedu jiġu jgħixu San Pawl il-Baħar, fejn jiena membru tal-Kunsill Lokali, jagħmlu hekk ovvjament minħabba l-baħar. Iżda, maż-żmien, dan il-privileġġ beda jonqos, u kulma jmur jiċkien, u ma' dan bdiet tonqos ukoll il-kwalità tal-ħajja".

2014, p. 12). Madankollu, it-traduzzjoni ta' poeżija b'kuxjenza ekoloġika jista' jkollha sehem saljenti biex tqawwi qalb in-nies ħalli jaħdmu favur din il-kawża. Aktar minn hekk, it-traduzzjoni tista' tingħaqad f'kostellazzjoni mas-sehem tas-soċjetà ċivili jew l-attivisti li għandhom irwol importanti biex jixħtu kwistjonijiet ambjentali fuq quddiem tal-aġenda u jaddottaw politiki ambjentali (Povitkina, 2018, p. 412).

It-traduzzjoni tal-poeżija 'Todo Relación' pruvat toħroġ l-essenza tal-messaġġ tagħha, speċjalment it-ton emozzjonali, ix-xbihat ekoloġiċi u l-vuċi spiritwali. L-isem tal-poeżija tħalla bl-Ispanjol ukoll għaliex jerħi r-reżonanza interkulturali, u l-interdipendenza globali tal-kriżi klimatika. Minkejja l-assenza tax-xbihat tal-baħar – li huwa element wieħed tad-dar komuni – il-poeżija turi l-interdipendenza bejn il-bnedmin, in-natura, l-antenati u l-ispiritwalità. It-traduzzjoni riedet toħroġ l-element ta' natura minaċċjuża li tilfet il-kontroll, pereżempju r-repetizzjoni fil-vers 'not with silence, not with heart, not with weeping' tħalli l-enfasi fuq ix-xita bla lġiem. Il-personifikazzjoni fil-poeżija bil-Malti 'U stennejna l-għadira tifrex dirgħajha twal' kellha twassal l-istess sentiment ta' estensjoni, 'And we waited for the waters to stretch out their arms'. Il-personifikazzjoni tal-għargħar tissuġġerixxi forza attiva li tkaxkar kollox, li timplika wkoll kritika lejn l-antropoċentriżmu.

Il-forza fluwida distruttiva fil-poeżija qed teqred il-komunitajiet agrikoli li qed jistaqsu quddiem il-forzi qerrieda tan-natura lil siti sagri 'Titicaca', il-forzi kożmiċi ('sema' ) u l-antenati tagħhom, li juru umani b'sens ta' responsabbiltà għan-natura. Madankollu, il-vers 'we asked how we'd violated the ancient pact / that binds us' jimplika li l-armonija bejn l- elementi tan-natura sfrakassata, aktarx minħabba l-isfruttament ambjentali, l-iskuża tal- progress u n-nisi tal-għerf tal-qedem. Barra minn hekk, it-traduzzjoni 'ancient' għal 'ewl id- dinja' riedet tidwi din il-kwalità sagra u perenni li tixref fil-verżjoni Maltija.

L-isem Spanjol tal-poeżija jinnaviga l-ħsieb f'territorju ta' kelliema Spanjoli u jimmanifesta l-lessiku misjub f'poeżija bħal 'Pachamama', u jittrasporta lill-qarrejja qalb il-komunitajiet indiġeni fl-Amerika Latina, fejn jemmnu fl-armonija bejn il-ħlejjaq kollha u l-ħolqien. Pereżempju, il-kostituzzjoni tal-Ekwador tiddikjara li l-iżvilupp għandu jsegwi l-prinċipji ta' Buen Vivir, li jitlob rispett għal Pachamama li tfisser omm l-art. Din hija parti mill-qafas etiku li jagħti d-drittijiet legali lin-natura biex jirrikonoxxi li n-natura għandha l-valuri fiha nfisha, u mhux biex tiġi utilizzata mill-bniedem biss (Gudynas, 2011, p. 443). Għaldaqstant, l-effetti tat-tibdil fil-klima jħarsu lejh bħala "l-ksur ta' din l-armonija [...] riżultat tal-imġiba ħażina tal-bniedem fuq livell individwali" (Grima, 2008, p.59). Il-vers 'todo es rito, todo es armonìa' (kollox ritwal, kollox armonija) jidwi n-natura intima bejn il-bnedmin u n-natura.

It-traduzzjoni tal-poeżija turi li l-ilma qed jaħfen u jikkonsma l-kosta u l-għelieqi; 'swallowing the coasts and the fields' tevoka l-imprevedibbiltà tan-natura minħabba l-għargħar jew il-maltempati bl-effett tal-kriżi klimatika, li huma intensifikati wkoll bl-espansjoni tal-baħar. Għaldaqstant, '*todo es rito, todo es armonìa*' tista' tiġi interpretata bħala talba għall-bilanċ bejn il-bnedmin u n-natura qabel ma l-konsegwenzi bħall-għargħar jew iż-żieda tal-livell tal-baħar ikunu irriversibbli. Il-fluwidità eċċessiva bil-livell tal-baħar u x-xita qawwija jistgħu jeqirdu l-agrikoltura u għalhekk l-għajxien tal-komunità. Għaldaqstant, ix-xita li tiġi ppercepita bħala element ta' riġenerazzjoni, daqstant ieħor tista' tkun distruttiva bl-eċċessività tagħha meta jitfixkel iċ-ċiklu tan-natura, u n-nuqqas tagħha, li jwassal għad-deżertifikazzjoni, jista' jkun detrimentali wkoll. It-traduzzjoni ta' din il-poeżija li tinsab assenti mix-xbihat tal-baħar hija ugwalment importanti għax ix-xita tagħmel parti miċ-ċiklu akkwatiku tal-globu li huwa enfasizzat fl-Istudji Umanistiċi Blu, "the blue humanities invites a relational aqueous ontology in which salt waters and freshwaters are seen as integral parts

of all planetary water ecologies with their co-constitutive and dynamic relationalities (Oppermann, 2023, pp. 9–10).”

## 5.5. Ħajjiet bejn sema u ilma

It-traduzzjoni tal-poeżiji trendi wkoll l-effetti soċjoekonomiċi u kulturali minħabba l-kriżi klimatika, speċjalment minħabba ż-żieda fil-livell tal-baħar. Din hija veduta saljenti għall-Istudji Umanistiċi Blu li jħarsu lejn il-baħar mill-aspett soċjokulturali, estetiku u letterarju, fost oħrajn (Oppermann, 2023, p. 1). Chen u Mai (2024, p. 102) u Dorbin (2021, p. 63) isostnu li l-livell għoli tal-baħar mhuwiex biss problema ambjentali globali iżda sfida soċjoekonomika kumplessa b’dimensjonijiet kulturali, politiċi, soċjali u etiċi. Bl-istess mod, l-enċiklika tal-Papa Franġisku (2024, p. 32) taċċenna li l-kriżi klimatika hija problema globali “b’implikazzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, distributtivi u politiċi kbar.” Għaldaqstant, fil-paragrafi segwenti mhux se jiġu analizzati x-xbihat tal-baħar, iżda l-effetti u l-piż li jkollhom iġorru l-komunitajiet minħabba x-xejriet trasformattivi tiegħu.

*Tabella 3: Żewġ strofi misluta mill-poeżija b’rabta mal-ekoloġija u l-emigrazzjoni*

| **Immanuel Mifsud**<br>**Il-Ballata tal-Kiribati** | **Trad.**<br>**The Ballad of Kiribati** |
|---|---|
| [...]<br><br>L-armamenti l-importanti;<br>Illi d-dollaru jkun sod.<br>Misskom taqbdu erba’ dgħajjes<br>U ssalpaw xi mkien ’il bogħod.<br><br>[...]<br><br>Tkomplux twerżqu, tkomplux tgergru,<br>Offrejtilkom soluzzjoni:<br>Aqbdu d-dgħajjes u ibdew aqdfu,<br>Agħmlu ġieħ ’l-emigrazzjoni. | […]<br><br>The weapons are important;<br>That the dollar remains strong.<br>You should grab some boats<br>And sail to somewhere far away.<br><br>[…]<br><br>Stop your shouting and grumbling,<br>I’ve offered you a solution<br>Grab those boats and start to row,<br>Honour emigration. |

Dawn iż-żewġ strofi jixhdu l-migrazzjoni sfurzata li qed jaffaċċjaw il-komunitajiet kostali f'Kiribati minħabba l-kriżi klimatika. It-traduzzjoni għandha l-għan li tirriproduċi t-ton arroganti u pompuż tal-klassi politika, li l-unika soluzzjoni li toffri għall-komunitajiet indiġeni hija li jsalpaw minn għeruqhom – 'You should grab some boats / And sail to somewhere far away'. Terġa' u tgħid, it-ton dirett jinżamm fit-traduzzjoni biex il-migrazzjoni sfurzata tiġi gglorifikata b'mod ironiku u fl-istess ħin ikkritikata 'Honour emigration'. Kien jeħtieġ li jinżamm ukoll l-aspett tanġibbli tat-tluq – 'grab those boats and start to row' biex l-attività tikkonkretizza ruħha u tirrifletti s-sens ta' urġenza.

It-traduzzjoni għażlet li tibqa' viċin it-TS minħabba s-sitwazzjoni urġenti fir-Repubblika ta' Kiribati li tgħajjex ftit aktar minn 100,000 ruħ (Dorbin, 2021, p.65). Skont Dorbin (2021, p. 65) l-ebda mill-gżejjer f'Kiribati ma huma għoljin aktar minn sitt piedi 'l fuq mil-livell tal-baħar, u xi gżejjer jafu jegħrqu sal-2050 jew ikunu inabitabbli mitt sena oħra. L-attenzjoni kemm-il darba tinxteħet fuq il-Paċifiku għax huwa wieħed mill-aktar eżempji tanġibbli tal-effetti tal-kriżi klimatika, iżda Blanfuné et al. (2023, p. 13) juru li effetti simili diġà qed jinħassu fuq l-ekosistema Mediterranja:

> The media and scientists often rightly draw the attention of the public to the flooding of Pacific attols and the States that are affected as a result. It is also worth drawing attention to the fate of the Mediterranean. L. bysoides algal rims, an ecosystem endemic to the Mediterranean Sea, and to its possible forecast collapse; if so it would be the first case worldwide of marine ecosystem collapse resulting, indirectly, from global warming and man-induced global change (Blanfuné et. al, 2023, p.13).

L-immaġini fiż-żewġ verżjonijiet turi li l-irbit tal-komunità indiġena ma' art twelidha – identità msejsa fuq gżira – ikollha tinħall. Serpil Oppermann (2023, p. 6) spjegat li l-Istudji Umanistiċi Blu jgħinu l-bniedem jara, iħoss u jirrispondi għat-theddida li qed tħabbat wiċċha magħha l-ħajja marittima, "situating our thinking within the crises-ridden and traumatized

Anthropocene seas." Għaldaqstant, traduzzjoni ta' poeżija bħal din tberraħ l-esperjenza ta' nies li jiġu sfurzati jemigraw bit-tama li jgħixu f'postijiet aħjar kemm fl-istess pajjiż jew f'ieħor differenti (Ghosh, 2023, pp. 2–3). Huwa mifhum li l-emigrazzjoni tranżnazzjonali tista' tagħti lok għal kunflitti, insigurtà, diskriminazzjoni, esklużjoni soċjali u anke kwistjonijiet oħra (Ghosh, 2023, p. 3). Għaldaqstant, it-traduzzjoni ta' poeżiji bħal dawn hija importanti biex komunitajiet differenti fid-dinja jqarrbu t-tbatijiet tan-nies, "it is significant to withdraw the language barrier and inform the community with understandable information in their languages to solve climate change" (Adhami, 2023, p. 56).

L-għajxien tal-komunitajiet madwar id-dinja, speċjalment pajjiżi dipendenti mis-sajd u t-turiżmu, jiġi affettwat bil-kbir minħabba l-kriżi klimatika bħalma jidher fil-poeżiji 'Il-Ballata ta' Kiribati' u 'Tal-Ġelati', u fit-traduzzjonijiet tagħhom.

*Tabella 4: Versi minn żewġ poeżiji b'rabta mal-ekoloġija u l-effetti soċjoekonomiċi*

| **Immanuel Mifsud**<br>**Il-Ballata tal-Kiribati** | **Trad.**<br>**The Ballad of Kiribati** |
|---|---|
| X'jifhmu dawn il-ftit sajjieda? | What do these few fishermen know? |
| **Adrian Grima**<br>**Tal-Ġelati**<br>**jew it-tropikalizzazzjoni tal-Mediterran*** | **Trad.**<br>**The Ice-Cream Van**<br>**or the tropicalisation of the Mediterranean*** |
| mhux jiġu t-turisti, bil-ġilda ġa roża,<br>bl-umbrella tal-kiri, bit-tifel jippoża,<br>bis-sunblock jiddewweb<br>taħt xemx tarmi r-raġġ' ultra vjola. | tourists aren't coming, with their already pink skin,<br>under rented umbrellas, with a posing son,<br>and melting sunblock<br>beneath a sun emitting ultraviolet rays. |

It-ton patronizzanti tal-kbarat jiġi pproġettat fit-traduzzjoni biex juri ż-żeblіħ u l-insensittività fuq il-bniedem ordinarju, il-ħaddiem, li ħajtu tispiċċa mdendla minħabba li s-settur ta' xogħlu jkun mhedded. Huwa magħruf ukoll li l-aktar nies milquta huma fqar, l-

inqas nies li jikkontribwixxu għall-gassijiet serra u ma għandhomx mezzi biex jikkumbattu l-konsegwenzi tal-kriżi klimatika (Maharaj, 2024, p. 174).

It-turiżmu aktarx huwa pilastru ekonomiku ieħor f'pajjiżi mdawrin bil-baħar bħall-gżejjer fil-Paċifiku, u f'oħrajn, bħall-Mediterran. Fil-poeżija tradotta 'The Ice-Cream Van or the tropicalisation of the Mediterranean*' joħroġ sentiment ta' diqa minħabba l-katastrofi ambjentali li qed taffettwa l-kwalità tal-għajxien tan-nies. Kien importanti li t-traduzzjoni tkun ċara bħat-TS, 'tourists aren't coming,' u minkejja li mhijiex xbieha tal-baħar, hija effett tal-katastrofi ambjentali. Susan Becken u John Hay (2012, p. 23) sostnew li l-Mediterran ġibed l-attenzjoni minħabba li huwa wieħed mill-aktar destinazzjonijiet popolari fid-dinja għat-turiżmu u kulma jmur qed iqum tħassib li l-klima fir-reġjun se tiġi "sħuna żżejjed". Skont Mentz (2024, p. 135), f'din l-era aktar nies qed jagħżlu li jqattgħu l-ħin liberu tagħhom ħdejn il-baħar, iżda "sea level rise and warming-fueled storms today suggest that the twenty-first century desire to live and play near the shore is coming into conflict with the dynamic instabilities of environmental crisis." Jista' jkun li xi destinazzjonijiet – bħal dawk Mediterranji – ikollhom xi ċaqliq fil-popolarità tal-istaġuni, pereżempju n-nies af jibdew iżuruhom l-aktar fir-rebbiegħa u l-ħarifa (Becken and Hay, 2012, p. 23). Riċentament, ġie rrappurtat li f'Malta t-turiżmu żdied ħafna fi Frar, li s-soltu huwa meqjus bħala xahar kajman għat-turiżmu (Cordina, 2025). Dan jista' jkun sinjal li t-turisti qed jippreferu t-tali staġun minħabba l-klima, iżda dan il-punt ma ssemmiex. Ħaġa intriganti fix-xena lokali hija li fit-tmienja u ħamsin paġna ta' Strateġija Maltija għat-Turiżmu 2021-2030, it-tibdil fil-klima huwa rikonoxxut, iżda l-baħar u l-livell tiegħu ma jissemmew imkien, li hija ta' tħassib għal gżira ċċirkondata bil-baħar innifsu (Malta Tourism Authority, 2021).

It-traduzzjoni qed turi l-effetti soċjoekonomiċi marbuta mal-baħar għaliex jaffettwaw l-għajxien ta' bosta individwi, u għaldaqstant qed tiġi pperpetwata l-funzjoni utilitarja u

ekonomika tiegħu. Bħalma ssostni Dorbin (2021, p. 3), il-valur tal-baħar ħafna drabi jiġi ridott f'għodda għall-bniedem, għal wieħed li jinsab viċin il-kosta "ocean-adjacent values" li jidhru f'aktar minn 200 miljun impjieg globalment li huma marbuta mal-baħar, bħas-sajd, it-turiżmu, l-ivvjaġġar, it-trasport marittimu u l-produzzjoni tal-enerġija. Madankollu, it-traduzzjoni tiftaħ id-djalogu għat-tħassib ekoloġiku nnifsu minħabba l-ekosistema tal-baħar.

*Tabella 5: Strofi misluta minn żewġ poeżiji relatati mal-ekosistema tal-baħar*

| **Adrian Grima**<br>**Tal-Ġelati**<br>**jew it-tropikalizzazzjoni tal-Mediterran*** | **Trad.**<br>**The Ice-Cream Van**<br>**or the tropicalisation of the Mediterranean*** |
|---|---|
| Il-baħar qed jogħla, qed jibla' r-ramliet,<br>fejn bejtu minn dejjem il-fkieren<br>li jieklu mill-bram bil-mijiet.<br>Il-baħar qed jisħon, qed jikber, u miegħu<br>Il-bram qed jiżdied; | The sea is rising, swallowing sands,<br>where turtles have always laid their eggs<br>and eaten jellyfish by the hundreds.<br>The sea is warming, expanding, and with it<br>the jellyfish multiply; |
| **Immanuel Mifsud**<br>**Aqta' Fjura u Ibni Kamra,**<br>**Jew iċ-Ċajta tad-Dollaru** | **Trad.**<br>**Cut a Flower and Build a Room,**<br>**Or the Joke of the Dollar** |
| U jaqbillek tinsa l-baħar<br>Għax mid-dehra tah tal-qamar:<br>Tmurx fix-xemx u tmurx fid-dlam<br>Għax imtela tilja bram. | And you'd better forget the sea<br>Cause it seems to be going crazy:<br>Don't swim in the sun, don't swim in the dark<br>For it's full to the brim with jellyfish. |

It-traduzzjoni tal-poeżija ttella' fil-wiċċ it-tħassib ekoloġiku relatat mal-ekosistemi tal-baħar ukoll. Andrea Bryndum-Buchholz et al. (2019, p. 460) jispjegaw li l-akbar tibdil minn dan il-lat jibdel il-produttività tal-oċean u d-distribuzzjoni tal-ispeċi fuq skala lokali u globali. Terġa' u tgħid, il-ħafna speċi fl-ibħra magħluqa bħall-Mediterran u l-Baltiku mistennija jonqsu fiż-żmien li ġej (Bryndum-Buchholz et al., 2019, p. 460). Nikolaos Simantiris (2024, p. 2) jgħid li t-tibdil fil-klima huwa rrappurtat bħala wieħed mill-akbar theddidiet għall-konservazzjoni u s-sostennibbiltà tal-fkieren tal-baħar li taffettwahom f'kull stadju taċ-ċiklu ta' ħajjithom, u kemm fil-ħabitat marittimu kif ukoll kostali. Għaldaqstant, il-vers fil-poeżija "The Ice-Cream Van" li ġie tradott bħala 'The sea is rising, swallowing sands

/ where turtles have have always laid their eggs' jidħol f'dan id-djalogu u t-traduzzjoni aktarx proġettat is-sens ta' diqa li titnissel mis-sitwazzjoni prekarja minħabba l-livell tal-baħar.

L-urġenza tal-kollass ambjentali ngħatat prijorità fit-traduzzjoni għax tirrifletti realtà. Il-postijiet li jbejtu fihom il-fkieren jiġu affettwati ferm, u minħabba l-espansjoni tal-baħar huwa mistenni li ħamsin fil-mija ta' dawn is-siti jinqerdu (Simantiris, 2024, p. 2). Simantris (2024, p. 2) isostni li ambjenti liminali fejn ibejtu, bħall-bajjiet, huma mogħnija bit-tensjoni bejn l-ilma li tiela' u l-użu tal-art. Fis-sajf tal-2024, ġie rrappurtat li l-ħafna mill-fkieren li bejtu u faqqsu fuq ix-xtut Maltin urew tendenzi ta' bidla fiċ-ċaqliq tal-fkieren (Balzan, 2024). Barra minn hekk, il-poeżiji tradotti jagħtu ħjiel tal-katina tal-ikel li qed tiġi affettwata wkoll minħabba li jissemma ż-żieda tal-bram f'żewġ poeżiji – 'the jellyfish multiply' ['The Ice-Cream Van'] u 'For it's full to the brim with jellyfish' ['Cut a Flower and Build a Room'].

Id-dieta tal-fkieren tinkludi l-bram, l-alka u l-plankton, fost elementi oħra (Simantiris, 2024, p. 8). B'hekk, dawn il-versi żgħar jenfasizzaw li ġaladarba jonqsu l-fkieren, il-bram se jimmultiplika. Ta' min jinnota li dan tal-aħħar ma jiżdiedx biss minħabba t-tibdil fil-klima, iżda anki minħabba fenomeni oħra bħas-sajd eċċessiv u t-tniġġis, "other potential causes of jellyfish blooms might include pollution, overfishing and decline of jellyfish predator such as turtles and medusivorous species" (Ciantar, 2012, p. 1). Skont Rosie Frost (Euronews, 2024), it-tibdil fil-klima qed ipoġġi speċi bħall-fkieren taħt pressjoni, iżda jidher li d-destin tal-bram huwa differenti għax jista' jżid il-ħabitats tiegħu, "all of these factors could mean a shift from a diverse marine ecosystem dominated by fish to an ocean full of jellyfish."

## 5.6. Konklużjoni

Iż-żewġ verżjonijiet tal-poeżiji kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż mill-ġabra *Riħ min-Nofsinhar* jistgħu joħolqu pont soċjali, politiku u kulturali essenzjali bejn komunitajiet

differenti madwar id-dinja, billi jleħħnu l-impatt devastanti tal-kriżi klimatika, speċjalment minħabba ż-żieda tal-livell tal-baħar. It-traduzzjoni ta' poeżiji ekoloġiċi ma tittrasferix biss il-kliem, iżda hija għodda essenzjali biex jiġu aggregati l-isferi ekoloġiċi, soċjali u kulturali billi jinħoloq djalogu globali dwar il-kriżi ekoloġika. Huwa kruċjali li l-baħar ma jiġix mifhum biss bħala riżorsa ekonomika, iżda bħala element li jagħti identità lil bosta komunitajiet. Għaldaqstant, it-traduzzjoni mhix biss eżerċizzju letterarju sempliċi, iżda qed taqdi rwol globali b'interess ekoloġiku u soċjali. B'hekk it-traduzzjoni turi li l-ideat ta' awturi lokali jistgħu jkunu parti mid-djalogu ekoloġiku mal-globu.

# 6. Il-kullana tal-iġsma fluwidi

## 6.1. Daħla

Dan il-kapitlu se jistħarreġ it-traduzzjoni ta' xi poeżiji kontemporanji li jużaw ix-xbieha tal-baħar bħala mezz li jberraħ diversi kundizzjonijiet umani. Il-poeżiji ta' Elizabeth Grech fil-ġabra *bejn baħar u baħar* ġew tradotti minn Irene Mangion fil-ġabra *Between Seas* ħlief għal erbgħa minn Albert Gatt, u l-poeżiji ta' Leanne Ellul ġew tradotti minn Albert Gatt. Il-kriżi klimatika mhijiex fiċ-ċentru tal-arti tagħhom, iżda t-twaħħid tal-lingwaġġ marittimu mas-sentimenti umani jista' jnissel reverenza lejn l-element filwaqt li jista' jġiegħel lill-qarrejja madwar id-dinja jħarsu lejh b'sens ta' responsabbiltà. Il-pinna tagħhom tidwi lil Steve Mentz (2024, p. 3) li jsostni, "for literary writers and scholars, the ocean seems especially attractive because of its metaphorical vastness." L-għażliet li jagħmlu t-tradutturi huma parti integrali mill-analiżi li se juru tendenzi differenti bħal dawk tal-femministi postumanisti. Għaldaqstant, l-analiżi se tgħarbel kif it-traduzzjoni ta' dawn il-poeżiji twassal is-simboliżmu tal-baħar u l-ekosistemi tiegħu, fid-dawl tal-Istudji Umanistiċi Blu u t-Traduzzjoni Ekoloġika.

## 6.2. Ġestazzjoni akkwatika perenni

*Tabella c: Il-poeżija mill-ġabra* bejn baħar u baħar *u t-traduzzjoni tagħha minn* Between Seas

| **Elizabeth Grech**<br>**baħar** | **Irene Mangion**<br>**Sea**[2] |
|---|---|
| Inbill is-swaba' ta' saqajja<br>fik<br>u int,<br>tbaħbaħli ħsibijieti,<br>tlaħlaħli dmijieti. | I dip my toes into you<br>and you<br>splash my thoughts with water,<br>rinse my tears away. |

[2] It-titlu tal-poeżiji ġie ppubblikat b'ittri kapitali, u t-tul tal-versi tat-TM mhux dejjem jikkorrispondi ma' tat-TS. Dan japplika għall-poeżiji kollha tal-istess ġabra.

| | |
|---|---|
| Nixxaħxaħ fik<br>u niled<br>il-ġwienaħ<br>f'dahri. | Lulled by you<br>I sprout<br>wings<br>on my back. |

Iż-żewġ verżjonijiet  tal-poeżija 'baħar'/'sea' jtellgħu fil-wiċċ il-qawwa katartika tal-ilma baħar b'allużjoni għan-natività u l-ispiritwalità. L-assoċjazzjonijiet jinfurzaw l-irwol arketipali tal-ilma fil-ġenesi tal-ħajja – embrijoniku u universali – u jpinġuh bħallikieku l-esperjenza hija ritwal tal-purifikazzjoni bħall-magħmudija fejjieda. Michel Odent (1993, p. 187) isostni li r-reliġjonijiet kollha jinqdew bis-simboliżmu tal-ilma bħall-magħmudija, u jħares lejn il-qrubija mal-femminilità u l-maternità wkoll, "water has always been a feminine symbol; water is a symbol of the mother." Alexis Wick (2013, pp. 54–55) jesprimi fehma simili meta jaċċenna għall-assoċjazzjoni bejn in-nisa u l-ilma li hija ffossilizzata fl-immaġini tal-Punent, "the aquatic is female, because the womb is the ocean: both are motherly givers of life, the one ontogenetic, the other phylogenetic." Femministi bħal Luce Irigaray u Hélène Cixous (1976, p. 889) riedu jħarbtu l-assoċjazzjoni tal-baħar mal-fekundità, tant li din tal-aħħar riedet tawmenta l-metafora tal-baħar għall-kreattività femminili u forma ta' kitba li toħnoq l-eġemonija patrijarkali mingħajr strutturi riġidi biex tiżviluppa l-aġenzija tagħha, "we are ourselves sea, sand, coral, seaweed, beaches, tides, swimmers, children, waves… More or less wavily sea, earth, sky – what matter would rebuff us? We know how to speak them all."

Din l-idea femminista titfaċċa fil-kitbiet u t-traduzzjoni ta' *bejn baħar u baħar* u saħansitra l-baħar jintuża biex il-persona li hija mara tiġi mifhuma minn dak li aktarx huwa s-sieħeb tagħha, pereżempju, 'You loved me / a wave / tranquil or tempestuous' ['ħabbejtni'/'You loved me'],  'I would like to plunge into the gorge / between your neck and your shoulder' 'traċċi' / 'traces'], 'tal-baħar imċaqlaq f'ġufi / on the choppy sea of my

womb.' Għaldaqstant, il-lat femminist b'relazzjoni mal-baħar ta' Grech jibqa' jidher fit-traduzzjoni, anki fil-poeżija 'Fifteen minutes' meta 'ġufha vojt iperper / her vacated womb relaxes' jistrieħ bil-moviment kajman tal-mewġ. Il-poeżija 'ix-xemx torqod fil-baħar / The sun sleeps in the sea' wkoll tberkel din l-idea għax is-suġġeriment onejriku lill-wild jimplika li s-serħan se jsibu fi spazju simili għall-ġuf, 'smell the sound of the waves / hugging the shore before parting with it.' Terġa' u tgħid, is-sibilanti fit-traduzzjoni żżid il-ħoss terapewtiku li għandu jninnih waqt l-irqad bl-istħajjil ta' vjaġġ marittimu. Dan jidwi lil Sigmund Freud bl-assunzjoni li l-ħolm bl-ilma jissimbolizza t-twelid u l-maternità għax is-soljiev jinstab f'ambjent simili għall-fetu. Marlene Dirschauer (2023, p. 137) turi li "when [Freud] connects dreams of water with birth; his concept of "oceanic feeling," describing the primitive ego-feeling where the self experiences itself in quasi-religious unity with the world, is similarly linked to the mother's body." Madankollu, dan jafferma l-argument ta' Dorbin (2021, p. 62) għax turi li f'diversi istanzi l-esperjenza tal-baħar tiġi imposta minn fuq l-art, "by way of shorlines, islands, reefs, beaches, trenches."

Madankollu, it-traduzzjoni ta' 'baħar' aktarx tinħall mill-irbit mal-maternità għax it-TS jalludi għall-ispirtu riġenerattiv tal-baħar bil-verb 'niled' (to give birth) mentri t-traduzzjoni tħoll l-assoċjazzjoni mal-fekundità bil-verb 'sprout' b'konnotazzjonijiet tal-elementi botaniċi aktar milli għall-proċess tat-tqala. Il-baħar xorta jibqa' element li jaħji, iżda l-għażla tat-traduzzjoni taqbad korsija differenti għax il-verb 'sprout' iqanqal assoċjazzjonijiet ta' emozzjonijiet li jberklu bi proċess veġitattiv aktar milli twelid minn fetu. Dan jidher ukoll fit-traduzzjoni ta' 'dmijieti' li bil-Malti tista' talludi għaċ-ċiklu mestruwali, mentri l-verżjoni Ingliża b''tears' titfi d-dimensjoni femminili. Dan jirrifletti t-teorija femminista postumanista ta' Astrida Neimanis (2017, p. 69) li tferra' l-fekundità mill- ilma billi tuniversalizza l-korporalità fluwida u tinfatam mill-ġeneru – "we are all bodies of water." Dan jiddevja mill-għanjiet ta' femministi bħal Irigaray għax xorta pperpetwaw l-istess loġika tal-falloċentriżmu minħabba li l-ġisem tal-mara jibqa' mwaħħal mal-kurdun tal- ibħra ġewwiena (Dirshauer, 2023, p. 137).

Għaldaqstant, it-traduzzjoni tallinja mal-filosofija ta' Neimanis (2018, p. 69) li taggrega l-proċess tal-ġestazzjoni minħabba li l-ġisem, irrilevanti mill-ġeneru, għandu sehem ewlieni fil-kontinwità organika bejn il-bnedmin u d- dinja esterna. Għaldaqstant, il-ġestazzjoni postumana tenfasizza li mhux neċessarjament tintrabat mal-ġeneru femminili, għax tista' tintrabat ukoll mal-ġestazzjoni soċjali u ekoloġika:

> We learn gestationality from water; we repeat its potential in and as watery bodies, too. In the context of our world's pressing water crisis, this lesson can encourage us to be more thoughtful, and more responsive, in terms of what we give back to water in all its forms, but in particular to those planetary water bodies that we (as always differentiated) currently exploit, pollute, and instrumentalize. How might we, in partial dissolution of our own sovereign subjectivity, also become gestational for this gestational milieu? (Neimanis, 2018, p. 69)

It-traduzzjoni ta' *baħar* tista' tallinja ma' dan il-lat ekoloġiku għaliex tuża lessiku li bih tista' ġġiegħel lill-qarrejja jgħarblu r-relazzjoni tagħhom mal-ilma, u aktarx tħeġġiġhom biex iħarsu lejh b'responsabbiltà akbar bil-possibbiltà li jindokrawh. L-istess awra tat-teorija postumanista tinħass fit-TS u fit-TM tal-poeżija 'Fuq blu'/ 'On blue' ta' Leanne Ellul/Albert Gatt. Il-vers 'what is the measure of blue that's birthed us?' jipprometti xogħol li jberraħ l-assoċjazzjoni materna mal-baħar, iżda l-lessiku notturn – 'imħeddla'/ 'languid', 'lożor'/ 'sheets' u 'lejl'/ 'night' jiddiżappunta l-ħsieb inizjali. Għaldaqstant, issaħħaħ l-idea tal-baħar li ma għandux jiġi assoċjat ma' waħda mill-immaġini sterjotipati - tal-maternità - għax il-blu ma għandux konfini ristretti, tant li l-friex tal-lejl possibbilment jalludi universalment għat-tmiem tal-ħajja wkoll li mhijiex selettiva mal-ġeneri.

Antoine Berman (1985, p. 255) juri li x-xogħol letterarju qisu network minħabba li ċerti simboli jiffurmaw għanqbuta ta' sinifikati. It-TM ta' 'baħar' iċajpar daqsxejn l-intimità b'saħħitha mal-element primordjali li fit-TS kienet preżenti ħafna bil-fonetika tas-suffissi pronominali tal-verbi kwadrilitteri, partikolarment il-ħsejjes 'tbaħbaħli' u 'tlaħlaħli'. Bħalma jsostni Burton (1988, p. 25) "phonological pecularities are inevitably nontransportable". Terġa' u tgħid, il-metafora li xxaqleb ftit lejn il-parafrażi, 'splash my thoughts with water'

tespandi l-ħsieb oriġinali għaliex tissuġġerixxi aktar ċaflis jew tgħaffiġ mentri t-TS juri aktar li huwa element fejjiedi. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-poeżija tat-TM li tagħti preċedenza lill-ekoloġija, tista' tinftiehem bħala frammentazzjoni ta' ħsieb il-persona mill-preokkupazzjoni ambjentali u l-immersjoni minimalista bis-saqajn twennisha u ttaffilha l-aġitazzjoni. It-TM jagħżel verbi li mhux neċessarjament jikkollokaw mar-reliġjon bħalma jalludi t-TS, tant li jaħsel għalkollox l-assoċjazzjonijiet mal-magħmudija għax ma jagħżilx kliem bħal 'sprinkle' u 'pour' għat-TM.

*Tabella 7: Il-poeżija mill-ġabra* bejn baħar u baħar *u t-traduzzjoni tagħha minn* Between Seas

| **Elizabeth Grech**<br>**jien u int** | **Irene Mangion (trad.)**<br>**You and I** |
|---|---|
| Jien u int<br>niltaqgħu hemm<br>fl-ispazji ta' bejn l-ispazji,<br>fl-ispazji ta' bejn is-snin.<br>Sadattant,<br>il-pjaneta tiegħi<br>għadha ddur żugraga<br>f'galassji oħra.<br><br>Jgħaddu s-snin<br>u nerġa' nsibek<br>ħiereġ minn abbissi ilma<br>fejn saħħrek<br>il-kant tas-sirena tifla<br>u nessiek min int.<br><br>Narak ħiereġ għajjien<br>u nilqgħek fil-ħajta dawl<br>li tleqq f'wiċċi.<br>Miegħi kun raġel.<br>Kun raġel<br>u midd rasek fuqi.<br>Ħallini nħoss subgħajk<br>ipinġu ċrieki<br>ġo xagħri.<br><br>Irridek raġel.<br>Għax jien baħar miftuħ<br>nistenniek<br>tgħum ġo fija.<br>Wennisni u nwennsek | You and I<br>meet here,<br>in the space between spaces,<br>in the space between years.<br>Meanwhile<br>my planet<br>spins like a top<br>in other galaxies.<br><br>Years go by<br>and here I find you again<br>emerging from watery abysses<br>that bewitched you<br>with the song of a young mermaid<br>and made you forget who you are.<br><br>I see you surface wearily<br>and welcome you to the shard of light<br>gleaming on my face.<br>Be a man with me.<br>Be a man and lean on me.<br>Let me feel your fingers<br>draw circles<br>in my hair.<br><br><br>I want you to be a man.<br>I am an open sea<br>summoning you<br>to swim within my vastness.<br>Soothe me and I shall soothe you |

| | |
|---|---|
| sa ma nħallik terġa’ tmur,<br>ħieles,<br>sakemm<br>ilaqqgħuna s-snin<br>fl-ispazji ta’ bejniethom | until I let you go again,<br>free,<br>waiting for the years to bring us back<br>to the spaces between them. |

Dirschauer (2023, p. 136) issostni li l-assoċjazzjoni bejn in-nisa u l-ilma ġiet iffossilizzata bi sterjotipi tal-ġeneru bħas-sesswalità femminili, il-fertilità u r-riflessjoni narċissistika, “the association between woman and water has a long persistent history, and it is deeply informed by stereotypical views connected with sexuality, reproduction and narcisstic immersion.” It-TM, ‘You and I’, bħall-verżjoni tat-TS jiffigura l-baħar bħala forza li ssaħħar u perikoluża tant li meta l-persona tiltaqa’ mar-raġel fi spazji liminali – ‘in the space between years’ - tintebaħ bit-trasformazzjoni tal-essru li jitlef l-identità tiegħu. Għaldaqstant, it-traduzzjoni qed tinforza l-baħar bħala forza seduċenti għaliex l-element fluwidu li fih is-sireni ‘made you forget who you are.’ Madankollu, it-traduzzjoni terġa’ tiddistilla l-assoċjazzjonijiet tal-ġeneru għax ittaffi l-attrazzjoni tal-figura klassika meta tintuża l-kelma ‘mermaid’ flok ‘siren’. Fil-mitoloġija Griega l-vuċi tas-sireni kienet tisseduċi l-baħħara u tinnavigahom għal destin fatali, “women of the birds, with voices to lull even the hardiest warrior to certain death” (Kershaw, 2022, p. 106). Għaldaqstant, it-traduzzjoni tinfatam kemxejn minn din l-idea minaċċjuża għax ‘mermaid’ tista’ tikkonnota aktar il-misteru, il-melankonija jew il-wens.

L-għażla tat-traduzzjoni stess tista’ taċċenna għal-liminalità implikata li tbalja bejn relazzjoni kumplessa u sublimi tan-natura. Il-qarrejja fid-dinja kontemporanja jafu jinterpretaw l-immaġni b’mod differenti, għax bħalma ssostni Rozwadowski (2018, p. 147), is-sireni tbiegħdu mill-konnotazzjonijiet fatalisti, “mermaids similarly morphed from a portent of doom to any sailor misfortunate enough to glimpse them into entertainment, decoration on yachting trophies or images in advertisements.” Mill-perspettiva tal-Istudji Umanistiċi Blu,

din id-deċiżjoni tista' tiġi interpretata bħala pont li jrid ilaqqa' l-baħar mal-art biex il-bniedem ma jitnaffarx minnu. Għaldaqstant, fi żmien li l-kriżi klimatika teħtieġ bidla fl-attitudni, din it-twejqa Maltija, tista' toffri veduta ta' baħar bla ħażen, enigma u biża' biex ma jiġix ipperċepit bħala l-"ieħor" daqslikieku xi frustier. Il-liminalità tista' tixħet dawl ukoll fuq ir-relazzjoni bejn il-baħar għaliex il-persona qed tarah ħiereġ mill-ilma fejn seħħet trasformazzjoni u tistiednu jidħol fl-ispazju akkwatiku abbundanti tagħha, 'I am an open sea'.

Il-mużikalità tal-versi tirraffigura ċ-ċiklu tal-ħajja mal-moviment tal-mewġ, 'in the spaces between spaces / in the spaces between years'. It-traduzzjoni tagħti aktar aġenzija lill-persona għax fit-TM issejjaħ lis-sieħeb tagħha biex jgħum fl-ibħra ġewwiena, 'summoning you / to swim within my vastness'. Il-mara tingħata aktar aġenzija fit-traduzzjoni għax il-verb 'summoning' jimplika li r-raġel għandu jsegwi l-istruzzjoni tal-mara u jirritorna kemm jista' jkun malajr. Fl-istess waqt, is-sibilanti fit-traduzzjoni taċċenna għall-urġenza u x-xenqa tal-persona li tarah jirritorna. L-analoġija tal-'baħar miftuħ'/ 'open sea' teliċita l-immensità u l-qawwa li l-mara trid li r-raġel jesperjenza, u sa ċertu punt qed tistenna l-kwintessenza tal-kwalitajiet mingħand ir-raġel. Madankollu, il-baħar fi ħdan il-mara mhuwiex qalil għax tixtieq tħajmu u għalhekk mhuwiex l-eroj arketipali li jixref fil-letteratura tas-seklu għoxrin meta "ocean, in these narratives, is cast as antagonist [...] depicting ocean as wild nature and as force against which individuals must persevere" (Dorbin, 2021, p. 16).

Fit-traduzzjoni l-mara għandha aktar poter, iżda xorta hija spazju massiv li r-raġel għandu jesplora sabiex jindokraw lil xulxin. B'differenza mil-letteratura fiż-żminijiet preċedenti, fil-mara hemm baħar, u għalhekk ir-relazzjoni tal-Punent mal-baħar m'għadhiex tidher bħala "man versus man, man versus self, and man versus nature" (Dorbin, 2021, p. 16). Għaldaqstant, tixref ukoll il-fluwidità bejn il-ġeneri, raġel li ħiereġ mill-ilma mistieden fi spazju nawtiku biex jesperjenzaw l-armonija temporanjament, 'soothe me and I shall soothe

you / Until I let you go again'. Minħabba li l-mara fit-TM tistieden lir-raġel f'baħar seren, l-ispazju nawtiku ma jidhirx antagonist tal-bniedem, iżda parti integrali mill-ħajja taż-żewġ ġeneri. Dan jingħaqad fid-djalogu tal-ekokritika blu li argumentat fuq ir-rappreżentazzjonijiet letterarji tas-seklu l-ieħor li kkontribwew għal, "influential conceits of human separation from ocean and ocean as the epitome of untamable nature (Dorbin, 2021, p. 17)." Dan jallinja mal-Istudji Umanistiċi Blu u t-Traduzzjoni Ekoloġika għax iż-żewġ dixxiplini jridu jenfasizzaw l-interdipendenza tal-element marittimu, fejn l-elementi umani u mhux umani jikkumplimentaw lil xulxin.

It-traduzzjoni taż-żewġ poeżiji ewlenin li saru minn Irene Mangion turi kif l-irwol tal-baħar jevolvi skont l-għażliet lessikali u stilistiċi. Fl-ewwel poeżija ħareġ li t-TS għandu assoċjazzjonijiet mal-maternità u r-reliġjon mentri t-TM jinfatam minnhom biex joffri perspettiva aktar ekoloġika u postumanista. Fil-poeżija preċedenti inferejna li l-baħar iservi ta' spazju li fih jiltaqgħu ż-żewġ ġeneri, u għalhekk dan l-ispazju jinża' l-konnotazzjonijiet sterjotipati tal-baħar.

## 6.3. Il-baħar inkarnat fit-traduzzjoni

Il-metafori tal-baħar fit-traduzzjoni Ingliża tal-ġabra *bejn baħar u baħar* isiru esperjenza mgħajxa li mhijiex statika, xi drabi jbalja u oħrajn le. Xi drabi l-ġisem jidher bħala spazju nawtiku mimli żelu għall-attivitajiet differenti ssimbolizzati b'lingwaġġ fluwidu bħall-għawm, l-għadis, il-mewġ u ċ-ċaqliq, biex jiffiguraw diversi qagħdiet tar-ruħ umana. Qabelxejn, disa' poeżiji f'din il-ġabra (xi versi misluta minnhom ġew elenkati hawn taħt) jużaw l-ewwel żewġ attivitajiet imsemmija – l-għawm u l-għadis – bħala mezz ta' awtoriflessjoni, stediniet għall-esplorazzjoni intima tal-persona, in-nostalġija u l-qagħda prekarja tal-ħajja. Neimanis (2017, p. 64) turi r-rabta eżistenti bejn il-baħar u l-korporalità speċjalment minħabba l-fluwidità interna "our human bodies are materially composed of water in ways that inextricably link our human, specifically situated bodies to other bodies – sea, whale, human in the distance."

*Tabella 8: Lista ta' versi li jirreferu għall-għawm u l-għadis f'disa' poeżiji*

| **Elizabeth Grech** | **Irene Mangion (trad.)** |
|---|---|
| **kliem** | **Words** |
| Dal-kliem kollu jgħum ġo moħħi<br>se jkolli nogħdos għalih | All these words floating in my head,<br>for each and every one of them<br>I shall have to dive |
| **traċċi** | **Traces** |
| Nixtieq nogħdos fil-wied<br>ta' bejn għonqok u spallejk | I would like to plunge into the gorge<br>between your neck and your shoulder |
| **jien u int** | **You and I** |
| tgħum ġo fija | to swim within my vastness |
| **filfla** | **Filfla** |
| kull darba li Filfla tgħum fija | every time Filfla floats in me. |
| **ramallah** | **Ramallah** |
| togħdos f'għajnejk | dip into your eyes, |
| **friefet** | **Butterflies** |
| Ngħum fil-wiċċ mal-mewġ | I swim on the surface with the waves |
| **l-iskuża tal-qilla** | **The pretext of fury** |
| u dil-bużżieqa li ngħumu fiha | and this bubble we are swimming in |
| **daniel** | **Daniel** |
| jgħumu fid-dmugħ | suspended in tears |
| **allat nisa** | **Women gods** |
| għad tgħum | when you will swim |

| | |
|---|---|
| Fil-baħar mistur f'sidri. | in the ocean hidden in my breast. |

It-traduzzjoni tuża lessiku differenti pereżempju l-kelma 'għawm' li ġiet tradotta bħala 'floating,' 'swim' jew 'suspended' u l-għadis ġie tradott bħala 'dive', 'plunge' u 'dip'. Dawn l-eżempji mhumiex se jiġu analizzati kollha fid-dettall għax qegħdin 'il barra mill-kuntest, iżda aktar 'l isfel se jsir stħarriġ mill-qrib ta' waħda mill-poeżiji. Madankollu, id-differenza fit-traduzzjoni tirrifletti l-multivalenza u l-fluwidità tal-baħar innifsu, li tallinja mal-Istudji Umanistiċi Blu għax iħarsu lejn il-baħar bħala spazju wieħed iżda trasformattiv. Fl-istess waqt, jidwu wkoll il-perspettiva idrofeminista ta' Neimanis li tħares lejn l- universalità tal-iġsma fluwidi, u għalhekk dawn ix-xbihat huma saljenti biex il-qarrejja jħarsu lejn il-baħar minn lenti korporali. Terġa' u tgħid, ix-xbieha tal-għadis li fit-traduzzjoni tidher bi tliet lessemi differenti, skont Neimanis (2018, p. 62) turi li dan mhuwiex biss moviment fiżiku, iżda esperjenza fit-totalità tagħha fejn il-ġisem jitwaħħad mal-baħar. Għaldaqstant, it- traduzzjoni tibqa' taqdi dan l-iskop, u saħansitra ssammar fuq fehmiet fenomenoloġiċi li l- bniedem jifhem il-baħar mil-lat sensorju tiegħu, "the sensory experiences of my body in a transition from land to deep water – these are embodied knowledges too." Dan se jiġi elaborat aktar fl-analiżi tal-poeżija 'kliem'/'Words'.

L-għażla tal-poeżija 'kliem'/'Words' saret konxjament minħabba r-rabta analoġika bejn l-awtoriflessjoni tal-bniedem u l-proċessi atmosferiċi tal-art u l-baħar li huma marbuta intrinsikament. Mil-lat ekoloġiku, se jintwera li t-TM jimmanifesta xbihat aktar niexfa li jistgħu jappellaw għad-deżertifikazzjoni, li bħala fenomenu jiddependi ħafna mit-tibdil fil-klima u għalhekk l-effetti tiegħu jiżżerżqu fil-baħar u l-oċean. D'Odorico et al. (2012, p. 327) jispjega l-effetti dejjiema tad-deżertifikazzjoni li jaffettwaw iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, u eventwalment iħallu l-marki tagħhom, "modify climate, global biogeochemical cycles and

human geography". L-emissjonijiet tal-gassijiet serra li qed jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima jiġu assorbiti mill-baħar, li kulma jmur qed jisħon aktar u jħalli effett fuq l-ekosistemi tiegħu: "rising SST, driven by climate change, is reshaping marine biodiversity, altering species distribution, abundance and survival" (Venegas *et al.*, 2025, p. 2). Min-naħa l-oħra, id-deżertifikazzjoni tista' tkun produttiva għan-nutrijenti tal-baħar għax tipprovdi sorsi ta' ħadid fil-photoplankton tal-baħar, "The long-range transport and deposition of dust provides nutrients to terrestrial and marine ecosystems distant from the dust source" (D'Odorico et al., 2012, p. 337). Għaldaqstant, dan il-fenomenu qed jirraffigura l-persona li l-ħsibijiet tagħha qed jiċċaqalqu, jitmewġu u jitbaljaw bħas-sitwazzjoni ekoloġika.

*Tabella S: Il-poeżija mill-ġabra* bejn baħar u baħar *u t-traduzzjoni tagħha minn* Between Seas

| **Elizabeth Grech**<br>**kliem** | **Irene Mangion (trad.)**<br>**Words** |
|---|---|
| Dal-kliem kollu jgħum ġo moħħi<br>Se jkolli nogħdos għalih<br>kelma kelma,<br>nagħsru bħal ċarruta,<br>nonxru bil-labar tal-inxir,<br>nistennieh jinxef,<br>jitqarmeċ,<br>jitqadded<br>fix-xemx tikwi t'Awwissu,<br>imbagħad nifirxu<br>waħda waħda<br>fuq il-madum imtappan tal-bitħa,<br>inressaq widinti lejh<br>forsi nisma' xi jrid jgħidli<br>qabel tiġi xxarrbu l-ewwel xita<br>u ċċallsu,<br>bħal karta maħsula<br>f'xi but. | All these words floating in my head,<br>for each and every one of them<br>I shall have to dive,<br>wring them like a rag,<br>hang them out to dry<br>until they crackle<br>and shrivel<br>under the scorching August sun.<br>One by one<br>I shall lay them out<br>on the damp tiles of the yard,<br>then bend over them<br>and listen to what they have to say<br>before the first rain comes<br>smudging them all<br>like a piece of paper in the pocket<br>forgotten and washed. |

Il-fakultà mentali aktarx talludi għal spazju akkwatiku, possibbilment baħar, minħabba li l-persuna trid togħdos, 'dive' għax il-kliem qiegħed f'entità fluwida, 'floating.' Għall-kuntrarju tat-TS, il-verb tradott jimplika li l-kliem mhux jeżerċita azzjoni fiżika kbira,

iżda qed jixxaħxaħ fil-psike tal-persona. It-traduzzjoni taċċentwa l-intensità tas-sħana bis-sibilanti 'under the scorching August sun' li tissuġġerixxi kif il-kliem possibbilment jinftiehem aktar fin-nixfa. Għaldaqstant, kemm in-nixfa kif ukoll l-ilma għandhom funzjoni ġenerattiva u diżintegrattiva li impliċitament jistgħu jirreferu għall-estremitajiet klimatiċi, "as warmer temperatures result in higher amounts of water vapour into the atmosphere, the water cycle is intensifying – meaning that what is wet becomes wetter, while the dry turns into dust (Neimanis, 2017, p. 161). Ir-referenza għas-sħana tikwi ta' Awwissu tissemma wkoll fit-traduzzjoni tal-poeżija 'il-baħar tal-abjad'/'the sea of white' ta' Leanne Ellul. F'żewġ poeżiji tradotti, Grech/Mangion u Ellul/Gatt, qed jinkwadraw ukoll is-sitwazzjoni tal-Mediterran, żona vulnerabbli li minkejja li l-klima tipika hija sħuna, qed tiġi affettwata bil-kbir mit-tibdil fil-klima, "The global trend of accelerated dryland expansion and shifting of large portions of land to a dryer climate is well documented, and especially for the Mediterranean climate change hot-spots (Zdruli and Ziadat, 2024, p. 63)."

Il-traduzzjoni tal-poeżija 'words' tispikka għaliex iż-żewġ verbi Maltin li jintużaw għall-proċess tan-nixfa tal-kliem li joriġina minn spazju akkwatiku huma 'jitqarmeċ'/ 'crackle' u 'jitqadded'/'shrivel', li jappellaw għal żewġ jew tliet sensi – il-viżwal, it-togħma u l-akustika (fil-każ tat-tqarmiċ). Madankollu, it-traduzzjoni tagħti vuċi aktar ekoloġika għax il-verbi użati jiġu ridotti għas-sens viżwali biss li jappellaw għad-deżertifikazzjoni. Hawnhekk it-traduzzjoni tfiet is-suġġettività ta' aspetti kulturali assoċjati mal-klima sajfija Mediterranja, pereżempju l-ikel bħat-tadam imqadded, u xeħtet l-attenzjoni fuq id-dehra. Għaldaqstant, l-enfasi tan-nixfa fit-TM aktarx jeżiġi li l-persona ħtieġet l-ilma bħala għajn ta' ispirazzjoni għaliha għax il-klima ma ħallithiex timmedita kif xtaqet. Mentz (2024, p. xiv) iħares lejn it-tixrib u n-nixfa bħala proċessi fejn tal-ewwel jiġġenera l-materja prima u t-tieni jinħadem minnu, "Drying is the slower process, an imposition of form and accumulation of knowledge." Madankollu, il-persona tħares lejn il-karatteristika minaċċjuża tal-ilma li biha

kollox jista' jisfaxxa, 'l-ewwel xita'/ 'first rain'. Minkejja li dan huwa fenomenu komuni fl-istaġun, it-tibdil fil-klima qed jintensifika x-xita qawwija li saħansitra hija fatalista (Borunda, 2024). Terġa' u tgħid, it-traduzzjoni tal-poeżija, simili bħat-TS, tirrifletti proċess xjentifiku tal-imprevedibbiltà minħabba l-estremitajiet klimatiċi fejn l-għargħar isegwu nixfa ferriexa. Aktar minn hekk, it-TM jispikka fl-inverżjoni tal-versi li ma jsegwux l-istruttura tal-ewwel verżjoni.

Il-metafori bl-ilma, inkluż il-baħar, jeżiġu li l-esperjenza tal-essru tieħu l-forma tal-materjal amorfiku. Dan jidwi f'Neimanis (2017, p. 19) li targumenta li l-fluwidità tal-ġisem turi li l-essru ma jgħixx f'xi vakwu, iżda huwa parti mid-dinja akkwatika esterna, "changing how we think of bodies means changing how we think of water." Ħafna lingwaġġ bil-mewġ f'*bejn baħar u baħar*, u *Between Seas* juri li l-ġisem qed jitbalja mal-mewġ:

*Tabella 10: Lista ta' versi li jirreferu għall-mewġ f'sitt poeżiji*

| **Elizabeth Grech** | **Irene Mangion (trad.)** |
|---|---|
| **kwarta** | **Fifteen minutes** |
| Mewġa Kalma<br>li tfiet it-tiġbid inemnem. | A wave of peace<br>has washed away the dull ache. |
| **ħabbejtni** | **You loved me** |
| Ħabbejtni<br>mewġa, | You loved me,<br>a wave |
| **fil-keffa** | **Spring unravelled** |
| 1. iċaqlaq ilmijieti,<br>2. Nitlajja' mal-mewġ, | 1. stirring waves within me<br>2. I shall abandon myself to the waves |
| **għeruq l-art** | **Roots of the earth** |
| Il-mewġ inaqqarni. | I shall have to weather the sting of waves |
| **suwed għajnejk** | **Black are your eyes** |
| taħt il-mewġ ta' ħuġbejk | the waves furrowing your brow. |

| **l-ibħra tiegħek** | **The seas within you** |
|---|---|
| indur mal-mewġ nokkli | I swirl with the curly waves |

It-traduzzjoni ta' 'kwarta', pereżempju, turi s-soljiev tal-omm wara l-ħlas b'lingwaġġ akkwatiku aktar mit-TS, li żżid ir-rabta mal-ġisem u l-ilma. Dan għaliex it-TS iħaddem il-parafrażi pereżempju 'a wave of peace' tiċċara aktar il-vers oriġinali, u anke 'li tfiet' setgħet ġiet tradotta pereżempju, 'put out', iżda 'washed away' turi li l-uġigħ qed jittaffa, kważi jippurifika gradwalment mentri t-TS jissuġġerixxi l-immedjatezza tal-fejqan mill-fluwidità daqslikieku ntfiet fjamma. Għaldaqstant, minn xbieha ta' nirien it-traduzzjoni salpat għall-immaġini akkwatika li mil-lenti tal-Istudji Umanistiċi Blu tista' titqies bħala riflessjoni tal-kinetika u l-fluwidità marittima. Għall-kuntrarju, it-traduzzjoni tal-poeżija 'suwed għajnejk' turi li x-xbieha fit-traduzzjoni xxejjen l-armonija bejn il-ġisem u l-mewġ għax l-immaġini tiffoka iżjed fuq l-espressjoni tal-wiċċ milli l-aspett marittimu.

*Tabella 11: Il-poeżija mill-ġabra* L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla *u t-traduzzjoni tagħha ppubblikata fuq* *MAYDAY*

| **Leanne Ellul**<br>**Fuq idek** | **Albert Gatt**<br>**On your hand** |
|---|---|

| | |
|---|---|
| [...]<br>Idejk arzell<br>Pali jfesdqu ġismek battiljar.<br>Għadam għadma jġeżwruh.<br>Mgħawweġ balena.<br>Mitluqa max-xatt.<br>Mitluqa għal riħha.<br><br>Riħa ta' baħar. Baħar ta' inkwiet.<br>Tinkwieta fuq kollox.<br><br>[...]<br><br>Wiċċek qoxra<br>Pruwa ppuppata tilqa' għal dat-taħbit<br>U għala biebek mit-tron tal-għerf u l-pettikolezzi.<br>Baħħar tal-bnazzi u l-maltemp f'daqqa.<br><br>La ġenba kelma li tgħallimtha<br>Bis-sebgħin sena l'għandek | [...]<br>Clam shells, your hands,<br>Your hull's flare in the palm hold.<br>Enshrouding bone on bone.<br>Curved like a whale.<br>Washed up.<br>Left high and dry.<br><br>The whiff of sea. A sea of fret.<br>You fret about everything.<br><br>[...]<br><br>The leathery vessel of your face<br>A stern bow facing the storm<br>Cold-shouldering pettiness and platitude.<br>A fairer of fair weather and foul.<br><br><br>Broadside is a word you learned<br>By dint of the seventy years you've lived. |

Id-distakk bejn il-ġisem tal-bniedem u l-forza tal-baħar jinsab fl-iskadenza, wieħed jiddeterjora u jmut, u l-ieħor perenni, dak li skont Dun Karm Psaila huwa 'iż-żagħżugħ ta' dejjem'. It-TS u t-TM ta' 'Fuq idek'/ 'On your hand' ta' Leanne Ellul/Albert Gatt twassal dan is-sentiment bl-immaġini ta' balena tiddiżentegra mal-kosta. Iż-żewġ verżjonijiet jinqdew b'lingwaġġ marittimu biex ipittru l-prekarjetà tax-xjuħija b'metafori evokattivi bħal 'idejk arzell'/'clam shells' u 'mgħawweġ balena'/'curved like a whale' fejn l-analoġija bil-baħar tibqa' fiċ-ċentru għal ġisem mherri u mifni bis-sikka tas-snin. It-TM li huwa qrib ħafna tal-verżjoni bil-Malti, jirnexxilu jipproġetta t-ton melankoniku b'espressjonijiet li fl-Ingliż jinstemgħu naturali bħal 'washed up' u 'left high and dry'. L-ommissjoni tan-nom 'xatt' ukoll issaħħaħ din l-analiżi għaliex turi li 'washed up' weħidha tinftiehem f'kuntest marittimu. Fl-istess waqt, din timxi fid-direzzjoni tal-Istudji Umanistiċi Blu għax tafferma li l-esperjenza umana u l-lingwa marbuta flimkien direttament. It-traduzzjoni ta' 'wiċċek qoxra' tħaddem il-paronomasja, li tista' tkun deliberata. Minkejja li 'vessel' tixbah il-qoxra f'sens ta' kontenitur

minħabba l-esperjenzi kollha li għaddiet minnhom, jixirfu referenzi għal bastiment u anke għall-vini li jġorru l-elementi fluwidi u jgħaddi d-demm minnhom. Għaldaqstant, it-traduzzjoni b'anqas kliem timla s-saffi b'konnotazzjonijiet ġodda li huma relatati mal-baħar u l-fluwidità stess. Dan juri li t-traduzzjoni nfisha tispiċċa tbaħħar f'moviment oċeaniku li juri l-fluwidità tal-kelma minn lingwa għal oħra, li tirrifletti l-argument tat-Traduzzjoni Ekoloġika ta' Cronin (2016, p.7), "if language difference is key to cultural diversity, how these differences and diversity are portrayed will have inevitable consequences for how an ecological sensitivity develops around language and translation."

Il-konsonanti tal-verb fil-metafora 'mgħawweġ balena' possibbilment iżeffnu l-mewġ minħabba l-'m' tal-parteċipju passiv u l-konsonanti 'w' u 'ġ' minħabba l-għerq 'għ-w-ġ'. Is-similitudni fl-Ingliż tinnaviga għall-istess xbieha iżda ma tibqax twaħħad il-ġisem mal-balena viżwalment. Ix-xbieha tal-balena, anke fl-Ingliż, tallinja mal-Istudji Umanistiċi Blu għax il-ġisem jieħu l-forma tal-kreaturi tal-baħar bħala alternattiva għal deskrizzjonijiet terrestri, fejn pereżempju f'*Moby Dick*, "whales represent the anti-terrestrial defiance of oceanic life, spouting disdain at the merely human (Mentz, 2024, p. 62)."

It-traduzzjoni qiegħda tippreżenta l-potenza tal-baħar f'kuntrast mal-bniedem effimeru bħal balena li titherra mal-kosta u jibqa' l-motif għal prekarjetà ta' ġisem atrofizzat minħabba x-xjuħija. Neimanis (2017, pp. 51–52) tikkritika l-veduti dojoq tal-Punent għax issostni li l-individwi ma jħarsux lejn l-essru tagħhom bħala kontinwazzjoni tal-fluwidità interġenerazzjonali minħabba li skontha l-ilma maħżun f'kull bniedem ġej mill-qedem u l-eżistenza tiegħu tittraxxendi l-ħajja tal-bniedem, "it is a stretch to fathom the time of our bodies of water as extending beyond our proximal comprehension. Yet we know that our planetary waters have persisted – nothing added, nothing lost – for several billion years."

Il-kontinwazzjoni taċ-ċiklu tal-ilma u x-xjuħija jidhru wkoll fil-letteratura kontemporanja Ingliża bħar-rumanz *There are Rivers in the Sky* ta' Elif Shafak (2024, p. 57). Id-dijeġesi turi li Narin, waħda mill-protagonisti, miġbuda lejn il-vini jiġru taħt il-ġilda b'lewnhom li jixbah l-ibħra u x-xmajjar, "Narin listens, gazing down at the back of the old woman's hands, as if trying to commit them to memory – weathered and intersected with raised veins. She likes to touch these veins, blue and green, running beneath her grandmother's skin." Għaldaqstant, it-traduzzjoni ta' 'On your hand' tista' tingħaqad mal- kostellazzjoni tal-letteratura internazzjonali, f'dan il-każ Ingliża-Torka, li tinqeda bis-simboliżmu akkwatiku biex tqajjem kuxjenza ekoloġika bil-kuntrast tal-temporanjetà tal- bniedem man-natura. Dan jirrifletti l-fehma ta' John Thieme (2016, p. 101) li jħares lejn ir- responsabbiltà tal-bniedem bħala kreatura effimera li għandu dmir morali biex iħares l-ambjent naturali għax jisboq il-ħajja tal-individwi. Għaldaqstant, jirreferi għalih bħala ħarsien ambjentali interġenerazzjonali, u jirreferi għall-proverbju Amerikan, "We do not inherit the Earth from our Ancestors, we borrow it from our Children."

## 6.4. L-identità fluwida

Il-poeżiji ma jesebixxux biss il-fluwidità korporali, iżda l-identità fluwida wkoll li tittraversa bejn baħar u baħar, bejn spazju ġeografiku u ieħor. Dan jimmanifesta ruħu, saħansitra, mit-titlu tal-ġabra ta' Grech *bejn baħar u baħar* u l-verżjoni tradotta ta' Mangion, *Between Seas*. Minkejja li t-titlu tat-TM ma jipproduċix l-alliterazzjoni tat-TS li jaċċentwa l-liminalità, xorta tinħass l-inċertezza, l-enigma u l-imprevedibbiltà li aktarx jirriflettu ruħhom f'diversi stadji tal-ħajja, bħalma turi l-mixja tal-ġabra qalb mewġ nostalġiku, imnikket u kajman. It-TS u t-TM jiddevjaw daqsxejn mill-għan tal-Istudji Umanistiċi Blu għax it-tnejn jgħaddu l-idea tal-'ibħra' u mhux ta' baħar wieħed. Madankollu, Dorbin (2021, p. 17) ukoll tirrikonoxxi li l-immaġini kulturali tippermetti l-multivalenza tal-ibħra, "I adopted the strategy of referring to the oceans as a singular ocean to convey a sense of unification of the

ecological ocean. However, blue ecocritical approaches must simultaneously accept the multiplicities of oceans written in cultural imaginaries." Terġa' u tgħid, il-baħar jiġi ffigurat minn lenti b'kultura partikolari, u appuntu t-traduzzjoni tidħol kexxun biex tgħaqqad il-możajk tal-ilwien kulturali differenti.

Il-poeżija 'leħnek' tagħti spazju għall-argument tal-identità fluwida ta' bintha li timmanifesta ruħha b'mod akustiku. It-TM jipproduċi verżjoni li turi ħakma fuq il-baħar kulturali għax torbtu bil-pronom possessiv, 'between my sea and yours.'

*Tabella 12: Il-poeżija mill-ġabra* bejn baħar u baħar *u t-traduzzjoni tagħha minn* Between Seas

| **Elizabeth Grech**<br>**leħnek** | **Irene Mangion**<br>**Voices** |
|---|---|
| Hemm il-ħsejjes, il-kliem,<br>il-ħmura ħajja,<br>id-demm il-laħam il-qalb<br>ta' żewġ artijiet<br>imdendlin<br>bejn baħar u baħar<br>fik, binti.<br>L-armonija li ġġorr<br>f'ponot subgħajk<br>mifruxa aktar minn tiegħi.<br>U nitgħaxxaq naraha<br>ħierġa minn qalbek<br>il-mużika barranija<br>ta' leħnek Malti.<br>Leħnek ta' ġewwa.<br>Leħni għamiltu leħnek.<br>Il-ġebla tiegħi tridha tiegħek.<br>Lanqas hemm bżonn ngħallmek<br>għax kollox jinsab fik<br>u l-qamar tiegħek<br>ġa jaf kollox.<br>Kollox.<br>Sal-iċken stilla. | Within you, daughter,<br>dwell the sounds, the words,<br>the red-bodied life,<br>the blood the flesh the heart<br>of two lands<br>suspended<br>between my sea and yours.<br>Your entire being,<br>up to the tips of your little fingers<br>spread out wide, far wider than mine,<br>glows with harmony.<br>How I cherish<br>the distinct lilt<br>of your vibrant Maltese voice.<br>The voice of closeness.<br>You took it and made it yours.<br>And how you crave the land I was born to.<br>There is nothing for me to teach you,<br>everything is already there within you<br>and your moon<br>knows it all.<br>Everything.<br>Up to the tiniest star. |

L-identità fluwida tal-wild mhijiex omoġenja u statika, iżda qed tissawwar mill- bejniet tal-ġenituri tagħha li aktarx joriġinaw minn spazji ġeografiċi differenti. Dan jidwi

f'Homi K. Bhabha (2004, p. 55) li jsemmi spazji terzi, spazji liminali bejn żewġ kategoriji li jsawwar essru ibridu, "Third Space […] meaning and symbols of culture have no primordial unity or fixity; that even the same signs can be appropriated, translated, rhetoricized and read anew." It-traduzzjoni tal-poeżija nfisha twassal il-metafora tal-baħar anke bħala spazju ieħor li jkun il-kaġun tal-ibridità tal-identitajiet u jwassal għal spazju terz. Dan il-kunċett fit-traduzzjoni jintuża minn Sherry Simon (2013, p. 121) minħabba l-ispazji terzi tal-ibliet, "third spaces – the spaces which disturb and alter the traditional duality of the city." Bl-istess mod, il-baħar jista' jwassal għal dawn l-ispazji terzi, u għalhekk mhux biss jifred l-artijiet, iżda jista' jiffaċilita t-trasformazzjoni kulturali ġaladarba tbaħħar lil hinn minnu. Terġa' u tgħid, bejn baħar u baħar ikun hemm ix-xatt u l-kosta li skont Wolfgang Klooss (2014, p. 195) fil-letteratura jiġu meqjusa bħala spazji liminali ta' tlaqqigħ u twaħħid, "Coastlines […] They are read as lines of separation and exclusion, but are also conceived as hybrid spaces, inviting opposites to meet and merge."

Il-wild hija prodott ta' 'żewġ artijiet / imdendlin / bejn baħar u baħar' jew 'of two lands suspended between my sea and yours'. It-TS ma torbotx il-baħar ma' territorju partikolari mentri t-TM jippossedi l-baħar, 'between my sea and yours.' Madankollu, kemm it-TS kif ukoll it-TM juru l-fraġilità tal-artijiet għax huma 'mdendlin'/ 'suspended', aktarx b'implikazzjoni għall-kultura u l-lingwa, mentri l-baħar impinġi bħala forza stabbli u permanenti. Dan jirreżona mal-Istudji Umanistiċi Blu u t-Traduzzjoni Ekoloġika għax il-baħar jitpinġa bħala skarpan li jħalli l-marka tiegħu fuq l-identità kulturali tal-bniedem, iżda sa ċertu punt jikkontradixxi l-ħsieb ekoloġiku minħabba l-possessjoni tal-baħar li fuq skala internazzjonali ħalla impatt devastanti minħabba l-isfruttament, "there is the tendency for land to incorporate sea, to treat it life itself, as territory that can be parceled, leased, and owned" (Gillis, 2012, p. 189). Dan jista' jkun ukoll kawża għall-vulnerabbiltajiet tal-artijiet li

huma 'suspended', u għalhekk il-futur tagħhom jinsab bejn ħaltejn ukoll minħabba l-kriżi klimatika.

L-ammirazzjoni tal-omm għall-'mużika barranija ta' leħnek Malti'/'the distinct lilt/of your vibrant Maltese voice' wkoll ittella' fil-wiċċ id-dimensjoni lingwistika tal-ekoloġija. Possibbilment, l-omm ħasbet li l-migrazzjoni tagħha se twassal biex il-karatteristiċi Maltin ma jintirtux u ma tħossx sens ta' affinità daqskemm tixtieq. It-ton aktar ċelebrattiv tat-TM, li jżid l-aġġettiv 'vibrant' itella' assoċjazzjonijiet ta' enerġija, ħajja u spirtu, aktarx biex il- qarrejja jifhmu l-ferħ li jitnissel meta l-persona tagħraf il-karatteristiċi indiġeni f'bintha. Dan huwa saff ieħor tal-ekoloġija li jagħmel gżira bħal Malta vulnerabbli, anke kulturalment u lingwistikament. Cronin (2016, p. 124) jeżamina l-veduta romantiċizzata li l-lingwi jeħtieġu jibqgħu fil-post oriġinali tagħhom biex jiffjorixxu, li skontu toħloq l-ambivalenza għax timmina d-dinamiċità tal-evolviment tal-lingwi bl-interazzjoni u anke t-traduzzjoni nfisha, "If 'being shackled to one place' is seen as a precondition for linguistic survival, then a profound ambivalence will dog any attempt to enthuse over the linguistic benefits of place, whether the benefits are construed as access to a lesser-used language or the necessary splendour of physical isolation."

Ta' min jinnota li t-TM ta' Grech ma jiddistingwix bejn 'art' u 'ġebla' għax it-tnejn ġew tradotti bħala 'land.' Għaldaqstant, it-TS qed jesponi ċ-ċokon, il-fraġilità, it-tenerezza tal-gżira mentri t-TM ixejjen dawn il-karatteristiċi. B'differenza, il-poeżija ta' Grech – 'allat nisa' – li ġiet tradotta minn Albert Gatt tuża l-kelma 'rock' fit-traduzzjoni għall-vers, 'mill-ġebla tal-mara rieqda' / 'the rock that begat the sleeping woman'. Dan juri li Gatt huwa aktar fidili lejn it-TS, iżda mhux biss, qed jenfasizza wkoll li Gatt irrikonoxxa l-preżenza ekoloġika u ġeoloġika tal-ġebel, li għandu rabta marittima wkoll. Id-distinzjoni bejn art u ġebla tirreżona wkoll fl-Istudji Umanistiċi Blu, għax din tal-aħħar hija parti integrali mill-ambjent

marittimu, "the incessant friction of sea reduces rocks into grains of sand, and to a metaphorical structure, in which contrasting environments rub against and disturb each other" (Mentz, 2024, p. 120).

Il-baħar bħala spazju għalih b'tapizzeriji kumplessi jixref ukoll fil-poeżiji ta' Leanne Ellul u Albert Gatt. Il-lingwaġġ tal-baħar fil-poeżiji joħloq espressjonijiet akkwatiċi ġodda relatati mal-essru uman, li jistgħu joħolqu sens ta' affinità bejn il-bnedmin u n-natura bħalma jiġri fl-ispazji terzi jekk jiġu pperċepiti bħala spazji ta' medjazzjoni u interazzjoni bejn il-kulturi. Għaldaqstant, il-karatteristiċi partikolari tal-baħar li aktarx jersqu lejn is-sublimi jistgħu jittrasportaw lill-qarrejja fi spazji terzi immaġinattivi li jġegħluhom jitħassbu fuq l-identità fluwida tagħhom, ir-relazzjoni tagħhom ma' individwi oħra jew mal-kotra, fost oħrajn. Fiż-żewġ poeżiji segwenti, il-baħar jintuża għall-esplorazzjoni tal-element innifsu u tal-bniedem li jtella' fil-wiċċ ukoll l-affinità bejn il-bnedmin u n-natura marittima.

*Tabella 13: Il-poeżija mill-ġabra* L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla *u t-traduzzjoni tagħha ppubblikata fuq* Odyssey

| **Leanne Ellul**<br>**Fuq għedtlek 1** | **Albert Gatt (trad.)**<br>**On Telling 1** |
|---|---|
| L-ewwel ħaġa li għedtlek<br>-bil-baħar ifannad fik-<br>Li l-baħar ma jinkitibx u<br>Li int mhux il-baħar.<br>Stramb il-baħar u d-daqsijiet tiegħu.<br>Daqs issa u mbagħad. Daqs dawk u dawn.<br>Daqs hemm u hawn. Daqs hawn u hemm.<br><br>L-ordni mhux l-istess.<br><br>L-ordni qatt mhi l-istess.<br><br>L-ordni qatt mhi. | The first thing I told you<br>- As the sea fathomed you out-<br><br>Is that one does not write the sea and<br>Sea is not what you are.<br>Strange is the sea and strange is its measures.<br>The measure of now and later. Of that and this.<br>Of there and here. Of here and there.<br><br>The order is not the same.<br><br>Order is never the same.<br><br>Order never is. |

Il-kumplessità tal-baħar tidher fit-TS u t-TM, anzi dan tal-aħħar jirrepeti l-kelma ‘strange,’ li żżid l-enfasi għax setgħet inkitbet bħala ‘strange are the sea and its measures.’ Il-kitba tiffoka fuq il-baħar li qed jiċħad id-definitezza u l-identità umana għax ‘one does not write sea and / the sea is not what you are.’ Bħal spazju ieħor, il-baħar jinfatam minn kategorizzazzjoni sempliċi għax jeżisti bejn kulturi, lingwi u identitajiet differenti, biss biss anki l-kosta tal-Mediterran magħġuna b’kumplessitajiet kbar, “these miniature continents lie vast, complicated, and fragmented stretches of sea, for the Mediterranean is not so much a single entity as a “complex of sea” (Braudel, 1995, p. 23). Għaldaqstant, il-baħar qed jiddistingwi ruħu mill-bnedmin, li jiddevja daqsxejn mill-għanjiet tal-Istudji Umanistiċi Blu għax jiġi illustrat bħala entità separata b’laqta sublimi.

Madankollu, din l-awra enigmatika tal-baħar li xxaqleb lejn is-sublimi tista’ ssib sens fit-teorija ta’ Emily Brady (2013, p. 193) li targumenta kif il-kunċett m’għandux jitqies superfluwu minħabba l-assoċjazzjonijiet mas-seklu tmintax. Minkejja li tirrikonoxxi l-ideat tradizzjonali tas-sublimi pereżempju l-maskulinità u l-fowkus fuq l-individwu, tissuġġerixxi li l-imprevedibbiltà tan-natura teżiġi responsabbiltà ambjentali mill-bnedmin (Brady, 2013, pp. 197–202). Skontha, is-sublimi jista’ joħloq relazzjoni estetika-morali li ċ-ċavetta għaliha hija ċerta “distanced fear,” li fil-fehma tagħha, “the kind of distance fear we find in the sublime prepares the way and presents a valuable grounding for a moral attitude toward nature – a route from admiration to respect” (Brady, 2013, p. 205).

Apparti l-poeżiji ta’ Ellul, il-poeżiji li jirromantiċizzaw il-baħar f’*Between Seas* bħal ‘the sound of waves / hugging the shore’ [‘The Sound of Waves’] jew ‘on the summery surface of the sea’ [‘Friend’] ukoll jistgħu jippermettu din it-tip ta’ relazzjoni. Minkejja li forsi ma joħolqux id-“distanced fear” li ssemmi Brady, il-poeżiji ta’ Ellul u Grech ma jevokawx biss l-element estetiku iżda jnisslu wkoll il-kontemplazzjoni morali. F’sens aktar

wiesa', din ukoll hija Traduzzjoni Ekoloġika għax dawn ix-xbihat tal-baħar jistgħu jnisslu rispett u jniggżu l-kuxjenza tal-bniedem fuq l-impatt ambjentali li jħallu l-attivitajiet umani.

*Tabella 14: Il-poeżija mill-ġabra* L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla *u t-traduzzjoni tagħha ppubblikata fuq* Odyssey

| **Leanne Ellul**<br>**Fuq għedtlek 2** | **Albert Gatt (trad.)**<br>**On Telling 2** |
|---|---|
| It-tieni ħaġa li għedtlek –<br>Il-baħar multiplikazzjonijiet mewwieġa.<br>Stramb il-mewġ u strambi s-somom li rridu nsolvu.<br>Int kumplikazzjoni daqs il-mewġ; eqdes mill-mewt.<br>Bejn mewġ u mewt hemm ittra tkompli tilgħab.<br>Fewwaq il-jum mil-lejl u ejja hawn,<br>Serraħ ġenbek fuqi. | The second thing I told you-<br>The sea is cresting wave times wave.<br>Strange are the crests and strange the sums we have to solve.<br>You and the waves alike are complication:<br>more sacred than death's rest.<br>Crest and rest: single letter is in play.<br>Relieve the day of night, come over here,<br>Lean your flank into me. |

Il-pekuljarità tal-baħar terġa' tixref fil-kontinwazzjoni tal-poeżija, 'Fuq għedtlek 2'/'On Telling 2' minħabba l-mewġ 'stramb'/ 'strange'. Il-fluwidità tad-dinamika tal-bniedem qed tiġi mqabbla mal-'mewġ'/'crests', u għalhekk tikkontradixxi l-poeżija preċedenti għaliex tiddikjara li 'int mhux il-baħar'/ 'sea is not what you are'. Terġa' u tgħid, it-TM juża 'crests' mhux 'waves' li jirrappreżentaw il-quċċata tal-mewġ innifsu. Possibbilment 'crest' hija għażla lingwistika partikolari biex titħaddem il-paranomasja ma' 'rest', u jrendi l-istess effett tat-TS. Gatt għaraf l-importanza tal-logħob bl-ittra fiż-żewġ kelmiet, li possibbilment tissimbolizza l-liminalità tal-baħar u t-tranżizzjoni kontinwa tiegħu, li tixbah ukoll il-kunċett tal-identità ta' persuna bejn żewġ kulturi. L-identità fluwida timplika li l-identità mhix fissa, iżda tiddependi minn forzi interni u esterni, bħalma l-mewġ li jiġi affettwat mill-elementi bħar-riħ. Il-bidla minn 'wave' għal 'crest' ma tirrappreżentax biss il- moviment u l-bidla, iżda wkoll il-liminalità li tidwi fit-Traduzzjoni Ekoloġika, filwaqt li l-baħar jidher ukoll bħala spazju attiv li għandu sehem integrali fil-formazzjoni tal-għarfien kulturali u ekoloġiku. Il-vitalità sublimi li jirraffigura l-baħar fit-TS u t-TM qed tirrappreżenta l-labirint tal-ħajja u l-evanexxenza tal-istadji f'dan it-traġitt, 'strange', 'complication', 'relieve.'

It-traduzzjoni taż-żewġ poeżiji ta' Gatt li huma viċin ħafna tat-TS, iwaħħdu l-ħajja mal-enerġija kinetika u sublimi tal-baħar bil-pekularjità u l-kumbinazzjonijiet tiegħu, li fl- istess waqt jikkuntrastaw mal-iskadenza tal-essru. Għaldaqstant, it-traduzzjoni tax-xbihat marittimi bħala simbolu kulturali tista' tidħol fid-djalogu ekoloġiku għax taċċenna għall-ħajja fluwida, imprevedibbli u kumplessa, li għandha tħares l-elementi naturali li jimxu fl-istess passi tal-istadji tal-ħajja tagħha. Barra minn hekk, l-orizzont tal-poeżiji ma jwassalx sal- estetiku jew il-lingwistika biss, iżda jipparteċipa fid-djalogu ekoloġiku li jagħraf l-importanza tal-baħar bħala simbolu ta' ħajja fluwida, imprevedibbli u kumplessa. Għaldaqstant, din il- perspettiva tqajjem mistoqsijiet dwar ir-responsabbiltà tal-essru quddiem l-element naturali, li huma fundamentali għall-ħajja tal-baħar u anke għall-proċess tat-traduzzjoni bħala interazzjoni ekoloġika.

## 6.5. Konklużjoni

It-traduzzjoni ta' dawn il-poeżiji għaddiet mill-għarbiel biex tintgħaġen fid-diskors tat-Traduzzjoni Ekoloġika u l-Istudji Umanistiċi Blu. Ċerti għażliet fit-traduzzjoni ħarġu tendenzi tal-femministi postumanisti li juniversalizzaw il-fluwidità, oħrajn juru l-fluwidità tal-baħar tieħu s-sura tal-ġisem u fl-aħħar l-essru nnifsu ġie identifikat fluwidu bħall-baħar. Fi kliem Hans J. Vermeer (2012, p. 219), l-"iskopos" tat-traduzzjoni tat-testi turi li l-għan kien li jiġi rifless il-kontenut tat-TS aktar milli jiġi kkostruwit test b'għan ieħor, iżda ċerti differenzi jirriflettu għanjiet oħra, fosthom ekoloġiċi. Għaldaqstant, it-traduzzjoni sservi ta' għodda biex jgħaddi s-sens ta' kullana ta' iġsma fluwidi li għandu jappella lill-qarrejja jħarsu l-ambjent marittimu.

## 7. Multiplikazzjoni mewwieġa?

Serpil Opperman (2023, p. 1) issostni li t-theddid li qed jaffaċċja l-baħar u ekosistemi oħra tal-ilma mhumiex ikkawżati biss minn kwistjonijiet naturali jew tekniki, iżda għandhom għeruq profondi fl-istrutturi tal-poter, fil-valuri u l-attitudni tal-bnedmin. Il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet spiċċaw staġnati fit-tajn tal-ħsieb kapitalista u ma jistgħux jew m'għandhomx rieda li jipprijoritizzaw il-benessri ekoloġiku. Għaldaqstant, Opperman, bħal oħrajn li ġew diskussi fil-kapitali preċedenti, pereżempju Mentz (2024, p. 24), Dorbin (2021, p.64), Boswell (2022, p. 5) u Caserta (2022, p. 22), jisħqu li l-istudjużi tal-Istudji Umanistiċi Blu josservaw li l-problemi ewlenija huma soċjali u kulturali, u għalhekk jgħidu li l-unika possibbiltà li toffri tama trid tiffoka fuq dawn iż-żewġ aspetti, "since our perceptions and ideas of water bodies are culturally shaped, as many scholars affirm, the best way to change the way people behave is to change the way they think."

It-teżi stħarrġet dan l-aspett tal-Istudji Umanistiċi Blu f'sinfonija mal-idea li nibtet minn Michael Cronin (2024, p. 9) li jħares lejn l-interdipendenza tal-effetti tal-kriżi klimatika, u s-soluzzjoni għaliha mhijiex ħlief it-traduzzjoni. Għaldaqstant, jenfasizza li t- traduzzjoni mhux biss hija għodda biex titkellem ma' xi ħadd b'lingwa oħra, iżda hija l-muftieħ ewlieni biex in-nies jifhmu lil xulxin u jinfirex l-għarfien bejn il-pajjiżi, "Translation is also 'made to connect ideas' and of the ideas that has come to the fore in the contemporary world is that of climate change" (Cronin, 2016, p. 1). L-importanza tal-lingwi għall-kuntest tal-kriżi klimatika matul l-istudju ntweriet ukoll bit-traduzzjoni tal-enċikliċi u anke bid- diskors bit-Taljan ta' Sandra Gauci (ara kapitlu 5, sezzjoni 5.4) dwar it-teħid tal-ġid marittimu komuni.

It-teżi għażlet li tistħarreġ dawn iż-żewġ dixxiplini permezz tax-xbihat tradotti minn poeżiji Maltin għall-Ingliż. L-erba' poeti kontemporanji Maltin li ntgħażlu jittrattaw it-tema

tal-baħar b'diversi modi, u t-traduzzjonijiet tal-poeżiji wkoll ħarġu aspetti intriganti u differenti fil-kuntest ekoloġiku. Għad li l-poeżiji ta' Grech/Mangion u Ellul/Gatt ma jittrattawx il-kriżi klimatika, jirrikonoxxu t-tensjonijiet u r-relazzjoni mill-qrib li nibnu mal- ambjent akkwatiku. Dan jallinja wkoll mal-Istudji Umanistiċi Blu li jitlob lill-individwi jirriflettu b'mod kritiku fuq ir-rabta mal-ambjent marittimu, speċjalment bil-kriżijiet ambjentali u politiċi li jiġu ffaċċjati, "The imperiled liveliness of waterscapes thus urges us to reimagine the collective story of conflicting and intimate terraqueous relationalities and to think through and across our contemporary situation against the present knowledge systems" (Opperman, 2023, p.12).

L-analiżi tat-traduzzjoni ħarset lejn kif il-metafori b'rabta marittima dehru fiż-żewġ verżjonijiet, u jekk ġietx impinġija b'mod differenti fil-verżjoni Ingliża. L-istħarriġ ħareġ li ż-żewġ verżjonijiet jittantaw jisfidaw il-firda bejn l-art u l-baħar, għaliex fl-analiżi ta' poeżiji bħal 'Jien u Int' u 'Kliem' ta' Elizabeth Grech u t-traduzzjoni li saret għal 'Todo Relación' juru l-interdipendenza tal-art u l-baħar jew l-art u l-ilma b'mod ġenerali. Dan jimxi pari passu mal-għanijiet tal-Istudji Umanistiċi Blu wkoll li juru li l-bniedem jeħtieġ iħares lejn l-għaqda bejn il-baħar u l-art minħabba li ħafna drabi jitqiesu bħala żewġ entitajiet separati, "help bridge the biocultural separation between the land and the sea, situating our thinking within the crises-ridden and traumatized Anthropocene seas" (Opperman, 2023, p.6).

Wieħed mill-għanijiet ta' din it-teżi kien li tinxteħet l-attenzjoni fuq testi li b'xi mod jew ieħor huma marbuta mal-ekoloġija. Dan ġiegħel l-istudju juża approċċi differenti billi għax saret analiżi komprattiva u jidħol l-element prattiku bit-traduzzjoni tas- sitt poeżiji mill-ġabra *Riħ min-Nofsinhar.* Dan għaliex imissu direttament mal-kriżi klimatika u t-teżi riedet isservi ta' bażi għat-teorija tagħha stess billi tagħżel kitbiet impenjati bl-attiviżmu ekoloġiku u minħabba li t-traduzzjoni għall-Ingliż tista' tifrex il-prodotti lokali mal-globu. Terġa' u tgħid, it-traduzzjoni ħadet ħsieb li tuża lingwaġġ li jixhed l-urġenza u s-serjetà tal-kwistjoni billi

baqgħet qrib ħafna tat-Test Sors billi tellgħet fil-wiċċ il-motif taż-żieda fil-livell tal-baħar, il-kriżijiet politiċi u saħansitra l-effetti soċjoekonomiċi tal-komunitajiet kostali.

Apparti l-għażla tat-testi impenjati ekoloġikament, l-istudju ta ħarsa lejn il-lingwaġġ użat li jista' jtaffi jew iqawwi s-sens ekoloġiku tat-test. Dan għaliex bħalma diġà ġie rrimarkat, id-deċiżjonijiet lingwistiċi mhumiex arbitrarji, iżda jistgħu jġorru implikazzjonijiet ekoloġiċi jew politiċi. Dan l-aspett intwera l-aktar fil-kapitlu "Il-Kullana tal-Iġsma Fluwidi" fejn ġie konkluż li ċerti għażliet lingwistiċi fit-traduzzjoni jallinjaw mal-fehmiet femministi postumanisti bħal ta' Neimanis (2017, p. 69) li juniversalizzaw il-fluwidità u jistiednu lill-qarrejja jħarsu lejn l-element bħala parti mill-eżistenza tagħhom. L-idea postumanista tidwi wkoll fl-Istudji Umanistiċi Blu għax Oppermann (2023, p. 12) tgħid li l-entitajiet naturali għandu jkollhom id-drittijiet tagħhom infushom, "water in every form has a right to flow unimpeded, and glaciers have a right to remain intact." Aktar minn hekk, l-istudju ma sabx istanzi fejn l-element ekoloġiku tal-verżjoni Maltija ġie ridott fit-traduzzjoni.

Xi limitazzjonijiet li għandu l-istudju jinkludu l-ammont relattivament żgħir ta' poeżiji analizzati u l-ħarsa speċjalizzata fuq it-traduzzjonijiet għall-Ingliż, li jista' jillimita l-ġeneralizzazzjoni tas-sejbiet. Ta' min jgħid ukoll li s-suġġettività tal-analiżi letterarji, partikolarment l-interpretazzjoni tal-metafori u l-emozzjonijiet li jiġġeneraw, għandha wkoll titqies bħala limitazzjoni potenzjali tal-istudju. Naturalment, dan l-istudju huwa biss ftit ħafna minn dak li jista' jsir fuq is-suġġett. Riċerkaturi oħra għandhom l-opportunità li jibnu fuq din it-teżi billi jaqbdu l-istess poeżiji u jistħarrġuhom b'lingwi oħra, kemm dawk li diġà ġew tradotti kif ukoll dawk li għad iridu jinqalbu. Barra minn hekk, l-istudju jista' jħares ukoll lejn traduzzjonijiet ta' poeżiji Maltin minn perjodu ieħor pereżempju tingħata ħarsa lejn il-poeżiji Romantiċi u jiġu analizzati x- xbihat tal-baħar li setgħu ġew tradotti b'kuxjenza aktar ekoloġika. Minħabba li l-fowkus tal- istudju kien il-poeżija, jista' saħansitra jiġi studjat l-istess

suġġett f'ġeneru ieħor jew jiġi tradott xi rumanz għall-Malti li jamplifika l-element akkwatiku bħal *There Are Rivers in the Sky* ta' Elif Shafak.

Iż-żewġ kapitli analitiċi jikkontribwixxu għall-għanjiet tal-istudju b'modi differenti iżda jingħaqdu f'nisġa waħda. Ix-xogħol fil-kapitlu "Ġrieħi Mielħa Jimmultiplikaw" jittratta poeżiji li jintrabtu direttament mal-kriżi klimatika u juru r-rabta tal-element marittimu ma' diversi komunitajiet. Fl-istess waqt, jiġu proġettati l-effetti drammatiċi li tista' tħalli l-katastrofi ambjentali. B'differenza, il-kapitlu segwenti "Il-Kullana tal-Iġsma Fluwidi" jittratta poeżiji li mhumiex marbuti direttament mal-kriżi klimatika iżda jinqdew bil-baħar u l-ilma biex iwasslu sentimenti umani li skont l-interpetazzjoni li ġiet addottata, juniversalizzaw il-fluwidità u xi drabi l-ispazju korporali jiġi deskritt minn lenti akkwatika. Għaldaqstant, dawn iż-żewġ approċċi għandhom mnejn jaffettwaw qarrejja b'modi differenti sabiex titnissel aktar reverenza u sensittività lejn il-baħar, iżda mhux biss, anki lejn iċ-ċiklu akkwatiku b'mod sħiħ.

Bħalma jsostni Gengshen Hu (2020, p. 185) b'ispirazzjoni mill-filosofija ta' Konfuċju, l-għarfien huwa neċessarju għax jixpruna l-azzjoni, għalkemm finalment l-azzjoni għandha sinifikat akbar għax l-għarfien jittrasforma b'xi ħaġa li tista' tħalli impatt. Fuq kollox, it-traduzzjoni tal-letteratura, bħall-poeżiji mistħarrġa f'dan l-istudju, tista' biss ixxerred l-għarfien u tqajjem kuxjenza. Il-bidla sseħħ biss meta tittieħed azzjoni u l-attitudni tkun aħjar, "action produces the effect of knowledge, while knowledge does not produce the effect of action" (Gengshen Hu, 2020, 185). Għaldaqstant, pass ieħor li jista' jsir wara dan l- istudju huwa li tiġi organizzata attività ta' qari ta' poeżiji b'rabta marittima fejn il-baħar stess sabiex il-messaġġ jinxtered aktar u l-attiviżmu ekoloġiku jittieħed fuq livell ieħor. Aktar minn hekk, dawn il-poeżiji jistgħu jkunu għodda għal istituzzjonijiet edukattivi biex iqajmu dibattitu fuq is-suġġett bejn l-istudenti u jiġu kkunsidrati wkoll min dawk li jfasslu l-politiki sabiex jgħinu l-messaġġ jinxtered.

It-Traduzzjoni Ekoloġika mżewqa mal-Istudji Umanistiċi Blu f'dan l-istudju mhux biss iservu ta' pont estensiv biex tinxtered il-vuċi kulturali u ekoloġika tal-poeżiji Maltin, imma tinkwadra l-element marittimu fiċ-ċiklu tal-ilma li jimmanifesta f'diversi aspetti oħra bħall-għargħar u d-deżertifikazzjoni. Aktar minn hekk, it-traduzzjoni tinforza modi ġodda biex il-bniedem jinteraġixxi u jaħseb mill-perspettiva tal-ilma u strateġiji oħra biex jiġu rrappreżentati l-urġenzi kontemporanji li jintrabtu mar-relazzjoni tal-bnedmin u l-ilma fil-multivalenza kulturali tagħhom (Oppermann, 2023, p. 4). Fuq kollox, il-problemi ekoloġiċi li qed jaffaċċjaw l-iġsma tal-ilma huma tant immultiplikati u severi li ma jeħtiġux biss aktar politiki xjentifiċi ġodda, iżda aktar stejjer kulturali ġodda fuq il-baħar jew l-ilma b'mod ġenerali (Oppermann, 2023, p. 13).

## 8. Referenzi

ABULAFIA, D., 2005. Mediterraneans. In: W.V. Harris, ed. *Rethinking the Mediterranean*. Oxford: Oxford University Press, pp. 64–93.

ADHAMI, P., 2023. Translation and climate change: An ecocritical approach to translation of Moana and Frozen II into Farsi. *International Journal of Applied Linguistics and Translation,* 9(2), pp. 56–67.

ADPD., 2025. Sandra Gauci during the Mare Libero conference in Napoli. Facebook. Disponibbli minn: www.facebook.com/reel/534339149315932 [Apr 10, 2025].

AQUILINA, Ġ., 1987. *Maltese-English Dictionary I.* Malta: Midsea Books.

ARISTOTLI., 2012. Dwar l-Arti tal-Poeżija. Tradott minn K. Serracino. BDL.

BALZAN, J., 2024. WATCH: Malta's third loggerhead turtle nest hatches under thunderous skies. *Newsbook.* Disponibbli fuq: newsbook.com.mt/en/watch-maltas-third-loggerhead-turtle-nest-hatches-under-thunderous-skies/ [Mar 3, 2025].

BARNETT, J. u CAMPBELL, J., 2010. *Climate change and small island states: Power, knowledge and the South Pacific*. L-1 ed. Londra: Earthscan.

BASSNETT, S., 1998. Transplanting the Seed: Poetry and Translation. F': S. BASSNETT and A. LEFEVERE, eds. *Constructing Cultures: Essays on Literary Translation*. Multilingual Matters.

BECKEN, S. u HAY, J., 2012. *Climate Change and Tourism: From Policy to Practice.* Routledge.

BENNETT, N.J., GOVAN, H. u SATTERFIELD, T., 2015. Ocean grabbing. *Marine Policy,* 57, pp. 61–68.

BERKOBIEN, M., 2020. *(E)co-Translation: Toward a Collective Task*. Teżi tal-PhD. University of Michigan.

BERMAN, A. u VENUTI, L., 1985. Translations and the trials of the foreign. F': L. Venuti, ed. *The Translation Studies Reader*, pp. 247–260.

BHABHA, H.K., 2004. *The Location of Culture*. Routledge.

BLAKESLEY, J., 2014. A brief tour of Western translation theory. *Modern Italian Poets: Translators of the Impossible.* University of Toronto Press.

BLANFUNÉ, A. et al., 2023. Impact of sea level rise on the Mediterranean Lithophyllum byssoides rims. *Scientific reports*, (13), pp. 1–13.

BOHUSLAV, I., 1970. On Translating Images. F': J.S. HOLMES, ed. *The Nature of Translation: Essays on the Theory and Practice of Literary Translation*. Slovak Academy of Sciences.

BORUNDA, A., 2024. 'Europe's intense rainfall in September twice as likely thanks to climate change', NPR. [online] Disponibbli fuq: www.npr.org/2024/09/25/nx-s1-5123674/europes-intense-rainfall-in-september-twice-as-likely-thanks-to-climate-change [Jan 26, 2025]

BOSWELL, R., 2022. Introduction: Blue heritage, human development and the climate crisis. F': R. BOSWELL, D. O'KANE and J. HILLS, ed, *The Palgrave Handbook of Blue Heritage*. Palgrave Macmillan, pp. 1–10.

BRADY, E., 2013. *The Sublime in Modern Philosophy: Aesthetics, Ethics and Nature.* Cambridge University Press.

BRAUDEL, F., 1995. *The Mediterranean: And the Mediterranean world in the age of Philip II*. Tradott minn S. Reynolds. University of California Press.

BRIFFA, C., 2015. *Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija: It-Transfer Kreattiv fit-Traduzzjoni bil-Malti.* Horizons.

BRYNDUM-BUCHHOLZ, A. et al., 2019. Twenty-first century Climate Change impacts on marine animal biomass and ecosystem structure across ocean basins, *Global Change Biology,* 25(2), pp. 459–472.

BURTON, R., 1988. *The Art of Translating Poetry.* Pennsylvania State University Press.

CAIMOTTO, M.C., 2020. Anglicisms in Italian environmentally friendly marketing. F': M. JI, ed. *Translating and Communicating Environmental Cultures*. Routledge, pp. 202–217.

CARSON, R.L., 1951. *The Sea Around Us.* Oxford University Press.

CARRINGTON, D., 2019. Why the Guardian is changing the language it uses about the environment. *The Guardian* [Online]. Disponibbli minn: www.theguardian.com/environment/2019/may/17/why-the-guardian-is-changing-the-language-it-uses-about-the-environment [Jan 25, 2025].

CASERTA, S., 2022. *Narratives of Mediterranean spaces: literature and art across land and sea*. Palgrave Macmillan.

CASSAR, A., 2009. Riħ min-Nofsinhar. *World Literature Today*, 83(3), pp. 70–71.

CHEN, Y. u MAI, R., 2024. Rising tides: Long-term impact of sea level rise on marine ecosystems. *International Journal of Marine Science,* 14(2), pp. 102–110.

CIANTAR, M., 2012. *Investigating the socio-economic impact of jellyfish outbreaks in small island states.* Teżi għall-Grad tal-Maġisteru. L-Università ta' Malta.

CILIA, M., 2025. Ecological harm caused by Comino hotel project developers revealed days before PA decision. *Newsbook* [Online]. Disponibbli fuq: newsbook.com.mt/en/ecological-harm-caused-by-comino-hotel-project-developers-revealed-days-before-pa-decision/ [Apr 10, 2025].

CINELLI, A. AND GAVIN, J., 2024. After yacht sinks, experts say Mediterranean growing more dangerous. *Reuters*, [online]. Disponsibbli fuq: www.reuters.com/world/europe/after-yacht-sinks-experts-say-mediterranean-growing-more-dangerous-2024-08-20/ [Jan 6, 2025].

CIXOUS, H., COHEN, K. u COHEN, P., 1976. The Laugh of the Medusa. *Signs*, 1(4), pp. 875–893.

CORDINA, J.P., 2025. Overtourism? February tourist numbers exceed any month before 2013. *Newsbook* [Online], April. Disponibbli fuq: newsbook.com.mt/en/overtourism-february-tourist-numbers-exceed-any-month-before-2013/ [Apr 12, 2025].

CRONIN, M., 2016. *Eco-Translation: Translation and ecology in the age of the Antropocene*. Routledge.

DE DOMINICIS, R., 2025. World News in Brief: Deaths on the Mediterranean, rights in Venezuela, new Security Council members take their seats. *Peace and Security*, 2 January. Disponibbli fuq: news.un.org/en/story/2025/01/1158696 [Jan 4, 2025].

DIRSCHAUER, M., 2023. Modernist Waterscapes: Water, Imagination and Materiality in the Works of Virginia Woolf. Palgrave Macmillan (Geocriticism and Spatial Literary Studies).

DORBIN, S.I., 2021. *Blue ecocriticism and the oceanic imperative*. Routledge.

ELLUL, D., 2025. Time to revise Gozo's system of government?. *Times of Malta [Online]*. Disponibbli fuq: timesofmalta.com/article/gozo-government-council-minister-mp-chris-said.1103170 [Jan 2, 2025].

ELLUL, L., 2013. Riflessjonijiet dwar il-Mediterran: Ħarsa mill-qrib lejn żewġ xogħlijiet letterarji. *Leħen il-Malti*, (32), pp. 112–116.

ELLUL, L., 2020. *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla.* Merlin Publishers.

ELLUL, L., n.d. On blue, trad. A. Gatt. *Asymptote*. Disponibbli fuq: www.asymptotejournal.com/poetry/the-blue-room-inventory-leanne-ellul/ [Jan 10, 2025].

ELLUL, L., n.d. On telling[1], trad, A. Gatt. *Mediterranean Poetry.* Disponibbli fuq: www.odyssey.pm/contributors/leanne-ellul/ [Diċ 12, 2025].

ELLUL, L., n.d. On telling[2], trad, A. Gatt. *Mediterranean Poetry.* Disponibbli fuq: www.odyssey.pm/contributors/leanne-ellul/ [Diċ 12, 2025].

ELLUL, L., n.d. On within, trad, A. Gatt. *Mediterranean Poetry.* Disponibbli fuq: www.odyssey.pm/contributors/leanne-ellul/ [Diċ 12, 2025].

ELLUL, L., n.d. On your hand, trad, A. Gatt. *Mayday.* Disponibbli fuq: maydaymagazine.com/two-poems-by-leanne-ellul-translated-from-maltese-by-albert-gatt/ [Diċ 12, 2025].

ELSNER, M., ATKINSON, G. u ZAHIDI, S., 2025. The Global Risks Report 2025. *World Economic Forum*, (20), pp. 1–104.

FELSTINER, J., 1980. *Translating Neruda: The Way to Macchu Picchu.* Standford University Press.

FITTS, D., 1959. The Poetic Nuance. In R.A. Brower, ed. *On Translation.* Harvard University Press.

FRIGGIERI, O., 1986. *L-Idea tal-letteratura*. Il-Belt Valletta: Pubblikazzjoni Bugelli.

FRIGGIERI, O., 2015. Il-Kantilena ta' Pietru Caxaru: Stħarriġ Kritiku. F': M. Montebello, ed. *Pietru Caxaru u l-Kantilena tiegħu*. It-2 ed. Pubblikazzjoni Faraxa.

FROST, R., 2024. Jellyfish could be one marine creature that benefits from climate change. *Euronews* [Online]. Disponibbli fuq: www.euronews.com/green/2024/05/17/jellyfish-could-be-one-marine-creature-that-benefits-from-climate-change [Apr 27, 2025].

GAMBIN, T., 2003. The maritime heritage of Malta: past, present and future. *Transactions on the Built Environment*, pp. 3–15.

GAMBIN, T., 2015. The Maltese Islands and the sea in antiquity. F': A. BURGESS, ed. *The Maltese Islands and the Sea*. Malta: Midsea Books, pp. 1–20.

GARCÈS VALERO, C., 2011. Ecocriticism and translation. *Odisea: Revista de Estudios Ingleses*, (12), pp. 257–272.

GENGSHEN HU, H., 2020. *Eco-Translatology: Towards an Eco-Paradigm of Translation Studies*. Springer.

GHOSH, D., 2023. Aftermath of Calamities on Migration. F': P. SINGH, B. AO, u A. YADAV, eds, *Global Climate Change and Environmental Refugees: Nature, Framework and Legality*. Springer, pp. 1–18.

GILLIS, J.R., 2004. *Islands of the Mind*. New York: Palgrave Macmillan.

GILLIS, J.R., 2013. The blue humanities: In studying the sea, we are returning to our beginnings. *Humanities: The Magazine of the National Endowment for the Humanities*, 34(3).

GÖKSENIN, A. u BÜŞRA, Y., 2017. English Translations of Birkan Keskin: A metaphor-based approach to poetry translation. *Litera*, 2017(2), pp. 45–63.

GRECH, E., 2019. *bejn baħar u baħar*. Merlin Publishers.

GRECH, E., 2023. *Between Seas*. Tradott minn Irene Mangion. Paperwall Publishing.

GRIMA, A., 2003. *Dominant Metaphors in Maltese Literature*. Teżi tal-PhD. University of Malta.

GRIMA, A., 2008. Precariousness and the Erasure of the Mediterranean. F': P.G. Xuereb, ed. *The Fight Against Poverty*. Malta: EDRC, pp. 191–209.

GRIMA, A., 2022. Il-baħar. In: L.ELLUL u C. GAUCI, preżentaturi. *Lela: Kliem u noti u l-bejniet* [Programm tar-radju]. Campus FM.

GRIMA, A. u MIFSUD, I. (eds)., 2008. *Riħ Min-Nofsinhar: It-tibdil fil-klima skont Immanuel Mifsud u Adrian Grima. Malta:* Skarta.

GROSSMAN, E., 2010. Why translation matters. Yale University Press.

GUDYNAS, E., 2011. Buen Vivir: Today's Tomorrow. *Development*, pp. 441–447.

HARWOOD, M., 2023. Malta and climate change: Balancing opportunities with limitations. F' M. KAEDING, J. POLLAK, u P. SCHMIDT, ed, *Climate Change and the Future of Europe: Views from the Capital*. Springer, pp. 81–84.

HADDI, L., 2019. Tackling difficulties in translating culture-bound metaphor in Nizar Qabbani's poetry: A comparative study. *Ethical Lingua*, 6(2), pp. 59–71.

IL-PAPA FRANĠISKU., 2024. *Laudato Si': Ittra enċiklika tal-Qdusija Tiegħu Franġisku dwar l-għożża tad-dar komuni.* Tradotta minn F.P. Attard. Konferenza Episkopali Maltija.

JAKOBSON, R., 1959. On linguistic aspects of translation. F': L. Venuti, ed. *The Translation Studies Reader.* Ir-4 ed. London and New York: Routledge, pp. 156–161.

JI, M., 2020. Exploring the translation, diffusion, and reception of Under the Dome in the media. In M. Ji, ed. *Translating and Communicating Environmental Cultures.* Routledge.

KELLY-HOLMES, H., 2000. 'Bier, parfum, kaas: language fetish in European advertising', *European Journal of Cultural Studies*, 3(67), pp. 67–82.

KERSHAW, S., 2022. The Sirens. F': J.K. JACKSON, ed, *Tales of Heroes, Gods & Monsters*. Flame Tree Publishing, pp. 105–107.

KHOTIMSKY, M., 2016. Why did I sell my best years for somebody else's words?: Soviet-era metaphors of translation in theory and in poetry. *Translation and Interpreting studies*, 11(1), pp. 4–22.

KLEIN, N., 2014. *This Changes Everything: Capitalism vs. the Climate.* Toronto: Alfred A. Knopf Canada.

KLOOSS, W., 2014. Coast and Beach: Contested Spaces in Cultural and Literary Discourse. F' A.M.. HORATSCHEK, Y. ROSENBERG u D. SCHÄBLER, ed, *Navigating Cultural Spaces: Maritime Places.* Rodopi, pp. 195–220.

LAKOFF, G. AND JOHNSON, M., 1980. *Metaphors We Live By.* The University of Chicago Press.

LEFEVERE, A., 1992. *Translating Literature: Practice and Theory in a Comparative Literature Context.* The Modern Language Association of America.

LEOPARDI, E.R., 1959. Landmarks in the history of Marsa. *Malta Yearbook*, pp. 187–191.

MAHARAJ, B., 2024. Climate change and human displacement: Some reflections from Africa. F' *Climate Change and Regional Socio-Economic Systems in the Global South; Resilience Strategies for Sustainable Development.* Springer.

MALTA TOURISM AUTHORITY., 2021. *Recover, Rethink, Revitalise; Malta Tourism Strategy 2021-2030.* Malta: Tourism Authority.

MATHIESON, C., 2016. Introduction: The Literature, history and culture of the sea, 1600-Present'. F': C. MATHIESON, ed. *Sea Narratives: Cultural Responses to the Sea, 1600-Present*. Palgrave Macmillan.

MENTZ, S., 2019. Shakespeare and the blue humanities. *Studies in English Literature*, 59(2), pp. 383–392.

MENTZ, S., 2024. *An Introduction to the blue humanities*. New York: Routledge.

MENOZZI, F., 2020. Blue sublime and the time of capital. *Humanities*, 9 (1), pp. 1–12.

MUSOLFF, A., 2014. Metaphor and intercultural communication. F': F. MacArthur and G. Pagani, ed, *Metaphor and Intercultural Communication*. London: Bloomsbury.

NEIMANIS, A., 2017. *Bodies of Water: Posthuman Feminist Phenomenology*. Bloomsbury Academic (Environmental Cultures).

NEIMANIS, A., 2018. Posthuman Phenomenologies for Planetary Bodies of Water. F': R. BRAIDOTTI u C. ASBERG, ed, *A Feminist Companion to the Posthumanities*. Springer, pp. 55–67.

NEWMARK, P., 1988. *A Textbook of Translation.* Longman.

ODENT, M., 1993. Man, the Womb and the Sea: The Roots of the Symbolism of Water. *Pre- and Perintal Psychology Journal*, 7(3), pp. 187–193.

OPPERMANN, S., 2023. *Blue Humanities: Storied Waterscapes in the Anthropocene.* Cambridge University Press.

POVITKINA, M., 2018. The limits of democracy in tackling climate change. *Environmental Politics*, 27(3), pp. 411–432.

RICOEUR, P., 2003. *The Rule of Metaphor: The Creation of Meaning in Language*. Tradott minn R. Czerny, K. McLaughlin, u J. Costello. Routledge Classics.

ROZWADOWSKI, H.M., 2018. *Vast Expanses: A History of the Oceans*. L-1 ed. London: Reaktion Books Ltd.

SANT, A., 2023. Development and the Gozitan identity. *Fehmiet u għarfien*. Progress Press, pp. 104–122.

SAPIR, E., 2001. Language and Environment. F': A. FILL u P. MÜHLHÄUSLER, eds. *The ecolinguistics reader: language, ecology, and environment*. London, New York : Continuum, pp. 13–23.

SCIBERRAS, I.V., 2023. Ir-Rumanzi Dwar is-Snin Tmenin minn Lenti Kontemporanja. Teżi tal-Baċellerat. L-Università ta' Malta.

SCHÄFFNER, C., 2007. Politics and Translation. F' P. KUHIWCZAK, K. LITTAU, ed, *A Companion to Translation Studies*. Ir-Renju Unit: Cromwell Press Ltd, pp. 134–147.

SHAFAK, E., 2024. *There are Rivers in the Sky.* Penguin Books.

SHERRY, S., 2013. *Cities in Translation: Intersections of Language and Memory.* Routledge.

SIMANTIRIS, N., 2024. The impact of climate change on sea turtles: Current knowledge, scientometrics, and mitigation strategies. *Science of the Total Environment*, 923, pp. 1–15.

SLOVIC, S., 2016. Narrative scholarship as an American contribution to global ecocriticism. In: H. ZAPF, ed. *Handbook of criticism and cultural ecology*. Berlin; Boston: De Gruyter.

STEINBERG, P.E., 2001. *The social construction of the ocean*. Cambridge University Press.

STIBBE, A., 2015. *Ecolinguistics: Language, ecology and the stories we live by*. Routledge.

SULLIVAN, C., 2019. Poetry Translation. F': K. WASHBOURNE u B.V. WYKE, ed, *Routledge Handbook of Literary Translation*. Routledge: London and New York.

THIEME, J., 2016. *Postcolonial Literary Geographies: Out of Place*. Palgrave Macmillan.

VAN DEN BROECK, R.,1981. The limits of translatability exemplified by metaphor translation. *Poetics Today*, 2(4), pp. 73–87.

VASSALLO, C., 2013. Keep to the Local or Aim for the Global? Issues at the Borders of a Minority Language. F': E. ZUCCATO, T. PARKS, ed, *Beyond Borders: Global Literature and Translation*. L-Italja: Carocci, pp. 35-56.

VERMEER, H.J., 2012. Skopos and Commission in Translational Action. F': L. Venuti, ed. *The Translation Studies Reader*. Ir-4 ed. Tradott minn A. Chesterman, Routledge, pp. 219-230.

WAARD, J. DE., 1973. Biblical metaphors and their translation. *Melieta Theologica*, 25, pp. 13–25.

WHORF, B.L., 1965. *Language, thought and reality*. Editjat minn J.B. CARROLL. The M.I.T Press.

WICK, A., 2013. Narcissus: woman, water and the West. *Feminist Review*, (103) pp. 42–57.

ZDRULI, P. AND ZIADAT, F., 2024. Promoting food security in the Mediterranean through integrated land use planning and sustainable management of land and water. F': S. Dernini and R. Capone, ed, *Sustainable Food Systems: Change of Route in the Mediterranean*. Ciheam Bari, pp. 62–71.

ZHAO, M. AND GENG, J., 2024. What can translation do for the endangered Earth? - An overview of ecocritical translation Studies. *Trames Journal of the Humanities and Social Scienes*, 28(78/73), pp. 37–51.